# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 345

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

20 ta' Diċembru 2016


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2301 tat-8 ta' Diċembru 2016 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Olio di Calabria (IĠP)]** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2302 tat-8 ta' Diċembru 2016 li japprova emenda mhix minuri tal-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pomodoro di Pachino (IĠP)]** ..... 3

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2303 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju li jikkonċerna importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja** ..... 4

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2304 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-modalitajiet, l-istruttura u l-indikaturi tal-frekwenza u tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' kwalità tad-dejta trażmessa skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1] ..... 27

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2305 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 37

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2306 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jiffissa l-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 u li jistipula l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 533/2007 fis-settur tal-laħam tat-tjur ..... 39


[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2307 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jiffissal-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 u li jistabbilixxi l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 fis-settur tal-laħam tat-tjur ..... 42

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2308 tad-19 ta' Diċembru 2016 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandha tapplika għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 għal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Ukrajna ..... 45

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/2309 tas-16 ta' Diċembru 2016 li tadatta għar-raba' darba l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi skont il-progress xjentifiku u tekniku** (1) ..... 48

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2310 tas-17 ta' Ottubru 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan, inkluż il-Patt** ..... 50

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2311 tat-8 ta' Diċembru 2016 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri** ..... 53

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2312 tat-8 ta' Diċembru 2016 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija u lir-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Peru mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri** ..... 56

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2313 tat-8 ta' Diċembru 2016 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri** ..... 59

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2314 tad-19 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA)** ..... 62

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2315 tad-19 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina** ..... 65

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2316 tas-16 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1849 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni ta' organiżmi ta' ħsara fir-rigward ta' ċertu ħxejjex tal-ikel li joriġinaw fil-Ghana** ..... 66

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2317 tas-16 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2008/294/KE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/654/UE, biex tiġi ssimplifikata l-operazzjoni tal-komunikazzjoni mobbli abbord l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA) fl-Unjoni** *(notifikata bid-dokument C(2016) 8413)* (1) ..... 67

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2318 tas-16 ta' Diċembru 2016 dwar deroga mir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti bijoċidali li fihom il-brodifakum mogħtija minn Spanja skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2016) 8414)* ........ 72

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2319 tas-16 ta' Diċembru 2016 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżjorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri għas-sena kalendarja 2015 skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2016) 8579)* ........ 74

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2320 tas-16 ta' Diċembru 2016 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżjorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2015 skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2016) 8583)* ........ 96

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2321 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format taċ-ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti** [1] ........ 112

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2322 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format tad-dikjarazzjoni tat-tlestija tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti** [1] ........ 117

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 tad-19 ta' Diċembru 2016 li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti** [1] ........ 119

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2324 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format tar-rapport tal-bidu previst tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti** [1] ........ 129

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2325 tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar il-format taċ-ċertifikat dwar l-inventarju tal-materjali perikolużi maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti** [1] ........ 131

---

**Rettifika**

★ **Rettifika tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin** (ĠU L 315, 1.12.2015) ........ 136

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (ĠU L 167, 25.6.2011) ........ 144

---

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2301

**tat-8 ta' Diċembru 2016**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Olio di Calabria (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Italja biex id-denominazzjoni "Olio di Calabria" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi l-Kummissjoni ma waslitilha l-ebda stqarrija ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Olio di Calabria" għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Olio di Calabria" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tidentifika prodott tal-klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żjut, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 ([3]).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 343 du 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU C 304 du 20.8.2016, p. 46.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Phil HOGAN
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2302

## tat-8 ta' Diċembru 2016

## li japprova emenda mhix minuri tal-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pomodoro di Pachino (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Pomodoro di Pachino", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2003 ([2]) kif emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 675/2013 tal-Kummissjoni ([3]).

(2) Peress li l-emenda kkonċernata mhix minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(3) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni b'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar id-denominazzjoni "Pomodoro di Pachino" (IĠP) hija approvata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Phil HOGAN

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2003 tal-4 ta' April 2003 li jissupplimenta l-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-Reġistru ta' nomini protetti ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti li għalihom jipprovdi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u nomini ta' oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (Carne dos Açores, Borrego do Nordeste Alentejano, Carne de Porco Alentejano, Pomodoro di Pachino, Uva da tavola di Mazzarrone) (ĠU L 89, 5.4.2003, p. 3).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 675/2013 tal-15 ta' Lulju 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni għal denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pomodoro di Pachino (IĠP)] (ĠU L 194, 17.7.2013, p. 1).

([4]) ĠU C 271, 26.7.2016, p. 5.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2303

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## li jimponi dazju antidumping proviżorju li jikkonċerna importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu.

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

### 1. IL-PROĊEDURA

#### 1.1. Il-bidu

(1) Fil-31 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") fetħet investigazzjoni antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja ("il-Belarussja", jew "il-pajjiż ikkoncernat") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([2]) ("ir-Regolament bażiku"). In-Notifika ta' Bidu ġiet ippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]) ("in-Notifikazzjoni ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fil-15 ta' Frar 2016 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar, ("l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw 44 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos. Ma resaq l-ebda produttur ieħor biex jesprimi xi oppożizzjoni jew pożizzjoni newtrali.

(3) Għalhekk, il-limiti rilevanti kif stabbiliti fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku ([4]) ġew issodisfati fil-mument tat-tnedija tal-każ. Hekk kif l-investigazzjoni tkun miftuħa, mhuwiex neċessarju li l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati permanenti matul l-investigazzjoni kollha. Il-Qorti kkonfermat dan għas-sitwazzjoni fejn kumpanija tirtira l-appoġġ tagħha għall-ilment ([5]); l-istess raġunament japplika b'analoġija f'sitwazzjoni fejn l-ambitu tal-prodott jinbidel.

#### 1.2. Il-partijiet interessati

(4) Fin-Notifikazzjoni ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentaturi, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produttur esportatur wieħed magħruf tal-Belarussja u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Belarussja kif ukoll lil importaturi u utenti magħrufa, rigward il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jieħdu sehem.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).
([3]) In-Notifikazzjoni ta' Bidu ta' proċediment antidumping li jikkonċerna importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belarussja (ĠU C 114, 31.3.2016, p. 3).
([4]) "M'għandhiex tinbeda investigazzjoni taħt il-paragrafu 1 sakemm ma jkunx ġie stabbilit, fuq il-bażi ta' eżami dwar il-grad ta' appoġġ għal, jew ta' oppożizzjoni għal, l-ilment espress mill-produtturi tal-Unjoni tal-prodott simili, li l-ilment kien magħmul minn, jew f'isem, l-industrija tal-Unjoni. L-ilment għandu jitqies li jkun sar minn, jew f'isem, l-industrija tal-Unjoni jekk ikollu l-appoġġ ta' dawk il-produtturi tal-Unjoni li l-produzzjoni kollettiva tagħhom tikkostitwixxi aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-prodott simili prodott minn dik il-porzjoni tal-industrija tal-Unjoni li tesprimi appoġġ jew oppożizzjoni għall-ilment. B'danakollu, l-ebda investigazzjoni m'għandha tinbeda fejn il-produtturi tal-Unjoni li espressament jappoġġaw l-ilment jammontaw għal anqas minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-prodott simili magħmul mill-industrija tal-Unjoni".
([5]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-8 ta' Settembru 2015, il-Kawża C-511/13 P, Philips Lighting Poland S.A. u Philips Lighting BV vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Hangzhou Duralamp Electronics Co., Ltd, GE Hungary Ipari és Kereskedelmi Zrt. (GE Hungary Zrt), Osram GmbH, il-Kummissjoni Ewropea.

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

### 1.3. **Produtturi f'pajjiżi analogi:**

(6) Fin-Notifikazzjoni ta' Bidu, il-Kummissjoni għarrfet ukoll lill-partijiet interessati li kienet qiegħda tipprevedi l-użu tal-Afrika ta' Isfel jew tal-Istati Uniti tal-Amerika ("il-USA") bħala l-pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("il-pajjiż analogu") skont it-tifsira tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

### 1.4. **Teħid ta' kampjuni**

(7) Fin-Notifikazzjoni ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni qalet li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

#### 1.4.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(8) Fin-Notifikazzjoni ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet provviżorjament kampjun ta' produtturi mill-Unjoni fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott li qiegħed jiġi investigat, u tal-post ġeografiku. Dan il-kampjun kien jikkonsisti f'ħames produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 22.4 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni u 24.4 % tal-bejgħ totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-kumpaniji jinsabu fi Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Polonja u Spanja, b'mod li jkopru varjetà ġeografika wiesgħa. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkumentaw dwar dan il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment. Għalhekk, ġie konkluż li l-kampjun kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

#### 1.4.2. *It-teħid ta' kampjun ta' importaturi mhux relatati*

(9) Sabiex tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ il-kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifikazzjoni ta' Bidu.

(10) Sitt importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet importaturi fuq il-bażi tal-akbar volum ta' importazzjonijiet lejn l-Unjoni. It-tliet kumpaniji inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 80 % ta' importazzjonijiet mhux relatati tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-Belarussja. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, l-importaturi kollha magħrufa kkonċernati ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment.

### 1.5. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(11) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-ħames produtturi tal-Unjoni li ttieħdu fil-kampjun, il-produttur esportatur li kkoopera fil-pajjiż ikkonċernat, lil produttur wieħed fil-USA, magħżul bħala l-pajjiż analogu kif spjegat fil-premessa (32) hawn taħt, lil tliet importaturi inklużi fil-kampjun, lil tmien utenti magħrufa fil-mument tal-ftuħ tal-investigazzjoni u lil utent addizzjonali wieħed li ppreżenta ruħu fi stadju avvanzat tal-proċedura.

(12) Ġew riċevuti tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand ħames produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, mill-produttur esportatur li kkoopera fil-pajjiż ikkonċernat, minn produttur wieħed fil-USA ("il-pajjiż analogu") u żewġ importaturi mhux relatati.

### 1.6. **Żjarat ta' verifika**

(13) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li dehrilha neċessarja għal determinazzjoni provviżorja ta' dumping, il-ħsara li tirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) *Produtturi tal-Unjoni*

— Celsa Huta Ostrowiec sp. z.o.o., Ostrowiec Swietokrzyski, il-Polonja

— Feralpi Sideruglica s.p.a, Lonato del Garda, l-Italja

— Riva Acier SA, Gargenville, Franza

— Ġiet ukoll ivverifikata ċerta makrodejta fil-bini tal-ilmentatur (Brussell, il-Belġju)

(b) *Il-produttur espotatur fil-Belarussja*

— Open Joint-Stock Company "Byelorussian Steel Works — Management Company of" Byelorussian Metallurgical Company "Holding", il-Belarussja ("BMZ")

(c) *Importaturi relatati mal-produttur esportatur:*

— Bel Kap Steel LLC, Miami (Fl), il-USA

— BMZ Polska Sp. z.o.o., Katowice, il-Polonja

— UAB "Prekybos namai BMZ-Baltija", Šiauliai, il-Litwanja

(d) *Produttur f'pajjiż analogu*

— Commercial Metals Company, Dallas (TX), il-USA

### 1.7. **Il-perjodu tal-investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(14) L-investigazzjoni ta' dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 ("il-perjodu ta' investigazzjoni", jew "PI"). L-analiżi tax-xejriet relevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

## 2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Il-Prodott ikkonċernat**

(15) Il-prodott ikkonċernat huwa ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos, tal-ħadid jew tal-azzar li mhuwiex liga, mhux iktar maħdum milli mikwi, irrumblat bis-sħana, jew estrużi bis-sħana, iżda inklużi dawk milwija wara r-rumblar u wkoll dawk li fihom għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess tal-irrumblar, li joriġinaw mill-Belarussja u li bħalissa huma kklassifikati fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM ex 7214 10 00, ex 7214 20 00, ex 7214 30 00, ex 7214 91 10, ex 7214 91 90, ex 7214 99 10, ex 7214 99 71, ex 7214 99 79 u ex 7214 99 95 ("il-prodott ikkonċernat"). L-iżbarri u l-vireg li jirrinforzaw il-konkos tal-ħadid jew tal-azzar b'reżistenza għolja għar-rehi huma esklużi.

### 2.2. **Prodott simili**

(16) L-investigazzjoni uriet li l-prodott ikkonċernat u l-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-USA, kif ukoll il-prodott immanifatturat mill-industrija tal-Unjoni u mibjugħ fis-suq tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi. Għaldaqstant huma kkunsidrati provviżorjament bħala simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

### 2.3. **Allegazzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(17) Il-produttur esportatur fil-Belarussja ġibed l-attenzjoni għal allegata inkonsistenza fid-deskrizzjoni tal-ambitu tal-prodott bejn l-ilment (li jirreferi għal żewġ kodiċijiet NM) u n-Notifikazzjoni ta' Bidu (li jirreferi għal disa' kodiċi NM). Ġie allegat li għal din ir-raġuni l-evalwazzjoni tad-dannu fl-ilment ma tirreferix għall-istess ambitu bħal dak fil-proċediment inizjat sussegwenti. Barra minn hekk innota wkoll li l-kumpanija esportat biss skont iż-żewġ kodiċijiet NM li ssemmew fl-ilment.

(18) L-ilment tabilħaqq isemmi żewġ kodiċijiet NM fid-deskrizzjoni tal-prodott filwaqt li n-Notifikazzjoni ta' Bidu elenkati disa' minnhom. Il-Kummissjoni tinnota li l-kodiċi NM mogħtija fin-Notifikazzjoni ta' Bidu huma mogħtija għal skop ta' informazzjoni biss, kif iddikjarat b'mod ċar. Tkompli tinnota li l-investigazzjoni nfethet abbażi tad-deskrizzjoni tal-prodott ikkonċernat provvdut fl-ilment li essenzjalment ikopri disa' kodiiċijiet NM irrispettivament mir-referenza u, għaldaqstant, il-kodiċijiet NM addizzjonali ma kellhom l-ebda impatt fuq l-evidenza pprovduta fl-ilment. Għalhekk din l-allegazzjoni ta' inkoerenza fid-deskrizzjoni tal-prodott ġiet miċħuda.

## 3. ID-DUMPING

### 3.1. Rimarki ġenerali

(19) F'konformità mal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-Belarussja mhix meqjusa bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq. Għalhekk il-valur normali fir-rigward tal-esportazzjonijiet tal-Belarussja lejn l-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi ta' dejta miksuba minn produttur f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq.

(20) Matul il-PI, l-importazzjonijiet mill-Belarussja ammontaw għal madwar 488 000 tunnellata, b'sehem mis-suq ta' madwar 5 %. L-Istati Membri li huma importaturi ewlenin kienu l-Ġermanja, il-Litwanja, il-Polonja u n-Netherlands. L-unika manifattur magħruf mill-Belarussja kkoopera mal-investigazzjoni u wieġeb il-kwestjonarju. Dan il-manifattur biegħ il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni direttament jew permezz ta' negozjanti relatati stabbiliti fl-Unjoni u fil-USA..

### 3.2. Valur normali

#### 3.2.1. *Il-pajjiż analogu*

(21) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kien determinat fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur kostrutt f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq. Għal dan il-għan, kellu jintgħażel pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("il-pajjiż analogu").

(22) Kif imsemmi fil-premessa (6), fin-Notifikazzjoni ta' Bidu, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati li hija pprevediet l-Afrika t'Isfel jew il-USA bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq għall-iskop li jiġi stabbilit il-valur normali.

(23) Ġew riċevuti kummenti dwar il-pajjiż analogi proposti mingħand l-uniku produttur esportatur tal-Belorussja li kkoopera. Huwa sostna li la l-Afrika t'Isfel u lanqas il-USA ma kienet għażla adegwata bħala pajjiż analogu minħabba li, fost raġunijiet oħra, il-kapaċità ta' produzzjoni, l-ammont attwali tal-produzzjoni, il-proċess ta' produzzjoni fl-Afrika t'Isfel u fil-USA kienu differenti meta mqabbla ma dawk tal-produtturi tal-Belarussja. Barra minn hekk, din il-parti sostniet li l-produtturi domestiċi fl-Afrika t'Isfel u l-USA identifikati mill-ilmentaturi kienu direttament relatati mal-produtturi tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-imparzjalità tad-dejta miġbura f'dawn il-pajjiżi minn dawn it-tali produtturi tista' tiġi attakkata. Din il-parti pproponiet li r-Russja kienet tkun l-aktar għażla adegwata bħala pajjiż analogu minħabba li l-industrija tal-vireg tal-azzar Russa għandha l-aktar livell simili ta' żvilupp meta mqabbla ma' dik tal-Belarussja, il-proċess ta' produzzjoni huwa bbażat ukoll fuq fdalijiet tal-metall u l-vireg tal-azzar prodotti huma simili fejn jidħlu l-kwalità u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Madankollu, il-Kummissjoni nnutat li din il-parti ma provdietx evidenza li turi li l-produtturi tal-Afrika t'Isfel jew tal-USA ma kinux qed jużaw fdalijiet tal-metall biex jipproduċu l-prodott ikkonċernat jew li fl-istruttura tal-kosti tagħhom il-materja prima ma kinitx tirrappreżenta 60 %–70 % tal-kost tal-produzzjoni. F'kull każ, il-Kummissjoni investigat jekk l-Afrika t'Isfel u l-USA (kif ukoll il-Brażil) setgħux jitqiesu bħala pajjiż analogu. Id-dettalji ta' din l-analiżi jinstabu fil-premessi (28) sa (34).

(24) Bil-għan li jintgħażel pajjiż analogu terz b'ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-produtturi magħrufa kollha mhux biss fl-Afrika t'Isfel u fil-USA, iżda wkoll fit-Turkija, l-Ukraina, il-Federazzjoni Russa, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Messiku, il-Korea, ir-Repubblika Dominikana, in-Norveġja u fl-Isvizzera. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar is-suq domestiku tagħhom u biex jirrappurtaw dwar it-tip ta' prodotti manifatturati, il-kapaċità ta' produzzjoni, il-volum tal-produzzjoni, il-volum ta' bejgħ fuq is-suq domestiku, li jiddeskrivu l-proċess ta' produzzjoni, it-tip ta' materja prima użata, is-sehem ta' materja prima, l-ispejjeż għall-enerġija u għax-xogħol fi ħdan il-kosti totali tal-manifattura tal-prodott ikkonċernat, u fl-aħħar nett dwar ir-rieda tagħhom li jikkooperaw fl-investigazzjoni.

(25) Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi msemmija hawn fuq ġew ikkuntattjati.

(26) L-awtoritajiet Russi infurmaw lill-Kummissjoni li l-ebda wieħed mill-produtturi magħrufa Russi jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom ma urew interess f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kwalunkwe produttur Russu, ir-Russja ma tistax titqies bħala analogu.

(27) Tliet produtturi biss wieġbu għall-istħarriġ inizjali. Dawn kienu jinsabu fil-Brażil, l-Afrika t'Isfel u fil-USA. Il-produtturi tal-Afrika t'Isfel u tal-Istati Uniti kienu relatati ma' uħud mill-applikanti. Il-produttur Brażiljan kien jifforma parti minn grupp ta' kumpaniji li kellhom faċilitajiet ta' produzzjoni f'diversi pajjiżi, inklużi l-USA, il-Messiku u r-Repubblika Dominikana. Dan il-produttur ma kienx relatat ma' dawk li għamlu l-ilment.

(28) It-tliet tweġibiet ġew eżaminati b'rabta mal-ilment u mal-kummenti riċevuti. Instab li l-konsum domestiku fl-Afrika t'Isfel huwa relattivament żgħir, madwar 435 000 tunnellata biss, li l-kapaċità ta' produzzjoni tal-produttur tal-Afrika ta' Isfel huwa madwar 10 % tal-produttur tal-Belarussja, u l-materja prima ewlenija użata huwa l-mineral tal-ħadid filwaqt li l-produttur esportatur tal-Belarussja juża l-fdalijiet tal-metall. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li twarrab l-Afrika t'Isfel bħala pajjiż analogu potenzjali.

(29) Il-Brażil għandu konsum domestiku ta' madwar 3,5 miljun tunnellata u importazzjonijiet (li madwar 95 % minnhom joriġinaw mit-Turkija), soġġetti għal dazju ad valorem ta' 12 %, li jirrappreżenta madwar 5,5 % tal-konsum Brażiljani. Il-proċess ta' produzzjoni tal-produttur li offra li jikkopera huwa bbażat fuq il-fdalijiet tal-metall u ħadid mhux maħdum, filwaqt li l-produttur esportatur tal-Belarussja juża prinċipalment fdalijiet tal-metall u l-volum ta' produzzjoni tiegħu huwa madwar 50 % tal-produttur tal-Belarussja.

(30) Il-konsum domestiku tal-USA kien ta' madwar 7,7 miljun tunnellata. Kien hemm mill-anqas tmien produtturi domestiċi. Kien hemm fis-seħħ restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet [1] iżda l-importazzjonijiet kienu madankollu jirrappreżentaw madwar 23 % tal-konsum totali, prinċipalment b'oriġini mit-Turkija u l-Ġappun. Il-produttur Amerikan kien juża proċess ta' produzzjoni simili għal dak użat mill-produttur tal-Belarussja. Il-volum tal-produzzjoni tiegħu kien ta' madwar 52 % ta' dak tal-produttur tal-Belarussja.

(31) Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni qieset li s-sitwazzjoni tas-suq kif tinsab fil-Brażil u fil-USA hija biżżejjed kompetittiva. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħżel lill-Brażil u lill-USA bħala pajjiż analogu potenzjali.

(32) Il-kwestjonarji għall-pajjiż analogu ġew mibgħuta liż-żewġ produtturi li kkooperaw imsemmija hawn fuq. Madankollu, wara li rċieva l-kwestjonarju għall-pajjiż analogu, il-produttur Brażiljan informa lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li jirtira l-kooperazzjoni tiegħu fl-investigazzjoni. Il-Kummissjoni rċeviet reazzjoni xieraq mill-produttur tal-USA.

(33) Il-Kummissjoni osservat li l-produttur tal-USA li kien qed jikkoopera kien relatat ma' wieħed mill-ilmentaturi, kif allegat minn produttur esportatur fil-Belarussja. Madankollu, anki jekk produttur fil-pajjiż analogu ikun relatat ma' produttur tal-Unjoni, rabta bħal din la tinvalida u lanqas taffettwa d-determinazzjoni tal-valur normali [2].

(34) F'dan l-istadju tal-proċediment il-Kummissjoni kkonkludiet li l-USA huwa pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

3.2.2. *Il-valur normali (pajjiż analogu)*

(35) L-informazzjoni li waslet mingħand il-produttur fil-pajjiż analogu li kkoopera ntużat bħala bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(36) L-ewwel nett, il-Kummissjoni eżaminat jekk, b'mod konformi mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-volum totali tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fil-USA kienx globalment rappreżentattiv. Għal dan l-għan, dan il-volum totali tal-bejgħ ġie mqabbel mal-volum totali tal-prodott ikkonċernat esportat mill-produttur esportatur tal-Belarussja lejn l-Unjoni. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni sabet li l-prodott simili kien inbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq tal-USA.

(37) It-tieni, il-Kummissjoni identifikat dawk it-tipi ta' prodotti mibjugħa domestikament mill-produttur tal-pajjiż analogu li kienu identiċi jew direttament paragunabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-produttur esportatur tal-Belarussja. Hija qabblet, fuq bażi ta' tip ta' prodott, il-volumi ta' bejgħ fil-USA mal-esportazzjonijiet mill-produttur esportatur tal-Belarussja lejn l-Unjoni. Dan it-tqabbil wera li t-tipi kollha tal-prodott ġew mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fil-USA.

---

(1) Hemm fis-seħħ dazji tal-antidumping kontra l-Belarussja (115 %), iċ-Ċina (133 %), l-Indoneżja (60,4 %), il-Latvja (17 %), il-Messiku (minn 20 % għal 67 %), il-Moldova (232 %), il-Polonja (47 % sa 52 %) it-Turkija (3,64 %) u l-Ukraina (42 %). Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għall-investigazzjonijiet li ġejjin:
"Steel Concrete Reinforcing Bar from Belarus, China, Indonesia, Latvia, Moldova, Poland and Ukraine. Investigations Nos. 731-TA-873-875, 878-880, and 882 (Second Review). Publication 4409, July 2013. U.S. International Trade Commission." kif ukoll "Steel Concrete Reinforcing Bar from Mexico and Turkey. Investigations Nos. 701-TA-502 and 731-TA-1227 (Final). Publication 4496. October 2014. U.S. International Trade Commission."

(2) Jekk jogħġbok ara wkoll is-sentenza fil-Kawża C-687/13, punt 67, talba għal deċiżjoni preliminari mill-Finanzgericht München — il-Ġermanja, Fliesen-Zentrum Deutschland GmbH vs Hauptzollamt Regensburg Fliesen-Zentrum, sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Settembru 2015.

(38) Sussegwentement, il-Kummissjoni eżaminat għall-produttur tal-pajjiż analogu jekk kull tip ta' prodott ikkonċernat li kien jinbiegħ fis-suq domestiku setax jitqies li kien jinbiegħ fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ kif iddefinita fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi għal kull tip ta' prodott ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ bi qligħ lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni. It-tranżazzjonijiet tal-bejgħ tqiesu bħala profittabbli meta l-prezz unitarju kien ugwali jew ogħla mill-ispiża tal-produzzjoni. L-ispiża tal-produzzjoni ta' kull tip ta' prodott tal-produttur tal-USA matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet b'hekk determinata.

(39) Fejn il-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni kkalkulat, kien jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz tal-bejgħ medju peżat ta' dak it-tip kien daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali. Dan il-prezz kien ikkalkulat bħala medja peżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip, li sar matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Fil-każ tat-tipi ta' prodott mibjugħa mill-produttur tal-pajjiż analogu, il-volum tal-bejgħ bi profitt ta' tipi ta' prodott kien jirrappreżenta 80 % jew aktar tal-volum totali tal-bejgħ ta' dak it-tip.

(40) Fl-aħħar nett, it-tipi kollha ta' prodott esportati mill-Belarussja lejn l-Unjoni kienu wkoll mibjugħa fl-Istati Uniti. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda ħtieġa biex jiġi kostruwit il-valur normali għal xi tip tal-prodott esportat.

### 3.3. **Il-prezz tal-esportazzjoni**

(41) Il-produttur esportatur li kkoopera tal-Belarussja esporta lejn l-Unjoni jew permezz ta' negozjanti relatati li jinsabu fl-Awstrija, il-Litwanja, il-Polonja, il-Ġermanja u l-USA jew biegħ direttament lill-ewwel klijent indipendenti. Kif indikat fil-premessa (13) hawn fuq, it-tliet negozjanti relatati ewlenin kollha ġew verifikati fuq il-post.

(42) Rigward il-bejgħ dirett mill-produttur esportatur lill-ewwel konsumaturi indipendenti, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz attwalment imħallas jew li jrid jiġi mħallas għall-prodott ikkonċernat meta jkun mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, b'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(43) Għall-bejgħ li sar permezz ta' negozjanti relatati li jaġixxu bħala importaturi, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, li jinkludu l-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi (spejjeż SG&A) (li jvarjaw minn madwar 1 % għal 2,5 %) u għal marġini raġonevoli ta' qligħ għan-negozjanti involuti fil-bejgħ (inqas minn 1 %).

### 3.4. **Paragun**

(44) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur fil-kampjun fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(45) Meta kienet iġġustifikata bil-ħtieġa ta' tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezz, b'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(46) Rigward il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur, saru aġġustamenti għall-ispejjeż tat-trasport, l-assigurazzjoni u t-tqandil (li jvarjaw minn madwar 4 % sa 7,5 % skont in-negozjant relatat ikkonċernat jew il-produttur esportatur), l-ispejjeż ta' kreditu u l-ispejjeż bankarji (li jvarjaw minn 0 % sa 1,5 % skont in-negozjant relatat ikkonċernat jew il-produttur esportatur), li jirrappreżentaw b'kollox madwar 8 % tal-valur tal-bejgħ. Dwar il-prezzijiet domestiċi tal-produttur tal-pajjiż analogu, saru aġġustamenti għall-ispejjez tat-trasport domestiku u t-trattament (medja ta' 5,3 % tal-valur tal-bejgħ), kif ukoll l-ispejjeż tal-kreditu (b'rata annwali ta' 1,15 %).

(47) Il-paragun sar għal 100 % tat-tipi tal-prodott esportati u mibjugħa lejn l-Unjoni mill-produttur esportatur tal-Belarussja u l-kummerċjanti relatati tiegħu.

(48) Matul seduta li saret fl-14 ta' Ottubru 2016, ir-rappreżentanti tal-produttur esportatur tal-Belarussja allegaw li l-valur normali għandu jiġi aġġustat biex jirrifletti l-prezzijiet medji tax-xiri tal-fdalijiet u l-proporzjon tal-konsum tiegħu fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-Belarussja.

(49) L-ewwel nett il-Kummissjoni tenfasizza li l-valur normali ma kienx kostruwit, imma kien ibbażat biss fuq il-bejgħ, b'tali mod li aġġustament bħal dan huwa eskluż fil-livell tal-istabbiliment tal-valur normali.

(50) It-tieni, il-Kummissjoni tifhem li din il-kumpanija jista' jkun li xtaqet tqajjem il-kwistjoni ta' paragum ġust u għalhekk analizzat din l-allegazzjoni skont l-Artikolu 2(10)(k). L-investigazzjoni wriet li l-produttur esportatur tal-Belarussja xtara fdalijiet ta' materjal jew minn fornituri lokali jew minn fornituri Russi.

(51) Il-Kummissjoni tinnota li, bħala pajjiż b'ekonomija mhux tas-suq, il-prezzijiet u l-ispejjeż fil-Belarussja jitqiesu bħala distorti. B'hekk, il-konċessjoni ta' aġġustamenti li jistrieħu fuq il-prezzijiet u l-ispejjeż tal-Belarussja, kif ukoll fuq il-proporzjoni li jirriżulta tal-konsum, ikun ifisser li jkun qiegħed jintuża l-prezz distort tal-Belarussja. Għalhekk il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazjoni f'dan ir-rigward. Anki kieku l-Kummissjoni kellha tagħti prova tad-distorsjoni konkreta tal-prezzijiet tal-Belarussja, il-Kummissjoni tosserva li l-ilment stabbilixxa prima facie li t-tali distorsjonijiet jeżistu, u li l-esportatur tal-Belarussja ma pprovdiex evidenza sostanzjata biex jiddisputa dawn l-allegazzjonijiet.

(52) Fir-rigward tal-fdalijiet importati mir-Russja l-Kummissjoni osservat matul l-investigazzjoni li l-prezz tal-materja prima fil-USA u fil-Federazzjoni Russa huwa simili ([1]). Barra minn dan, l-investigazzjoni uriet li l-proporzjon tal-fdalijiet fil-USA huwa simili għal dak li rrapporta l-produttur esportatur tal-Belarussja, jiġifieri bejn 60 u 70 %. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-prezz għax-xiri tal-fdalijiet fil-USA ma jaffettwax il-komparabbiltà tal-prezzijiet. Din l-allegazzjoni ġiet miċħuda b'mod provviżorju.

### 3.5. **Marġnijiet tad-dumping**

(53) Għall-produttur esportatur li kkoopera il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju peżat ta' kull tip ta' prodott simili fil-pajjiż analogu (ara l-premessa (47) iktar 'il fuq) mal-prezz tal-esportazzjoni medju peżat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku. Fuq il-bażi ta' dan, il-marġnijiet medji ponderati ta' dumping proviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma 58,4 %.

(54) Il-livell ta' kooperazzjoni huwa għoli minħabba li l-importazzjonijiet tal-produttur esportatur li kkoopera jammontaw għat-totalità tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġni ta' dumping residwu fil-livell tal-produttur esportatur li kkoopera bl-ogħla marġni ta' dumping.

(55) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping mogħtija bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| Kumpanija | Il-marġini provviżorju tad-dumping |
|---|---|
| Open Joint-Stock Company "Byelorussian Steel Works — Management Company ta' "Byelorussian Metallurgical Company" Holding", il-Belarussja | 58,4 % |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 58,4 % |

([1]) Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, jidher li għal April 2015, il-prezz tal-materja prima importata mill-produttur esportatur tal-Belarussja kien madwar 9 % ogħla meta mqabbla mal-prezz fil-USA.

## 4. L-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

### 4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni

(56) Il-prodott simili kien immanifatturat minn 31 produttur tal-Unjoni. Dawn huma meqjusin li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u għandhom minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-industrija tal-Unjoni".

(57) L-informazzjoni kollha disponibbli rigward l-industrija tal-Unjoni, bħall-informazzjoni ppreżentata fl-ilment, id-dejta miġbura mill-produtturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tagħhom qabel u wara l-bidu tal-investigazzjoni, u t-tweġibiet tal-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni mdaħħla fil-kampjun, intużaw sabiex tiġi stabbilita l-produzzjoni totali tal-Unjoni għall-perjodu tal-investigazzjoni.

(58) Abbażi ta' dan, il-produzzjoni totali tal-Unjoni kienet stmata li hija madwar 12,7 miljun tunnellata matul il-PI. Din iċ-ċifra tinkludi l-produzzjoni tal-produtturi kollha tal-Unjoni, kemm tal-produtturi inklużi fil-kampjun kif ukoll il-produtturi li ma humiex, ikkalkulata abbażi tad-dejta verifikata ppreżentata mill-ilmentatur.

(59) Kif indikat fil-premessa (8) ta' hawn fuq, il-ħames produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun jirrappreżentaw 22,4 % tal-produzzjoni totali stmata fl-Unjoni tal-prodott simili. F'dan ir-rigward, għandu jitqies li l-produzzjoni tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat hija frammentata ħafna, u dan jintwera mill-għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni msemmija fil-premessa (56) u għalhekk il-kampjun ta' ħames (5) produtturi huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

## 5. ID-DANNU

### 5.1. Kumment preliminari

(60) Il-produttur esportatur tal-Belarussja allega li ma kienx hemm biżżejjed evidenza prima facie tal-eżistenza ta' dannu fl-ilment, li għalhekk ma kellux jiġi aċċettat. L-argument idur b'mod partikolari fuq preżentazzjoni żbaljata fl-ilment tal-ispejjeż allegatament artifiċjalment irħas tal-akkwist tal-fdalijiet li minnhom jibbenefika l-produttur esportatur. Il-produttur tal-Belarussja allega li tali miżrappreżentazzjoni tinvalida l-ilment għal kollox.

(61) Kif imsemmi fil-premessa (19) hawn fuq, il-Belarussja huwa pajjiż b'ekonomija mhux tas-suq u, b'riżultat ta' dan, il-valur normali ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-metodoloġija tal-pajjiż analogu. Għalhekk ma kienet meħtieġa l-ebda determinazzjoni dwar jekk il-fdalijiet kinux akkwistati bi prezzijiet artifiċjalment baxxi mill-produttur tal-Belarussja. Il-Kummissjoni ma tarax is-sustanza jew ir-rilevanza ta' din l-allegazzjoni u lanqas ma tara r-rilevanza tagħha fl-istabbiliment tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

### 5.2. Konsum tal-Unjoni

(62) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volum tal-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u tal-importazzjonijiet totali. Il-konsum tal-Unjoni naqas bejn is-senin 2012 u 2013, iżda reġa' laħaq il-livell tal-2012 tiegħu fl-2014 u kompla jiżdied b'mod moderat fil-PI. Il-konsum tal-Unjoni żdied kumplessivament bi 3 % tul il-perjodu kkunsidrat.

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Konsum (f'tunnellati) | 9 465 588 | 8 783 290 | 9 445 867 | 9 704 309 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *93* | *100* | *103* |

*Sors:* Eurostat, dejta dwar l-ilment u tweġibiet għall-kwestjonarju

### 5.3. **Importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat**

5.3.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ikkonċernati*

(63) Ġie kkostatat li l-iżvilupp rigward l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-Belarussja matul il-perjodu kkunsidrat kien kif ġej:

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum (tunnellati) | 173 664 | 155 012 | 260 774 | 488 759 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *89* | *150* | *281* |
| Is-sehem mis-suq tal-konsum tal-UE (%) | 1,8 | 1,8 | 2,8 | 5,0 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *96* | *150* | *275* |

*Sors:* Eurostat, dejta dwar l-ilment u tweġibiet għall-kwestjonarju

(64) Il-volumi tal-importazzjoni mill-Belarussja kważi ttripplika matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Belarussja ukoll żdied matul il-perjodu kkunsidrat, minn 1.8 % fl-2012 għal 5 % fil-PI.

5.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet u t-twaqqigħ tal-prezzijiet*

(65) It-tabella ta' hawn taht turi l-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-Belarussja:

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju f'EUR/tunnellata | 500 | 467 | 441 | 376 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *93* | *88* | *75* |

*Sors:* Eurostat

(66) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-Belarussja naqsu matul il-perjodu kkunsidrat, wara tnaqqis fil-prezzijiet tal-fdalijiet, li jintuża bħala materja prima kemm fil-Belarussja kif ukoll fl-Unjoni. Madankollu, it-tnaqqis ta' 25 % fil-prezzijiet ta' esportazzjonijiet mill-Belarussja lejn l-UE kien akbar mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u tal-prezzijiet medji ta' esportaturi maġġuri oħrajn tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul l-istess perjodu. B'riżultat ta' dan, matul il-PI, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Belarussja kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni u mill-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet minn xi wieħed mill-pajjiżi terzi ewlenin l-oħra preżenti fis-suq.

(67) Sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm twaqqigħ fil-prezz matul il-PI, u sa liema punt, il-prezzijiet tal-bejgħ b'medja ponderata għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, u aġġustati għal livell mill-fabbrika billi tnaqqsu l-ispejjeż reali tal-konsenja (0,5 %-5 %), tas-senseriji (0 %-1,5 %), skonti (0,9 %-2,3 %) u l-ispejjeż ta' kreditu (0,2 %-0,5 %), ġew mqabbla mal-prezzijiet medji ponderati korrispondenti skont it-tip tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-produttur tal-Belarussja lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi CIF.

(68) Ir-riżultat tat-tqabbil, meta mniżżel bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-PI wera marġni ta' twaqqigħ tal-prezzijiet ta' 4,5 %. Il-prezzijiet aktar baxxi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping meta mqabblin ma' dawk tal-Unjoni, jispjegaw iż-żieda sinifikanti fil-volum tal-importazzjonijiet mill-Belarussja u fis-sehem tas-suq miżmum mill-importazzjonijiet mill-Belarussja mill-2014 'l quddiem.

(69) Il-produttur esportatur tal-Belarussja ppreżenta ċerti dokumenti għat-tqabbil tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi Pollakki u tal-Belarussja bl-għan li jsostni li l-prezzijiet tal-Belarussja kienu fil-fatt ogħla matul il-PI mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni. F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li l-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet kif ukoll il-mikroindikaturi rigward il-livell tal-prezzijiet huma bbażati fuq id-dejta miġbura mill-produtturi mill-Unjoni fil-kampjun filwaqt li d-dejta ppreżentata mill-kumpanija tal-Belarussja msemmija rreferiet għal produtturi Pollakki mhux fil-kampjun. Għalhekk, id-dejta ppreżentta ma għandha l-ebda effett fuq il-kostatazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-rigward tat-twaqqigħ tal-prezzijiet u tax-xejriet tal-indikaturi makroekonomiċi matul il-perjodu kkunsidrat kif deskritt fil-premessa (83). Barra minn hekk, din hija dejta aggregata tal-kumpaniji kollha fil-kampjun u tat-tranżazzjonijiet ta' bejgħ mhux relatati kollha tagħhom li huma meħuda f'kunsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit it-twaqqigħ tal-prezzijiet u x-xejriet tal-mikroindikaturi. Madankollu, il-Kummissjoni tikkonferma li matul il-PI il-prezzijiet tal-Belarussja kienu qegħdin taħt dawk ta' kull wieħed mill-produtturi tal-UE inklużi fil-kampjun.

## 5.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

### 5.4.1. *Kummenti preliminari*

(70) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-Belarussja fuq l-industrija tal-Unjoni inkludew evalwazzjoni tal-fatturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkonċernat.

(71) Kif imsemmi fil-premessa (59), il-kampjunar intuża għall-analiżi tad-dannu possibbilment imġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(72) Sabiex jiġi analizzat id-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. F'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni hija vvalutata abbażi ta' (a) indikaturi makroekonomiċi, jiġifieri l-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u t-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni ta' dumping attwali u l-irkupru minn dumping imgħoddi, li għalihom id-dejta nġabret fil-livell tal-industrija totali tal-Unjoni u fuq il-bażi ta' (b) indikaturi mikroekonomiċi, jiġifieri l-prezzijiet medji tal-unità, il-kost ta' unità, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li jiżdied il-kapital, l-istokks u l-kost lavorattiv, li għalihom id-dejta kienet miġbura fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(73) L-informazzjoni kollha disponibbli rigward l-industrija tal-Unjoni, inkluża l-informazzjoni pprovduta fl-ilment, id-dejta miġbura mill-produtturi tal-Unjoni qabel u wara t-tnedija tal-investigazzjoni, u t-tweġibiet tal-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, intużat sabiex tistabbilixxi indikaturi makroekonomiċi, u b'mod partikolari d-dejta li għandha x'taqsam ma' produtturi tal-Unjoni mhux inklużi fil-kampjun.

(74) L-indikaturi mikroekonomiċi ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-informazzjoni li ngħatat mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fir-risposti tagħhom għall-kwestjonarju.

### 5.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

(a) Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(75) Ix-xejriet għal produzzjoni tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati) | 13 387 728 | 12 563 163 | 13 255 746 | 12 689 981 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *94* | *99* | *95* |
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati) | 18 848 442 | 19 038 334 | 19 168 491 | 18 897 474 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *101* | *102* | *100* |

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Użu tal-kapaċità (%) | 71 | 66 | 69 | 67 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *93* | *97* | *95* |

*Sors:* Eurostat, dejta dwar l-ilment u tweġibiet għall-kwestjonarju

(76) Tul il-perjodu kkunsidrat il-volum tal-produzzjoni tal-Unjoni naqas b'5 %. Fil-kunsiderazzjoni tal-fatt li l-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet kostanti matul dan il-perjodu, it-tnaqqis fil-produzzjoni wassal għal tnaqqis fl-użu tal-kapaċità b'4 punti perċentwali minn 71 % fl-2012 għal 67 % fil-PI.

(b) Il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u t-tkabbir

(77) Il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inkluda bejgħ lil kumpaniji relatati. Dan il-bejgħ lil kumpaniji relatati kien jirrappreżenta, matul il-perjodu kkunsidrat, madwar 10 % tal-konsum tal-Unjoni. Il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u t-tkabbir ġew għalhekk ivvalutati separatament għall-bejgħ relatat u għas-suq ħieles (il-bejgħ mhux relatat). F'dak li jirrigwarda l-bejgħ relatat huwa kkonfermat li dawn huma diretti lejn l-utenti relatati u mhux lejn il-kumpaniji tan-negozju relatati u għalhekk mhumiex magħduda darbtejn fil-kalkolu tal-konsum totali tal-Unjoni.

(78) Ix-xejriet rigward il-volumi tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u t-tkabbir żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-bejgħ mhux relatat (tunnellati) | 7 734 058 | 7 189 883 | 7 192 146 | 7 237 285 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *93* | *93* | *94* |
| Is-sehem mis-suq tal-bejgħ mhux relatat (%) | 82 | 82 | 76 | 75 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *100* | *93* | *91* |
| Il-volum tal-bejgħ relatat (tunnellati) | 888 325 | 735 632 | 1 091 819 | 1 012 318 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *83* | *123* | *114* |
| Is-sehem mis-suq tal-bejgħ relatat (%) | 9 | 8 | 12 | 10 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *89* | *123* | *111* |

*Sors:* Eurostat, dejta dwar l-ilment u tweġibiet għall-kwestjonarju

(79) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati naqas b'6 % fil-perjodu kkonċernat, sitwazzjoni riflessa anki fit-tnaqqis ta' 7 punti perċentwali mis-sehem fis-suq bejn l-2012 u l-PI. Dan seħħ minkejja żieda fil-konsum fis-suq tal-Unjoni fl-istess perjodu. Bejn l-2012 u l-2013 kien hemm tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ meta x-xejra tal-volumi tal-bejgħ segwiet eżattament ix-xejra fil-konsum — u l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżomm l-istess sehem mis-suq. Madankollu, fil-perjodu bejn l-2013 u l-PI, is-sitwazzjoni nbidlet kompletament. Is-suq tal-Unjoni kiber b'10 % f'dan il-perjodu u fl-istess waqt l-industrija tal-Unjoni tilfet 7 punti perċentwali mis-sehem tagħha fis-suq. Fl-istess ħin il-volum tal-importazzjonijiet mill-Belarussja u s-sehem mis-suq tagħhom żdied b'rata mgħaġġla. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika mit-tkabbir fil-konsum tal-Unjoni minħabba ż-żieda, li qiegħda tiżdied, fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(c) Impjiegi u produttività

(80) Konformi mat-tnaqqis fil-produzzjoni u l-bejgħ, kien osservat li l-livell tal-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni ukoll naqas bi 2 % bejn l-2012 u l-PI. Madankollu, dan it-tnaqqis fl-impjiegi ma wassalx għal żieda fil-produttività, imkejla bħala l-produzzjoni kull persuna impjegata kull sena, peress li t-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni fil-perjodu kkunsidrat kien aktar qawwi mit-tnaqqis fl-impjiegi.

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Numru ta' impjegati | 5 363 | 5 133 | 5 282 | 5 239 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *96* | *98* | *98* |
| Produttività (tunnellati metriċi/impjegat) | 2 496 | 2 447 | 2 510 | 2 422 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *98* | *101* | *97* |

*Sors:* Id-dejta mill-ilmenti u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

(d) Id-daqs reali tal-marġni ta' dumping u l-irkupru minn dumping imgħoddi

(81) Il-marġni ta' dumping tal-produttur esportatur tal-Belarussja huma konsiderevoli (ara l-premessa (55) hawn fuq). Meta jitqiesu l-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Belarussja, diskussi hawn fuq, l-impatt tal-marġnijiet effettivi tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma jistax jitqies li huwa negliġibbli.

(82) Billi preċedentement ma kienet saret l-ebda sejba ta' importazzjonijiet soġġetti ta' dumping tal-prodott, l-industrija tal-Unjoni mhix qiegħda tirkupra minn xi prassi preċedenti ta' dumping fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

5.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

(a) Prezzijiet medji tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni u kost unitarju tal-produzzjoni

(83) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lill-klijenti mhux relatati kienu baxxi fl-ewwel parti tal-perjodu kkunsidrat (2012-2013) minħabba l-impatt tal- "iskema tal-frodi tal-VAT" (ara l-premessi (106) sa (111)). Fit-tieni parti tal-perjodu kkunsidrat (2014-PI),dawn kienu baxxi minħabba l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja. Matul il-perjodu kkunsidrat il-prezzijiet fl-Unjoni żdiedu bi 22 % mill-2012 sal-PI. It-tnaqqis fil-prezz jirrifletti xejra ġenerali ta' tnaqqis fil-kost tal-materja prima ewlenija madwar id-dinja. Madankollu, minħabba tnaqqis ulterjuri fil-prezzijiet eżerċitat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja, fejn it-tnaqqis fil-prezzijiet kien ikbar milli sempliċiment jirrifletti l-kost tal-materja prima, il-produtturi tal-Unjoni ma setgħux ireġġgħu lura l-prezzijiet imnaqqsa bl-iskema tal-frodi tal-VAT għal livelli normali u mhux distorti, biex jibbenefikaw mit-tnaqqis fil-kosti tal-materja prima ewlenija, iżda kellhom iżommu prezzijiet inqas milli taħt kompetizzjoni normali.

(84) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kosti tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'20 %, liema tnaqqis kien anqas minn tnaqqis fil-prezzijiet. Dan huwa spjegat permezz ta' kosti ogħla tal-enerġija u lavorattivi. Bħala riżultat, matul il-perjodu kkunsidrat, il-profitabilità tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar.

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (EUR/tunnellata) | 493 | 459 | 436 | 383 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *93* | *88* | *78* |

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| L-ispiża għal kull unità tal-merkanzija mibjugħa (EUR/tunnellata) | 487 | 466 | 441 | 391 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *96* | *91* | *80* |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(b) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

(85) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-fluss tal-flus tal-produtturi tal-Unjoni, l-investiment, ir-redditu fuq l-investiment u l-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw kapital żviluppaw kif ġej:

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ) | 1,3 | − 1,6 | − 1,2 | − 2,1 |
| Fluss tal-flus (Euro) | 35 355 861 | 15 439 631 | 17 308 800 | 5 869 113 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *44* | *49* | *17* |
| Investimenti (Euro) | 29 266 937 | 23 168 567 | 21 554 327 | 20 818 669 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *79* | *74* | *71* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | 0,7 | − 2,6 | − 2,5 | − 3,2 |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(86) Il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun huwa espress bħala l-profitt nett qabel it-taxxa tal-prodott simili lil konsumaturi fl-Unjoni bħala perċentwali tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu qed jagħmlu profitt fl-2012 iżda bdew jagħmlu t-telf mill-2013 'il quddiem. Barra minn hekk, il-profittabbiltà tagħhom tilħaq l-anqas livell tagħha fil-PI, li tikkorrelata mal-ogħla volumi ta' importazzjonijiet mill-Belarussja u l-anqas livell tal-prezzijiet tagħha tul il-perjodu kollu kkunsidrat.

(87) Il-fluss tal-flus, li hija l-kapaċità tal-industrija li tiffinanzja l-attivitajiet tagħha, għalkemm kien pożittiv matul il-perjodu kkunsidrat, mar lura matul il-perjodu kollu kkunsidrat.

(88) Il-produtturi tal-Unjoni kienu għadhom jistgħu jinvestu matul il-perjodu kollu kkunsidrat iżda l-evoluzzjoni tal-profittabilità u l-likwidità affettwat negattivament ukoll l-investimenti li tul il-perjodu kkunsidrat naqsu b'29 %. Barra minn hekk, ir-redditu fuq l-investimenti huwa dejjem negattiv mill-2013'il quddiem skont ix-xejra fil-profittabbilità.

(89) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-prestazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienet negattiva matul il-PI.

(c) L-istokks

(90) Il-livell ta' stokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdied b'25 % matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, il-proporzjon ta' stokks mal-volum ta' produzzjoni baqa' stabbli matul il-perjodu kkunsidrat (minn 1 % għal 1,5 %) — il-livell tal-istokks isegwi t-tendenza ta' tnaqqis fil-volum ta' produzzjoni.

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati) | 184 632 | 161 698 | 188 050 | 138 491 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *88* | *102* | *75* |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

(d) Kosti lavorattivi

(91) Il-medja tal-kosti lavorattivi tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdiedet modestament matul il-perjodu kkunsidrat. Il-kost lavorattiv kien jirrappreżenta anqas minn 10 % tal-kosti totali tal-produzzjoni. Għalhekk il-kost lavorattiv ma jirrappreżentax fattur determinanti fl-evoluzzjoni tal-kost tal-produzzjoni.

| | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji kull impjegat (EUR) | 47 109 | 47 468 | 49 305 | 49 541 |
| *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *101* | *105* | *105* |

*Sors:* Tweġibiet tal-kwestjonarju

### 5.5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(92) L-investigazzjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni ma bbenefikatx miż-żieda fil-konsum matul il-perjodu kkunsidrat. Għall-kuntrarju, l-industrija tal-Unjoni sofriet tnaqqis ta' 6 % fil-volumi tal-bejgħ matul il-perjodu kkunsidrat u s-sehem mis-suq tagħha naqas b'6 punti perċentwali (fl-isfond ta' żieda ta' 3 % tal-konsum totali). Dawn ix-xejriet jidhru aktar b'mod ċar meta jittieħed f'kunsiderazzjoni l-perjodu mill-2013 sal-PI, meta l-volumi tal-importazzjonijiet mill-Belarussja kienu qegħdin jikbru b'mod rapidu u s-sehem tagħhom mis-suq kien qed jiżdied. Matul l-istess perjodu, l-industrija tal-Unjoni tilfet 7 punti perċentwali tas-sehem mis-suq, f'kuntest ta' żieda fil-konsum (+ 10 %). L-industrija tal-Unjoni ġarrbet ukoll tnaqqis ta' 5 % fil-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat, li rriżulta fi tnaqqis fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità minn 71 % għal 67 %.

(93) Barra minn hekk, minħabba iżjed kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-prezzijiet tagħha b'medja ta' 22 % fil-perjodu kkunsidrat li rriżulta fi tnaqqis minn profitt ta' 1,3 % fl-2012 għal telf ta' 2,1 % fil-PI minkejja t-tnaqqis tal-kosti u l-impjiegi.

(94) Fl-aħħar nett, indikaturi finanzjarji oħra bħar-redditu fuq l-assi, il-likwidità u l-investimenti wkoll ġew affettwati b'mod negattiv matul il-perjodu kkunsidrat.

(95) Fid-dawl ta' dak li ssemma, il-konklużjoni provviżorja hija li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

# 6. **KAWŻALITÀ**

## 6.1. **Introduzzjoni**

(96) Skont l-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping mill-Belarussja kkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni sal-punt li jista' jiġi kkunsidrat bħala wieħed materjali. Il-fatturi magħrufin apparti l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, li fl-istess ħin jistgħu jkunu qegħdin jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, ġew eżaminati wkoll sabiex jiġi żgurat li d-dannu possibbli kkawżat minn dawn il-fatturi l-oħra ma kienx dovut għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

## 6.2. **L-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(97) L-investigazzjoni wriet li l-konsum tal-Unjoni żdied b'3 % matul il-perjodu kkunsidrat u fl-istess ħin il-volum tal-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Belarussja żdied b'mod sinifikanti. Matul l-aħħar sentejn tal-perjodu kkunsidrat, il-volum ta' importazzjonijiet mill-Belarussja u s-sehem tagħhom fis-suq tal-Unjoni żdied b'175 %. Iż-żieda fl-importazzjoniet oġġett ta' dumping ikkoinċidiet mat-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni:

(98) Fir-rigward tal-pressjoni fuq il-prezzijiet li teżisti fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, instab li l-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-Belarussja kienu qegħdin jonqsu b'mod mgħaġġel speċjalment fl-aħħar sentejn tal-perjodu kkunsidrat. Fl-PI, il-livell tal-prezzijiet ta' importazzjonijiet mill-Belarussja diġà kien aktar baxx mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi preżenti fis-suq tal-Unjoni.

(99) Minħabba l-pressjoni fuq il-prezzijiet ikkawżata mill-volumi dejjem akbar tal-importazzjonijiet mill-Belarussja, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tkopri l-ispejjeż tagħha.

(100) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni hija, li ż-żieda tal-importazzjonijiet mill-Belarussja li huma oġġett ta' dumping bi prezzijiet li jwaqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni, ikkawżaw id-dannu materjali li sofriet l-industrija tal-Unjoni.

## 6.3. **Effett ta' fatturi oħrajn**

### 6.3.1. *Il-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni*

(101) Skont id-dejta tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-volumi tal-esportazzjonijiet lejn klijenti mhux relatati f'pajjiżi terzi naqsu b'5 % matul il-perjodu kkunsidrat. Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li din il-parti tal-attività ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tkun il-kawża tad-dannu materjali misjub.

### 6.3.2. *Bejgħ lil partijiet relatati*

(102) Il-bejgħ tal-Unjoni lil partijiet relatati żdied b'14 % matul il-perjodu kkunsidrat, b'livell ta' prezzijiet li kienu b'mod konsistenti ogħla minn dawk ta' bejgħ lil partijiet mhux relatati. Anki jekk dawn il-prezzijiet huma prezzijiet ta' trasferiment, jista' jiġi konkluż li din il-parti tal-attività ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tkun il-kawża tad-dannu materjali misjub. Għall-kuntrarju, iż-żieda f'dan il-bejgħ u l-fatt li dawn il-prezzijiet huma ogħla mill-prezzijiet lil klijenti mhux relatati jindika li d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni seta' kien saħansitra aktar sostanzjali li kieku ma kienx għal dan il-bejgħ lill-partijiet relatati.

(103) Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-marġni tat-twaqqigħ tal-prezzijiet u tan-nuqqas ta' bejgħ ġew stabbiliti billi tqabblu l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Belarussja mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati. Għalhekk il-bejgħ lil kumpaniji relatati ma ħalliex effett biex jiġi stabbilit it-twaqqigħ tal-prezzijiet u n-nuqqas ta' bejgħ.

6.3.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

| Pajjiż | | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| In-Norveġja | Volum (tunnellati) | 195 370 | 184 643 | 201 617 | 215 218 |
| | *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *95* | *103* | *110* |
| | Sehem mis-suq (%) | 2,1 | 2,1 | 2,1 | 2,2 |
| | Il-Prezz Medju (EUR/tunnellata) | 551 | 496 | 483 | 431 |
| Il-Bożnija-Ħerzegovina | Volum (tunnellati) | 47 702 | 79 207 | 105 910 | 116 927 |
| | *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *166* | *222* | *245* |
| | Sehem mis-suq (%) | 0,5 | 0,9 | 1,1 | 1,2 |
| | Il-Prezz Medju (EUR/tunnellata) | 566 | 479 | 455 | 415 |
| It-Turkija | Volum (tunnellati) | 101 900 | 147 164 | 207 427 | 113 012 |
| | *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *144* | *204* | *111* |
| | Sehem mis-suq (%) | 1,1 | 1,7 | 2,2 | 1,2 |
| | Il-Prezz Medju (EUR/tunnellata) | 536 | 486 | 465 | 433 |
| L-Ukrajna | Volum (tunnellati) | 79 342 | 20 656 | 32 025 | 112 953 |
| | *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *26* | *40* | *142* |
| | Sehem mis-suq (%) | 0,8 | 0,2 | 0,3 | 1,2 |
| | Prezz medju | 517 | 510 | 452 | 394 |
| Il-bqija tad-dinja | Volum (tunnellati) | 245 225 | 271 092 | 354 150 | 407 837 |
| | *Indiċi (2012 = 100)* | *100* | *111* | *144* | *166* |
| | Sehem mis-suq (%) | 2,6 | 3,1 | 3,7 | 4,2 |
| | Il-Prezz Medju (EUR/tunnellata) | 697 | 645 | 573 | 502 |

(104) Matul il-perjodu kkunsidrat l-ishma individwali tas-suq tal-pajjiżi terzi żdiedu biss marġinalment bl-eċċezzjoni tal-Ukraina fejn iż-żieda fis-sehem mis-suq kienet sostanzjali f'termini relattivi iżda xorta s-sehem mis-suq ta' dan il-pajjiż f'termini assoluti kien negliġibbli. Ta' min jinnota wkoll li tul il-perjodu kkunsidrat il-prezzijiet tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi kienu bħala medja dejjem ogħla mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. L-uniku pajjiż esportatur bi prezzijiet medji aktar baxxi minn tal-industrija tal-Unjoni kien il-Belarussja fil-PI li kienet l-istess sena meta l-volumi tal-importazzjonijiet mill-Belarussja żdiedu b'mod l-aktar rapidu. Għalhekk, qegħda tinġibed il-konklużjoni li anki kieku l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi setgħu kellhom xi impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-importazzjonijiet mill-Belarussja b'mod ċar baqgħu l-kawża ewlenija tad-dannu.

6.3.4. *L-evoluzzjoni tal-kosti*

(105) Il-fattur ewlieni tal-kost fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat huwa l-fdalijiet tal-ħadid u tal-azzar. Matul il-perjodu kkonċernat, il-prezz ta' din il-materja prima naqas madwar id-dinja. Il-produtturi tal-Unjoni li jipproduċu billetti mill-fdalijiet esperjenzaw tnaqqis fil-kost tal-materja prima ta' bejn 23 % u 32 % u l-produtturi tal-Unjoni li jużaw billetti bħala materja prima ta' madwar 24 %. Skont id-dejta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-kost totali tal-manifattura tal-prodott ikkonċernat naqas b'20 % matul il-perjodu kkunsidrat, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima kien ibbilanċjat xi ftit, prinċipalment minn kosti lavorattivi ogħla (madwar 10 % bħala medja). Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li l-evoluzzjoni tal-kosti ma setgħetx tkun il-kawża tad-dannu materjali misjub. Min-naħa l-oħra minħabba t-tnaqqis fil-prezzijiet, l-aktar minħabba importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika minn kostijiet li qegħdin jonqsu u dan it-tifdil fil-kosti ma kienx rifless fl-indikaturi finanzjarji tagħha.

6.3.5. *L-impatt tal-hekk imsejħa "skema tal-frodi tal-VAT"*

(106) Il-produttur esportatur tal-Belarussja allega li wieħed mill-fatturi importanti li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat kienet l-hekk imsejħa "skema tal-frodi tal-VAT". L-iskema affetwat l-aktar lis-suq Pollakk. Fl-2012 kien ġie organizzat il-kampjonat Ewropew tal-futbol f'dan il-pajjiż u, fil-mument, is-settur tal-kostruzzjoni kien qiegħed jiffjorixxi u d-domanda għall-iżbarri kienet għolja ħafna. Xi kummerċjanti bla skruplu kienu allegatament qegħdin joperaw fis-suq u ħadu vantaġġ minn din l-opportunità u stabbilew t-twaqqif ta' "karusell tal-frodi" tal-VAT. Inħolqu kumpaniji tal-isem fil-Polonja li jixtru l-iżbarri minn Stat Membru ieħor u jerġgħu jbiegħuhom fil-Polonja bil-VAT lokali tiġi imposta fuq il-fattura. Madankollu, dawn il-kumpanniji tal-isem qatt ma kienu jagħtu rendikont tal-VAT miġbura. Allegatament minħabba l-prezzijiet baxxi fis-suq Pollakk ikkawżati minn tali kumpaniji kummerċjali frawdulwenti, il-produtturi Pollakki tilfu sehem mis-suq u esperjenzaw telf finanzjarju.

(107) Tabilħaqq, ġie kkonfermat li l-frodi tal-VAT deskritta hawn fuq kellha impatt kbir mill-akbar fuq is-suq tal-iżbarri fil-Polonja. Ħafna produtturi regolari tal-azzar kellhom iħabbtu wiċċhom ma' tnaqqis fil-prestazzjoni ekonomika tagħhom minħabba t-tħarbit fis-suq. Xi wħud mill-kumpaniji saħansitra ssospendew il-produzzjoni tal-iżbarri għal ftit ġimgħat fil-bidu ta' Jannar 2013 bħala riżultat ta' dawn l-attivitajiet illegali. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li ma hemmx koinċidenza bejn l-iskema tal-frodi tal-VAT u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja fejn jolqot iż-żmien u l-impatt. L-iskema tal-frodi ntemmet meta l-Gvern Pollakk applika mekkaniżmi tal-VAT retroattivi mill-1 ta' Ottubru 2013. L-impatt tagħha huwa viżibbli fin-nuqqas f'daqqa tal-volumi tal-bejgħ u l-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2013. Madankollu, is-sitwazzjoni marret lura għan-normal fl-2014 filwaqt li fl-istess ħin il-fluss akbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bdiet taffettwa b'mod negattiv il-livell tal-prezzijiet, is-sehem mis-suq u l-prestazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-impatt tal-frodi tal-VAT fuq il-qagħda ekonomika tal-manifatturi Pollakki huwa limitat għas-snin meta l-importazzjoni mill-Belarussja lejn is-suq tal-Unjoni kienet relattivament baxxa bħala volum u bi prezz relattivament għoli. Barra minn hekk ma kien hemm l-ebda konsegwenzi li jinfirxu fuq is-suq tal-iżbarri Pollakk meta l-frodisti temmew l-attivitajiet tagħhom. Dawn il-kostatazzjonijiet huma fil-fatt ikkonfermati mill-preżentazzjoni addizzjonali (u l-evidenza ta' sostenn) pprovduta mill-produttur esportatur tal-Belarussja dwar il-qagħda fis-suq Pollakk matul u wara li kienet attiva l-iskema tal-frodi tal-VAT. Għalhekk huwa ċar li din il-kwistjoni tista' tiġi separata mill-effetti ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u mhix qiegħda tikser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(108) Il-produttur esportatur tal-Belarussja sostna wkoll li bħala riżultat ta' din l-iskema tal-frodi tal-VAT deskritta hawn fuq, ċerti kumpaniji produtturi li jinsabu fil-Latvja u fis-Slovakkja fallew. Il-kumpanija tindika għalhekk li x-xejriet negattivi fil-volumi ta' produzzjoni u ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni huwa kkawżati mill-għajbien ta' ċerti kumpaniji mis-suq li mhux marbut mal-attività ta' esportazzjoni tal-produttur esportatur tal-Belarussja.

(109) Għar-rigward ta' din l-allegazzjoni, għandu jiġi enfasizzat li l-istima tal-makroindikaturi murija fil-premessi (75) sa (82) ma ħaditx f'kunsiderazzjoni l-kumpanija li ma kinux jeżistru fil-PI. Għall-kumpaniji li ma rċevewx kwstjonarji, l-informazzjoni relevanti għall-makroindikaturi kienet stmata abbażi tal-produzzjoni attwali fil-PI. Għalhekk, l-għejbien tal-kumpaniji inkwistjoni mis-suq mhux rifless fl-indikaturi li juru l-iżvilupp negattiv fil-volumi ta' produzzjoni u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Għandu jiġi enfasizzat li kienu dawn kellhom jiġu kkunsidrati l-kwadru ġenerali tad-dannu kien ikun anki agħar.

(110) Fl-aħħar nett, il-produttur esportatur tal-Belarussja ikkonċernat jallega li l-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-importazzjonijiet minn dan il-pajjiż fis-snin bejn l-2014 u l-PI mhumiex rappreżentattivi tal-strateġija ta' bejgħ "normali" tal-kumpanija. Il-kumpanija tallega li l-attività tal-esportazzjoni miżjuda tagħha fl-Unjoni f'dawn is-snin kienet riżultat tad-differenza bejn id-domanda u l-provvista tal-prodott ikkonċernat fis-swieq tal-Polonja u tal-Istati Baltiċi, li kienet ir-riżultat tad-disturbi kkawżati mill-frodi tal-VAT. Il-kumpanija tallega li l-Kummissjoni

għandha tinvestiga l-volumi u l-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Belarussja fil-perjodu ta' wara l-PI. Il-kumpanija tallega li tali investigazzjoni ta' dejta ta' wara l-PI tqieset bħala ġustifikata mill-Kummissjoni fil-proċedimenti ta' dan l-aħħar rigward l-importazzjonijiet ta' azzar manjetiku bi grani orjentati (GOES — *grain oriented electrical steel*).

(111) Dwar dan ta' hawn fuq ta' min jinnota l-ewwel nett li l-eżistenza ta' lakuna bejn id-domanda u l-provvista tal-prodott ikkonċernat mhix ikkonfermata mill-kostatazzjonijiet tal-investigazzjoni. L-iskema tal-frodi tal-VAT tabilħaqq affettwat b'mod negattiv il-prestazzjoni tal-produtturi fil-Polonja fl-2013, iżda l-impatt tagħha kien marbut mal-livell baxx tal-prezzijiet tal-prodott kkonċernat mibjugħ mill-kumpaniji kummerċjali frawdolenti, mhux minn xi nuqqas ta' provvista. Wara Ottubru 2013 dan l-effett negattiv tneħħa kif spjegat fil-premessa (107). Il-produtturi tal-Unjoni fil-Polonja setgħu mbagħad jużaw liberament il-kapaċità disponibbli tagħhom ta' produzzjoni ('il fuq minn 40 %) biex jissupplixxu lill-klijenti kemm fil-Polonja kif ukoll fl-Istati Baltiċi. In-nuqqas tagħhom li jżidu l-bejgħ u s-sehem mis-suq tagħhom matul is-sena 2014 u l-PI kien riżultat tal-kompetizzjoni minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja li żdiedu drastikament. It-tieni, huwa nnotat li t-talba biex tiġi eżaminata d-dejta ta' wara l-PI waslet tard ħafna fil-proċedura. Il-Kummissjoni se tinġbor id-dejta ta' wara l-PI u tikkunsidra jekk reviżjoni tal-iżviluppi ta' wara l-PI tkunx xierqa f'dan il-każ fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni. Madankollu, diġà f'dan l-istadju għandu jiġi osservat li ċ-ċirkustanzi f'dan il-proċediment ma jistgħux jitqiesu bħala simili għal dawk tal-investigazzjoni dwar il-GOES.

### 6.4. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(112) Intwera li kien hemm żieda sostanzjali fil-volum u fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping li joriġinaw mill-Belarussja fil-perjodu kkunsidrat. B'żieda ma' dan, instab li dawn l-importazzjonijiet kellhom prezzijiet kienu mwaqqa', paragunati mal-prezzijiet imposti mill-industrija tal-Unjoni fuq is-suq tal-Unjoni matul il-PI.

(113) Iż-żieda fil-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Belarussja li huma oġġett ta' dumping, seħħet fl-istess żmien meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni kienet qed tiddeterjora, ħaġa li tidher b'mod speċjali mill-2014 'l quddiem. Għaldaqstant, minkejja l-irkupru fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-bejgħ u l-prezzijiet tagħha, u konsegwentement l-indikaturi finanzjarji, bħall-profittabilità, baqgħu negattivi.

(114) L-eżami tal-fatturi l-oħra magħrufa li setgħu kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni żvela li dawn il-fatturi mhumiex tali li jkissru r-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Belarussja u d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(115) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, li ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufa fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping, ġie konkluż b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-Belarussja kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

## 7. L-INTERESSI TAL-UNJONI

### 7.1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(116) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk, minkejja s-sejba provviżorja ta' dumping li jikkawża dannu, jeżistux raġunijiet b'saħħithom biex jiġi konkluż li f'dan il-każ partikolari mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġu adottati miżuri. L-analiżi dwar l-interessi tal-Unjoni kienet ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, u tal-utenti.

### 7.2. **L-interessi tal-industrija tal-Unjoni**

(117) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn aktar minn 65 produttur, li jinstabu fi Stati Membri differenti tal-Unjoni, u li jimpjegaw direttament aktar minn 4 600 persuna meta mqabbla mal-prodott simili, matul il-PI.

(118) Ġie stabbilit li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-Belarussja. Ta' min ifakkar li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika bis-sħiħ miż-żieda fil-konsum u l-qagħda finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni baqgħet fraġli.

(119) Huwa mistenni li l-impożizzjoni ta' dażji antidumping trodd lura kundizzjonijiet kummerċjali ġusti fis-suq tal-Unjoni, u tippermetti lill-industrija tal-Unjoni biex tallinja l-prezzijiet tagħha tal-prodott simili mal-kosti tal-produzzjoni.

(120) Huwa mistenni wkoll li l-impożizzjoni ta' miżuri se tippermetti lill-industrija tal-Unjoni biex tirkupra mill-inqas il-parti tas-sehem mis-suq li ntilfet matul il-perjodu kkunsidrat, b'impatt pożittiv fuq il-profittabbiltà u l-qagħda finanzjarja ġenerali tagħha. L-impożizzjoni tal-miżuri tippermetti li l-industrija żżomm u tiżviluppa aktar l-isforzi tagħha biex tkun kosteffiċjenti.

(121) Jekk il-miżuri ma jiġux imposti, huwa mistenni aktar telf fis-sehem mis-suq u l-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni tibqa' sejra lura.

(122) Għaldaqstant, ġie konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni tal-miżuri antidumping fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Belarussja tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 7.3. **L-interess tal-utenti u l-importaturi**

(123) Il-kooperazzjoni tal-utenti tal-prodott ikkonċernat kienet baxxa. Mit-tmien utenti magħrufa kkuntattjati fil-bidu tal-proċedura, kumpanija waħda biss kienet interessata li tikkopera. Madankollu, lanqas din il-kumpanija ma wieġbet il-kwestjonarju tal-utenti mibgħut mill-Kummissjoni.

(124) Fil-każ tal-importaturi kien hemm sitt kumpaniji li wieġbu għall-kwestjonarju dwar it-teħid tal-kampjuni inkluż fin-Notifikazzjoni ta' Bidu. Tlieta minn dawn il-kumpaniji, li jirrappreżentaw 81 % tal-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat irrappurtati minn dawk li wieġbu, sussegwentement ġew magħżula għall-kampjun.

(125) Tnejn biss mit-tliet importaturi fil-kampjun bagħtu tweġibiet għall-kwestjonarji mibgħut mill-Kummissjoni. Wieħed minnhom indika li l-kumpannija inkwistjoni mhix biss importatur tal-prodott ikkonċernat iżda fil-verità utent u għandha titqies bħala tali fil-proċedura.

(126) L-importatur beda jakkwista l-prodott ikkonċernat matul il-PI li minnu 78 % ġew impurtati mill-Belarussja u dan għamlu b'marġinu żgħir ta' qligħ. Dan juri li dan l-importatur straħ fuq l-opportunità ta' prezzijiet tal-importazzjoni baxxi mill-Belarussja u ħoloq bażi ta' klijentela ġdida. L-azzjonijiet ta' dan l-importatur għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala reazzjoni għal flussi kummerċjali stabbiliti. Għalhekk dan se jfittex opportunitajiet oħra ta' negozju meta tinbidel is-sitwazzjoni tas-suq wara l-impożizzjoni tal-miżuri.

(127) L-utent ġarrab telf fuq il-bejgħ ta' prodotti lesti downstream li fihom żbarri. Dawn tal-aħħar kienu akkwistati nofshom mill-industrija tal-Unjoni, terz mill-Belarussja u l-bqija minn pajjiżi terzi bħaċ-Ċina u t-Turkija. Dan l-utent għaldaqstant juża sorsi kif jaqbillu fejn jidħlu prezzijiet, disponibbiltà u kwalità. Il-proporzjon ta' xiri mill-Belarussja jista' jkun affettwat mill-miżuri maħsuba u pjuttost jillimitaw jew jibdlu l-għażla ta' żbarri li jiġu akkwistati, iżda ma jidhirx li jaffettwa lil dan l-utent b'mod fundamentali. Il-kawża tat-telf jidher li hi strutturali u mhux relatata mal-kisba tal-materjal mill-Belarussja.

(128) Iż-żewġ kumpaniji, minkejja r-rwol tagħhom li jidher differenti fil-proċediment, qajmu madankollu l-istess punt kontra l-impożizzjoni tal-miżuri: a) kapaċità insuffiċjenti tal-produtturi tal-Unjoni li jissodisfaw id-domanda tas-suq tal-Unjoni, b) nuqqas suffiċjenti ta' firxa ta' prodotti manifatturati mill-produtturi tal-Unjoni u c) diffikultajiet biex wieħed jaqleb minn fornitur għall-ieħor peress li allegatament Stati Membri differenti jirrekjedu ċertifikati differenti ta' omologazzjoni għall-prodott ikkonċernat.

(129) L-ewwel allegazzjoni mhix sostnuta mill-kostatazzjonijiet provviżorji — l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni hija fil-livell ta' 67 % u dan iħalli ħafna iżjed kapaċità ħielsa mill-importazzjonijiet kollha tal-Belarussja lejn l-Unjoni.

(130) It-tieni allegazzjoni ma kinitx issostanzjata. Min-naħa l-oħra ir-risposti għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun juru b'mod ċar li huma qegħdin jipproduċu u jbigħu il-firxa sħiħa ta' tipi ta' prodotti.

(131) Fir-rigward tat-tielet allegazzjoni, għandu jkun enfasizzat li l-produtturi tal-Unjoni diġà qegħdin ifornu lil diversi Stati Membri mingħajr l-ebda diffikultà apparenti.

(132) Importatur ieħor, li qiegħed jikkoopera, mhux fil-kampjun, fis-sottomissjoni separata tiegħu qajjem il-kwistjoni tal-akkordju li allegatament jeżisti fost il-produtturi tal-Unjoni. Madankollu, il-kumpanija ma pprovdietx dokumenti li jsostnu din l-allegazzjoni. Il-kwistjoni tal-allegat akkordju ta' kartell sussegwentement tqajmet mill-produttur esportatur tal-Belarussja. Il-Kummissjoni qiegħda tevalwa l-informazzjoni pprovduta mill-produttur esportatur tal-Belarussja. Madankollu, peress li din waslet tard ħafna matul il-proċediment, dan il-punt ma setax jiġi indirizzat u konkluż f'dan l-istadju. Fi kwalunkwe każ, huwa nnotat li l-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija tidher li torbot ma' akkużi li potenzjalment jinvolvu kumpanija waħda biss li hija inkluża fil-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-proċedura ta' verifika inkwistjoni mibdija mill-awtorità tal-kompetizzjoni Taljana għadha ma ġietx konkluża ([1]). Il-Kummissjoni ser tinvestiga din l-allegazzjoni f'iktar dettall fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

(133) Fl-aħħar nett, utent ieħor, li ma għamilx lilu nnifsu magħruf lill-Kummissjoni fi stadju aktar bikri tal-proċediment, ressaq tweġiba għall-kwestjonarju tal-utenti fi tmiem l-istadju provviżorju tal-investigazzjoni. Is-sottomissjoni waslet tard ħafna fil-proċediment tal-istadju provviżorju tal-investigazzjoni u għalhekk ma setgħetx tiġi analizzata u indirizzati f'dan l-istadju. Il-Kummissjoni ser tinvestiga u tanalizza din ir-risposta tal-kwestjonarju f'iktar dettall fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

(134) Meta wieħed jikkunsidra dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni f'dan il-waqt hija tal-fehma li l-impatt kumplessiv fuq l-utenti u l-importaturi, kif ukoll l-effetti restrittivi possibbli fuq il-kompetizzjoni huma limitati.

### 7.4. **Konklużjoni dwar l-interessi tal-Unjoni**

(135) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie provviżorjament konkluż li kollox ma' kollox, abbażi tal-informazzjoni disponibbli li tikkonċerna l-interess tal-Unjoni, ma hemm l-ebda raġuni sinifikanti kontra l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Belarussja.

(136) Kwalunkwe effett negattiv fuq l-utenti u l-importaturi mhux relatati jittaffa permezz tad-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' provvista.

(137) Barra minn hekk, meta jiġi kkunsidrat l-impatt globali tal-miżuri antidumping fuq is-suq tal-Unjoni, l-effetti pożittivi, b'mod partikolari fuq l-industrija tal-Unjoni, jidhru li jegħlbu l-impatti potenzjalment negattivi fuq il-gruppi ta' interess l-oħra.

## 8. **PROPOSTA GĦALL-MIŻURI PROVVIŻORJI ANTIDUMPING**

(138) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri antidumping provviżorji sabiex jiġi evitat li ssir aktar ħsara lill-industrija tal-Unjoni ħtija tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

### 8.1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu**

(139) Sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' dawn il-miżuri, ittieħdu f'kunsiderazzjoni l-marġnijiet tad-dumping li nstabu u l-ammont ta' dazju neċessarju sabiex jiġi eliminat id-dannu sofrut mill-industrija tal-Unjoni.

(140) Meta kien qed jiġi kkalkulat l-ammont ta' dazju meħtieġ sabiex jitneħħew l-effetti dannużi tad-dumping, tqies li kwalunkwe miżura li tittieħed għandha tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tkopri l-kosti tal-produzzjoni tagħha u tikseb profitt qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni.

(141) Sabiex jiġi ddeterminat il-profitt fil-mira, il-Kummissjoni ħadet inkonsiderazzjoni l-profitti magħmula mill-bejgħ mhux relatat li jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-livell għall-eliminazzjoni tad-dannu.

([1]) Provvedimento n. 25674 del 21/10/2015
Provvedimento n. 26085 del 21/06/2016
Provvedimento n. 2671 del 14/09/2016

(142) Matul il-perjodu kollu kkunsidrat kien biss fl-2012 li l-industrija tal-Unjoni għamlet profitt iżda l-profitt minimali ta' 1,3 % li nkiseb f'dik is-sena kien milqut mill-impatt tal-"iskema tal-frodi tal-VAT" u sussegwentement minn tnaqqis fil-prezz kif spjegat fil-premessi (83) u (106) sa (111). Għalhekk, il-profitt li nkiseb fl-2012 ma jistax jitqies bħala "qligħ fil-mira" raġonevoli li tippermetti l-irkupru finanzjarju u bih jitħeġġu l-investimenti.

(143) Il-profitt fil-mira propost mill-ilmentatur kien ta' 9,9 % u kien ibbażat fuq il-profitt fil-mira użat fil-każ riċenti ta' anti-dumping kontra l-importazzjonijiet ta' prodott tal-azzar li huwa relatati mill-qrib, jiġifieri l-vireg tal-wajer. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li jkun aktar xieraq li jintuża l-profitt fil-mira bbażat fuq il-kostatazzjonijiet tal-każ l-aktar reċenti dwar żbarri u vireg tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi għar-rinfurzar tal-konkos, jiġifieri 4,8 %. Huwa nnotat li dan il-marġni ta' profitt, kuntrajru għal dak propost mill-ilmentatur, inkiseb fl-2012 jiġifieri fi ħdan il-perjodu kkunsidrat f'dan il-każ. Barra minn hekk, iż-żewġ prodotti huma simili ħafna, huma prodotti parzjalment mill-istess kumpaniji u bl-użu tal-istess linji ta' produzzjoni.

(144) Abbażi ta' dan, il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu ġie kkalkulat bħala t-tqabbil bejn il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz fil-premessa (68) hawn fuq, u l-prezz mhux dannuż għall-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili.

(145) Kwalunkwe differenza minn dan it-tqabbil ġiet imbagħad imfissra bħala perċentwal tal-prezz CIF tal-importazzjoni medju totali.

### 8.2. **Miżuri provviżorji**

(146) Fid-dawl ta' dak kollu msemmi, ġie meqjus li skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, għandhom jiġu imposti dazji provviżorji antidumping rigward l-importazzjonijiet ta' żbarri li joriġinaw mill-Belarussja fil-livell inferjuri tal-marġnijiet tad-dumping u tad-dannu, skont ir-regola tad-dazju inferjuri.

(147) Abbażi ta' dak ta' hawn fuq, ir-rati provviżorji tad-dazju antidumping ġew stabbiliti permezz tat-tqabbil tal-marġnijiet tad-dannu u tal-marġnijiet tad-dumping. Għaldaqstant, id-dazji antidumping proposti huma kif ġej:

| Kumpanija | Il-marġni tad-dannu (%) | Il-marġni tad-dumping (%) | Rata tad-dazju anti-dumping provviżorju (%) |
|---|---|---|---|
| BMZ | 12,5 | 58,4 | 12,5 |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 12,5 | 58,4 | 12,5 |

(148) Kull dikjarazzjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju antidumping tal-kumpanniji individwali (pereż. wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([1]) flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpannija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u esportat, assoċjat per eżempju ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entità tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament jiġi emendat kif meħtieġ billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali.

(149) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazju antidumping, il-livell tad-dazju residwu ma għandux japplika biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx iżda anke għal dawk il-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-PI.

## 9. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(150) Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati biex jippreżentaw kummenti bil-miktub u/jew biex jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali fi żmien skadenza stipulata.

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, CHAR 04/039, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

(151) Il-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Jiġi impost dazju provviżorju ta' antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti żbarri u vireg li jirrinforzaw il-konkos, tal-ħadid jew tal-azzar li mhuwiex liga, mhux iktar maħdum milli mikwija bis-sħana, irrumblati jew estrużi bis-sħana, iżda inklużi dawk milwija wara r-rumblar u wkoll dawk li fihom għafsiet, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess tal-irrumblar. L-iżbarri u l-vireg li jirrinforzaw il-konkos tal-ħadid jew tal-azzar b'reżistenza għolja għar-reħi huma esklużi. Il-prodott joriġina fil-Belarussja u bħalissa jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM ex 7214 10 00, ex 7214 20 00, ex 7214 30 00, ex 7214 91 10, ex 7214 91 90, ex 7214 99 10, ex 7214 99 71, ex 7214 99 79 u ex 7214 99 95 (kodiċi TARIC: 7214 10 00 10, 7214 20 00 20, 7214 30 00 10, 7214 91 10 10, 7214 91 90 10, 7214 99 10 10, 7214 99 71 10, 7214 99 79 10, 7214 99 95 10).

2. Ir-rati tad-dazju antidumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpanija elenkata hawn taħt, se jkunu kif ġej:

| Kumpanija | Rata tad-dazju antidumping provviżorju | Kodiċi TARIC addizzjonali |
|---|---|---|
| BMZ- Open Joint-Stock Company "Byelorussian Steel Works — Management Company of "Byelorussian Metallurgical Company" Holding" | 12,5 | C197 |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 12,5 | C999 |

3. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għad-dispożizzjoni ta' depożitu ta' sigurtà ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

4. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

1. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-partijiet interessati jistgħu:

(a) jitolbu l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament;

(b) jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni; kif ukoll

(c) jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali.

2. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-partijiet imsemmija fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 jistgħu jikkummentaw fuq l-applikazzjoni tal-miżuri provviżorji.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2304

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## dwar il-modalitajiet, l-istruttura u l-indikaturi tal-frekwenza u tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' kwalità tad-dejta trażmessa skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 iwaqqaf is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 ("is-SEK 2010"), li tistabbilixxi programm li jistabbilixxi l-limiti taż-żmien sa meta l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-kontijiet u t-tabelli li jridu jiġu kkompilati skont il-metodoloġija stabbilita f'dak ir-Regolament.

(2) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 549/2013, id-dejta koperta minn dak ir-Regolament japplikaw għaliha l-kriterji tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni dwar il-kwalità tad-dejta trażmessa dwar il-kontijiet nazzjonali u reġjonali.

(3) L-Istati Membri ngħataw derogi temporanji skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/403/UE ([3]). Għalhekk, il-kontenut tar-rapporti ta' kwalità li l-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri jibagħtulha għandu jiġi adattat skont dawk id-derogi. Ir-rekwiżit li jiġu pprovduti rapporti ta' kwalità għandu jiddaħħal b'mod gradwali sal-2021 sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex ilestu l-adattamenti l-kbar li huma meħtieġa biex idaħħlu s-SEK 2010 fis-sistemi nazzjonali tal-istatistika tagħhom.

(4) F'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 u għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterji tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-modalitajiet, l-istruttura u l-indikaturi tal-frekwenza u tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' kwalità li l-Istati Membri jridu jipprovdu.

(5) Minħabba li l-informazzjoni mogħtija fir-rapporti ta' kwalità dwar il-kontijiet nazzjonali u reġjonali għandha tissejjes fuq l-istandards tar-rappurtar dwar il-kwalità tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika li ppubblikat il-Kummissjoni (l-Eurostat), l-Anness ta' dan ir-Regolament għandu jitfassal skont dawk l-istandards. Il-Kummissjoni għandha tuża mill-ġdid l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-SEK 2010 li l-Istati Membri jkunu diġà pprovdew u din l-informazzjoni m'għandhiex tintalab fir-rapporti ta' kwalità.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-rapport ta' kwalità dwar il-kontijiet nazzjonali u reġjonali msemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 għandu jkopri d-dejta li l-Istati Membri jkunu bagħtu skont il-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 kif stabbilit fl-Anness B tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 fis-sena ta' qabel ma jsir ir-rapport.

([1]) ĠU L 174, 21.5.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/403/UE tas-26 ta' Ġunju 2014 dwar l-għoti ta' derogi lill-Istati Membri fir-rigward tat-trażmissjoni tal-istatistika skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 195, 2.7.2014, p. 1).

L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rapport ta' kwalità kull sena.

*Artikolu 2*

Il-modalitajiet, l-istruttura u l-indikaturi tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' kwalità dwar il-kontijiet nazzjonali u reġjonali msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**Il-modalitajiet, l-istruttura u l-indikaturi tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' kwalità li l-Istati Membri jridu jipprovdu**

## 1. Daħla

Ir-rapport ta' kwalità dwar il-kontijiet nazzjonali u reġjonali għandu jkun fih kemm indikaturi kwantitattivi kif ukoll deskrizzjonijiet kwalitattivi tal-kwalità tad-dejta li tkun intbagħtet is-sena ta' qabel. Il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tgħaddi r-riżultati tal-indikaturi kwantitattivi kkalkulati abbażi tad-dejta pprovduta lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jinterpretaw dawn ir-riżultati u jikkummentaw dwarhom skont il-metodoloġija ta' kompilazzjoni tagħhom u skont il-proċess tal-produzzjoni tal-istatistika tagħhom.

## 2. Il-modalitajiet

— Qabel il-15 ta' Frar 2017 u kull sena wara dik id-data, il-Kummissjoni (l-Eurostat) għandha tgħaddi lill-Istati Membri l-abbozzi tad-dokumenti tar-rapporti tal-kwalità bl-indikaturi kwantitattivi kollha tal-valutazzjoni speċifikati fit-Taqsima 4 mimlijin minn qabel.

— Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (lill-Eurostat) ir-rapport komplut tal-kwalità sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju.

## 3. L-istruttura

Kull Stat Membru għandu jibgħat rapport wieħed tal-kwalità li jkun ikopri t-tabelli kollha tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 kif stabbilit fl-Anness B tar-Regolament (UE) Nru 549/2013.

Ir-rapporti tal-kwalità għandu jkun fihom informazzjoni dwar il-kriterji kollha tal-kwalità stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009. L-informazzjoni għandha tingħata bl-istruttura li ġejja:

— ir-rilevanza;

— il-preċiżjoni u l-affidabbiltà;

— it-tempestività u l-puntwalità;

— l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza;

— il-koerenza u l-komparabbiltà.

Il-Kummissjoni għandha tuża mill-ġdid l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-SEK 2010 li l-Istati Membri jkunu diġà pprovdew u din l-informazzjoni m'għandhiex tintalab fir-rapporti ta' kwalità.

## 4. L-indikaturi tal-valutazzjoni

### 4.1. Indikaturi kwantitattivi

Ir-rapport ta' kwalità għandu jkun fih l-indikaturi kwantitattivi li ġejjin:

| Numru | Indikatur | Definizzjoni (*) | Fattur varjabbli u/jew it-tabella tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 | Perjodu ta' referenza (*) | Kriterji tal-kwalità | Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Ir-rata ta' kompletezza tad-dejta | Il-proporzjon tal-għadd ta' ċelloli tad-dejta li l-Istati Membri pprovdew meta mqabbel mal-għadd ta' ċelloli tad-dejta meħtieġa mill-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 li mhumiex koperti mid-derogi | It-tabelli kollha, dejta annwali u ta' kull tliet xhur | Mill-1995 sal-aħħar sena u sal-aħħar perjodu ta' tliet xhur. | Ir-rilevanza | Mill-2017 |

| Numru | Indikatur | Definizzjoni (*) | Fattur varjabbli u/jew it-tabella tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 | Perjodu ta' referenza (*) | Kriterji tal-kwalità | Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2. | Ir-rati ta' reviżjoni tad-dejta ta' kull tliet xhur | Ir-rata ta' reviżjoni tal-fatturi varjabbli ewlenin ta' kull tliet xhur bejn l-ewwel u l-aħħar trażmissjoni u r-rata medja ta' reviżjoni fit-trażmissjonijiet ta' wara l-ewwel trażmissjoni | Il-volum tal-prodott domestiku gross aġġustat skont l-istaġun u skont il-kalendarju (it-Tabella 1) | Il-perjodi disponibbli kollha ta' kull tliet xhur tal-aħħar tliet snin | Il-preċiżjoni u l-affidabbiltà | Mill-2019 |
| | | | L-għadd ta' impjiegi totali mogħti f'eluf ta' persuni, aġġustat skont l-istaġun (it-Tabella 1) | | | Mill-2019 |
| | | | L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi u tal-istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi, mhux aġġustat skont l-istaġun (it-Tabella 801) | | | Mill-2021 |
| | | | In-nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi u tal-istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi, mhux aġġustata skont l-istaġun (it-Tabella 801) | | | Mill-2021 |
| | | | Il-valur miżjud gross tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, mhux aġġustat skont l-istaġun (it-Tabella 801) | | | Mill-2021 |
| | | | Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, mhux aġġustata skont l-istaġun (it-Tabella 801) | | | Mill-2021 |
| 3. | Ir-rati ta' reviżjoni tad-dejta annwali | Ir-rati medji ta' reviżjoni tal-fatturi varjabbli annwali ewlenin fit-trażmissjonijiet ta' wara l-ewwel trażmissjoni | It-Tabella 1:<br>Il-prodott domestiku gross (fi prezzijiet kurrenti u fil-volumi), il-valur miżjud gross (fi prezzijiet kurrenti)<br>It-Tabella 1 (fi prezzijiet kurrenti):<br>Il-kumpens lill-impjegati, is-surplus operatorju gross u l-introjtu mħallat gross<br>It-Tabella 1 (fi prezzijiet kurrenti):<br>In-nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi u tal-istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi<br>In-nefqa fuq il-konsum finali tal-gvern<br>Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss<br>L-esportazzjonijiet tal-oġġetti u tas-servizzi<br>L-importazzjonijiet tal-oġġetti u tas-servizzi | L-aħħar ħames snin | Il-preċiżjoni u l-affidabbiltà | Mill-2019 |

| Numru | Indikatur | Definizzjoni (*) | Fattur varjabbli u/jew it-tabella tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 | Perjodu ta' referenza (*) | Kriterji tal-kwalità | Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | It-Tabella 1 (f'eluf ta' persuni):<br>L-għadd ta' impjiegi totali<br>L-impjegati<br>It-Tabella 2 (fi prezzijiet kurrenti):<br>In-nefqa tal-gvern<br>Id-dħul tal-gvern<br>It-Tabella 7 (fi prezzijiet kurrenti):<br>L-obbligazzjonijiet kollha tas-settur finanzjarju (mhux ikkonsolidati)<br>It-Tabella 7 (fi prezzijiet kurrenti):<br>Id-dejn tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ikkonsolidat)<br>Id-dejn tal-unitajiet domestiċi u tal-istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi (ikkonsolidat)<br>It-Tabella 10:<br>Il-valur miżjud gross fi prezzijiet kurrenti, l-għadd ta' impjiegi f'għadd ta' persuni (t + 12-il xahar)<br>Il-kumpens lill-impjegati fi prezzijiet kurrenti (t + 24 xahar) (NUTS 2 ([1]))<br>It-Tabella 13 (fi prezzijiet kurrenti):<br>L-introjtu disponibbli nett tal-unitajiet domestiċi (NUTS 2) | | | |
| 4. | Il-puntwalità — id-dati ta' konsenja | L-ewwel data ta' konsenja u d-data ta' konsenja tad-dejta vvalidata għal kull tabella tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 għat-trażmissjonijiet kollha li kellhom jintbagħtu fl-aħħar sena | It-tabelli kollha, dejta annwali u ta' kull tliet xhur | L-aħħar sena | It-tempestività u l-puntwalità | Mill-2017 |
| 5. | Il-koerenza interna fit-tabelli u bejniethom | Id-differenza assoluta medja u massima li turi kemm l-istatistika hija konsistenti ma' sett tad-dejta partikulari, jiġifieri li l-identitajiet aritmetiċi u tal-kontabbiltà x-xierqa kollha tħarsu u li ma kien hemm l-ebda bidla li m'hemmx spjegazzjoni għaliha u li dawn huma konsistenti mar-regoli tal-integrità | Il-prodott domestiku gross fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali u ta' kull tliet xhur):<br>Fit-Tabella 1 (il-prodott domestiku gross skont l-approċċi tal-produzzjoni, tan-nefqa u tal-introjtu) | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2017 |

| Numru | Indikatur | Definizzjoni (*) | Fattur varjabbli u/jew it-tabella tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 | Perjodu ta' referenza (*) | Kriterji tal-kwalità | Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Il-valur miżjud gross fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 3<br>Il-kumpens lill-impjegati fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 3<br>Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 3 u bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 22<br>L-esportazzjonijiet tal-oġġetti u tas-servizzi fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali u ta' kull tliet xhur):<br>Fit-Tabella 1 (meħudin mill-komponenti tan-nefqa tal-prodott domestiku gross u mit-tqassim id-dettaljat tal-esportazzjonijiet)<br>L-importazzjonijiet tal-oġġetti u tas-servizzi fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali u ta' kull tliet xhur):<br>Fit-Tabella 1 (meħudin mill-komponenti tan-nefqa tal-prodott domestiku gross u mit-tqassim id-dettaljat tal-importazzjonijiet)<br>L-għadd ta' impjiegi totali, l-għadd ta' impjegati u l-għadd ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom (dejta annwali, mogħtija f'eluf ta' persuni):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 3 | | | |
| 6. | Il-koerenza bejn id-dejta annwali u l-għadd totali tad-dejta ta' kull tliet xhur | Kemm hija rikonċiljabbli l-istatistika annwali u ta' kull tliet xhur | (Għall-varjabbli kollha ħlief għall-għadd ta' impjiegi, ir-rikonċiljazzjoni tiġi ttestjata bejn id-dejta annwali u l-għadd totali tad-dejta ta' erba' perjodi ta' tliet xhur; għall-għadd ta' impjiegi, din tiġi ttestjata bejn id-dejta annwali u l-medja tad-dejta ta' erba' perjodi ta' tliet xhur;<br>Il-prodott domestiku gross fi prezzijiet kurrenti, mhux aġġustat skont l-istaġun (it-Tabella 1)<br>L-għadd ta' impjiegi totali mogħti f'eluf ta' persuni, mhux aġġustat skont l-istaġun (it-Tabella 1) | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2017 |

| Numru | Indikatur | Definizzjoni (*) | Fattur varjabbli u/jew it-tabella tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 | Perjodu ta' referenza (*) | Kriterji tal-kwalità | Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Is-surplus operatorju gross tas-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (it-Tabelli 8/801, fi prezzijiet kurrenti)<br>L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi u tal-istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi (it-Tabelli 8/801, fi prezzijiet kurrenti) | | | |
| 7. | Il-koerenza — l-ammonti totali u l-għadd totali tal-komponenti | Kemm l-għadd totali tas-sottokomponenti jiġi daqs l-għadd totali | Il-prodott domestiku gross fi prezzijiet kurrenti, mhux aġġustat skont l-istaġun, l-ammont totali u l-għadd totali tal-komponenti tan-nefqa (dejta annwali u ta' kull tliet xhur), it-Tabella 1<br>Il-valur miżjud gross fi prezzijiet kurrenti, l-ammont totali u t-tqassim tal-livell A*10 tan-NACE Reviżjoni 2 (2) (dejta annwali u ta' kull tliet xhur), it-Tabella 1<br>L-għadd ta' impjiegi totali mogħti f'eluf ta' persuni, mhux aġġustat skont l-istaġun, l-ammont totali u l-għadd ta' impjegati u l-għadd ta' ħaddiema li jaħdmu għal rashom (dejta annwali u ta' kull tliet xhur), it-Tabella 1<br>L-għadd ta' impjiegi totali mogħti f'eluf ta' persuni, l-ammont totali u l-għadd ta' tqassim tal-livell A*10 tan-NACE Reviżjoni 2 (dejta annwali), it-Tabella 1 | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2017 |
| 8. | Il-koerenza — l-aggregati ewlenin u l-kontijiet mhux finanzjarji skont is-settur | Id-differenzi bejn id-dejta tal-aggregati ewlenin u d-dejta korrispondenti fil-kontijiet mhux finanzjarji skont is-settur | Il-prodott domestiku gross fi prezzijiet kurrenti, mhux aġġustat skont l-istaġun (dejta annwali u ta' kull tliet xhur):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 8/801<br>In-nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi u tal-istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi fi prezzijiet kurrenti, mhux aġġustata skont l-istaġun (dejta annwali u ta' kull tliet xhur):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 8/801<br>Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 8 | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2021 |

| Numru | Indikatur | Definizzjoni (*) | Fattur varjabbli u/jew it-tabella tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 | Perjodu ta' referenza (*) | Kriterji tal-kwalità | Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Il-kumpens lill-impjegati fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 8 | | | |
| 9. | Il-koerenza — l-aggregati ewlenin u l-kontijiet reġjonali | Id-differenzi bejn id-dejta tal-aggregati ewlenin u d-dejta korrispondenti fil-kontijiet reġjonali | Il-valur miżjud gross fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali):<br>Bejn l-ammont totali tat-Tabella 1 u l-għadd totali tar-reġjuni tan-NUTS 2 tat-Tabelli 10 u 12<br>L-għadd ta' impjiegi mogħti f'eluf ta' persuni (dejta annwali):<br>Bejn l-ammont totali tat-Tabella 1 u l-għadd totali tar-reġjuni tan-NUTS 2 tat-Tabelli 10 u 12 | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2021 |
| 10. | Il-koerenza — l-aggregati ewlenin u t-tabelli tal-provvista u tal-użu | Id-differenzi bejn id-dejta tal-aggregati ewlenin u d-dejta korrispondenti fit-tabelli tal-provvista u tal-użu | (id-dejta kollha hija mogħtija fi prezzijiet kurrenti u hija dejta annwali)<br>Il-valur miżjud gross:<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 16<br>It-taxxi bis-sussidji fuq il-prodotti mnaqqsin minnhom:<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 15<br>In-nefqa fuq il-konsum finali, in-nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi, in-nefqa fuq il-konsum finali tal-amministrazzjoni pubblika u n-nefqa fuq il-konsum finali tal-istituzzjonijiet mhux għall-profitt għas-servizz tal-unitajiet domestiċi:<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 16<br>Il-formazzjoni grossa tal-kapital, il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss, il-bidliet fl-inventarji u l-akkwiżizzjonijiet nieqes id-disponimenti tal-oġġetti ta' valur:<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 16<br>L-esportazzjonijiet tal-oġġetti u tas-servizzi:<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 16<br>L-importazzjonijiet tal-oġġetti u tas-servizzi:<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 15 | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2021 |

| Numru | Indikatur | Definizzjoni (*) | Fattur varjabbli u/jew it-tabella tal-programm ta' trażmissjoni tas-SEK 2010 | Perjodu ta' referenza (*) | Kriterji tal-kwalità | Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Il-kumpens lill-impjegati:<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 16<br>Is-surplus operatorju gross u l-introjtu mħallat gross:<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 16 | | | |
| 11. | Il-koerenza — l-aggregati ewlenin u l-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern | Id-differenzi bejn id-dejta tal-aggregati ewlenin u d-dejta korrispondenti fl-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern | (id-dejta kollha hija mogħtija fi prezzijiet kurrenti)<br>In-nefqa tal-konsum individwali (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 2<br>In-nefqa tal-konsum kollettiv (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 2<br>It-taxxi fuq il-prodotti (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 1 u t-Tabella 9 | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2021 |
| 12. | Il-koerenza — il-kontijiet mhux finanzjarji skont is-settur u l-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern | Id-differenzi bejn id-dejta tal-kontijiet mhux finanzjarji skont is-settur u d-dejta korrispondenti fl-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern | Is-self nett u t-teħid ta' self nett fis-settur tal-gvern fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 8 u t-Tabella 2 | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2021 |
| 13. | Il-koerenza — il-kontijiet mhux finanzjarji skont is-settur u l-kontijiet finanzjarji skont is-settur | Id-differenzi bejn id-dejta tal-kontijiet mhux finanzjarji skont is-settur u d-dejta korrispondenti fil-kontijiet finanzjarji skont is-settur | Is-self nett u t-teħid ta' self nett fis-setturi kollha fi prezzijiet kurrenti (dejta annwali):<br>Bejn it-Tabella 8 u t-Tabella 6 | L-aħħar ħames snin | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2019 |

(*) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-indikaturi kwantitattivi jiġu kkalkulati abbażi tal-iktar dejta riċenti tal-Istati Membri ppubblikata fuq is-sit web tal-Eurostat.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

([2]) Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

4.2. Informazzjoni kwalitattiva

Ir-rapport ta' kwalità għandu jkun fih l-informazzjoni kwalitattiva li ġejja:

| Numru | Indikatur | Definizzjoni | Kriterji tal-kwalità | Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Il-politika ta' reviżjoni tad-dejta | Metadejta dwar il-politika nazzjonali ta' reviżjoni tad-dejta li jkun fiha:<br>— il-ħoloq għall-metadejta eżistenti ppubblikata fil-livell nazzjonali;<br>— tagħrif fil-qosor dwar ir-reviżjonijiet tal-punti ta' riferiment u/jew dwar ir-reviżjonijiet ewlenin ta' rutina u dwar l-impatt tagħhom fuq il-prodott domestiku gross. | Il-preċiżjoni u l-affidabbiltà | Mill-2017 |
| 2. | Id-dokumenti dwar il-metodoloġija | Lista tal-pubblikazzjonijiet nazzjonali dwar is-sorsi tad-dejta użati u dwar il-metodoloġija applikata li jkun fiha t-titli ta' dawk il-pubblikazzjonijiet u l-ħoloq għalihom, jekk dawn ikunu disponibbli | L-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza | Mill-2017 |
| 3. | It-tul ta' żmien ta' sensiliet temporali komparabbli maż-żmien | Metadejta dwar it-tul ta' żmien ta' sensiliet temporali komparabbli maż-żmien li jkun fiha:<br>— il-ħoloq għall-metadejta eżistenti ppubblikata fil-livell nazzjonali;<br>— tagħrif fil-qosor dwar it-tul ta' żmien ta' sensiliet temporali komparabbli, il-waqfiet f'dawn is-sensiliet temporali u l-ispjegazzjonijiet għal dawn il-waqfiet. | Il-koerenza u l-komparabbiltà | Mill-2021 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2305

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 96,7 |
| | SN | 241,4 |
| | TN | 269,5 |
| | TR | 113,9 |
| | ZZ | 180,4 |
| 0707 00 05 | MA | 79,2 |
| | TR | 155,8 |
| | ZZ | 117,5 |
| 0709 93 10 | MA | 151,9 |
| | TR | 168,6 |
| | ZZ | 160,3 |
| 0805 10 20 | IL | 126,4 |
| | TR | 67,1 |
| | ZZ | 96,8 |
| 0805 20 10 | MA | 69,4 |
| | ZZ | 69,4 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | IL | 110,0 |
| | JM | 129,1 |
| | MA | 74,5 |
| | TR | 75,3 |
| | ZZ | 97,2 |
| 0805 50 10 | AR | 76,7 |
| | TR | 85,6 |
| | ZZ | 81,2 |
| 0808 10 80 | US | 132,4 |
| | ZZ | 132,4 |
| 0808 30 90 | CN | 101,3 |
| | ZZ | 101,3 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2306**

**tad-19 ta' Diċembru 2016**

**li jiffissa l-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 u li jistipula l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament (KE) Nru 533/2007 fis-settur tal-laħam tat-tjur**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli għal ċerti kwoti. Għaldaqstant, jixraq li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi ffissat il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitlub, ikkalkolat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]).

(3) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli għal ċerti kwoti. Għaldaqstant, jixraq li jiġu ddeterminati l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(4) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqin skont ir-Regolament (KE) Nru 533/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 għandhom jinħarġu skont il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 533/2007, li għandhom jiżdiedu mas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017, jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 li jiftaħ u jamministra kwoti tariffarji fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Koeffiċjent tal-allokazzjoni — applikazzjonijiet imressqin għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 (f'%) | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 (f'kg) |
|---|---|---|
| 09.4067 | 1,396651 | — |
| 09.4068 | — | 2 142 507 |
| 09.4069 | 0,146909 | — |
| 09.4070 | — | 1 335 750 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2307

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## li jiffissal-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 u li jistabbilixxi l-kwantitajiet li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 fis-settur tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli għal ċerti kwoti. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi stabbilit sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba, ikkalkulat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([3]).

(3) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma inqas mill-kwantitajiet disponibbli għal ċerti kwoti. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet, u li dawn jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu tal-kwota li jmiss.

(4) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin skont ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 għandhom jinħarġu skont il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom ma tressqux applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1385/2007, li għandhom jiżdiedu mal-kwantità ffissata għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017, huma mogħtija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Koeffiċjent tal-allokazzjoni — applikazzjonijiet imressqin għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 (f'%) | Il-kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017 (f'kg) |
|---|---|---|
| 09.4410 | 0,146563 | — |
| 09.4411 | 0,147907 | — |
| 09.4412 | 0,151103 | — |
| 09.4420 | 0,151492 | — |
| 09.4421 | — | 150 047 |
| 09.4422 | 0,151515 | — |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2308

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni li għandha tapplika għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 fil-qafas tal-kwoti tariffarji miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 għal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 188(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2078 [2] fetaħ il-kwoti tariffarji annwali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tat-tjur li joriġina mill-Ukrajna.

(2) Il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' importazzjoni mressqa mill-1 sas-7 ta' Diċembru 2016 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 huma ogħla mill-kwantitajiet disponibbli għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4273. Jeħtieġ għalhekk li jiġi ddeterminat safejn jistgħu jiġu allokati d-drittijiet tal-importazzjoni, billi jiġi ffissat il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li jiġi applikat għall-kwantijiet mitluba, ikkalkulat skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 [3] flimkien mal-Artikolu 7(2) tal-istess Regolament.

(3) Sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja tal-miżura, jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-koeffiċjent ta' allokazzjoni li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament japplika għall-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2078 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

(1) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2078 tat-18 ta' Novembru 2015 li jwassal għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-Unjoni għall-importazzjoni tal-laħam tat-tajr li joriġina mill-Ukrajna (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 63).

(3) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali*
*Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS*

| Numru tal-ordni | Koeffiċjent ta' allokazzjoni — applikazzjonijiet imressqa għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2017 (f'%) |
|---|---|
| 09.4273 | 8,891706 |
| 09.4274 | — |

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2309

**tas-16 ta' Diċembru 2016**

**li tadatta għar-raba' darba l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi skont il-progress xjentifiku u tekniku**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) It-Taqsima I.1 tal-Anness I, it-Taqsima II.1 tal-Anness II u t-Taqsima III.1 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/68/KE jirreferu għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija u fuq passaġġi tal-ilma interni kif definit fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet internazzjonali jiġu aġġornati kull sentejn. Konsegwentement, il-verżjonijiet li ġew emendati l-aħħar ta' dawn il-ftehimiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017, b'perjodu ta' tranżizzjoni sat-30 ta' Ġunju 2017.

(3) Għalhekk, it-Taqsima I.1 tal-Anness I, it-Taqsima II.1 tal-Anness II u t-Taqsima III.1 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/68/KE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2008/68/KE**

Id-Direttiva 2008/68/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Anness I, it-Taqsima I.1 tinbidel b'dan li ġej:

"I.1. ADR

Fl-Annessi A u B tal-ADR, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2017, huwa mifhum illi l-frażi 'parti kontraenti' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq.";

2. Fl-Anness II, it-Taqsima II.1 tinbidel b'dan li ġej:

"II.1. RID

Fl-Anness tal-RID, li jidher fl-Appendiċi C tal-COTIF, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2017, huwa mifhum illi l-frażi 'Stat Kontraenti tal-RID' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq.";

([1]) ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

3. Fl-Anness III, it-Taqsima III.1 tinbidel b'dan li ġej:

"III.1. ADN

Fir-Regolamenti annessi tal-ADN, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2017, kif ukoll l-Artikoli 3(f), 3(h), 8(1), 8(3) tal-ADN, huwa mifhum illi l-frażi 'parti kontraenti' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru', kif xieraq.".

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2017. Minnufih għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2310

**tas-17 ta' Ottubru 2016**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan, inkluż il-Patt**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") ġie ffirmat fil-24 ta' Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002.

(2) Komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Novembru 2015 dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat intlaqgħet tajjeb mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2015, fejn, fost l-oħrajn, il-Kunsill ikkonferma l-intenzjoni li jibda fażi ġdida ta' involviment mas-sħab fl-2016 li tista' twassal biex jiġu stabbiliti prijoritajiet ġodda ta' sħubija, fejn xieraq, iffokati fuq prijoritajiet u interessi miftiehma.

(3) Il-mira kondiviża tal-Unjoni u tal-Ġordan għal żona komuni ta' paċi, prosperità u stabbiltà teħtieġ ħidma flimkien, partikolarment permezz ta' sjieda konġunta u differenzjazzjoni, u li jitqies ir-rwol ċentrali tal-Ġordan fir-reġjun.

(4) Filwaqt li jindirizzaw l-aktar sfidi urġenti, l-Unjoni u l-Ġordan qed ikomplu jsegwu l-objettivi ewlenin tas-sħubija antika tagħhom u jsaħħu l-istabbiltà u r-reżiljenza tal-pajjiż u tar-reġjun kif ukoll it-tkabbir ekonomiku u żvilupp soċjali sostenibbli u bbażati fuq l-għarfien skont l-istat tad-dritt u l-governanza demokratika.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ikun ibbażat fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan, inkluż il-Patt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra (ĠU L 129, 15.5.2002, p. 3).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. MOGHERINI

ABBOZZ

# DEĊIŻJONI Nru 1/2016 TAT-12-il KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN

**ta' …**

**dwar qbil fuq il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĠORDAN,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat fl-24 ta' Novembru 1997 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2002.

(2) L-Artikolu 91 tal-Ftehim jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim u li jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.

(3) L-Artikolu 101 tal-Ftehim jipprovdi li l-Partijiet jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u jaraw li jinkisbu l-għanijiet stipulati fil-Ftehim.

(4) Ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ipproponiet fażi ġdida ta' involviment mas-sħab, li tippermetti sens akbar ta' sjieda miż-żewġ naħat.

(5) L-UE u l-Ġordan qablu li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi jaqblu fuq sett ta' prijoritajiet għall-perijodu 2016-2018, bl-għan li jappoġġjaw u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-Ġordan filwaqt li jfittxu li jindirizzaw l-impatt tal-kunflitt fis-Sirja li issa ilu għaddej żmien twil.

(6) Il-Partijiet għall-Ftehim qablu fuq it-test tal-Prijoritajiet tas-Sħubija UE -Ġordan, inkluż il-Patt, li ser jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'enfasi fuq il-kooperazzjoni fir-rigward ta' interessi identifikati b'mod komuni bejniethom,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet jimplimentaw il-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan, inkluż il-Patt, li huma stipulati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiddeċiedi li l-Pjan ta' Azzjoni UE-Ġordan, li daħal fis-seħħ f'Ottubru 2012, jiġi sostitwit mill-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Ġordan, inkluż il-Patt.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan*

*Il-President*

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2311

## tat-8 ta' Diċembru 2016

## li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif iddikjarat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Miżuri għall-protezzjoni tat-tfal kontra t-teħid jew iż-żamma b'mod illeċitu huma parti essenzjali minn dik il-politika.

(2) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 ([2]) ("ir-Regolament Brussell IIa"), li għandu l-għan li jħares it-tfal mill-effetti dannużi tat-teħid jew taż-żamma illegali u li jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn rapidu tagħhom lejn l-istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-aċċess u d-drittijiet tal-kustodja.

(3) Ir-Regolament Brussell IIa jikkumplimenta u jirrinforza l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") li tistabbilixxi, fil-livell internazzjonali, sistema ta' obbligi u kooperazzjoni fost l-istati kontraenti u bejn l-awtoritajiet ċentrali u għandha l-għan li tiżgura r-ritorn minnufih ta' tfal li jittieħdu jew jinżammu b'mod illeċitu.

(4) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(5) L-Unjoni tinkoraġġixxi lil stati terzi biex jaċċedu għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tappoġġa l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 billi tieħu sehem, flimkien mal-Istati Membri, fost oħrajn, fil-kummissjonijiet speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat.

(6) Qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u stati terzi jista' jkun l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensittivi ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

(7) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tistipula li hija tapplika bejn l-istat aderenti u tali stati kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

(8) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma tippermettix li organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-Unjoni jsiru parti għaliha. Għalhekk, l-Unjoni la tista' taderixxi mal-Konvenzjoni, u lanqas ma tista' tressaq dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' stat aderenti.

(9) Skont l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 huma parti mill-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2016 (għadha mhix ippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).

(10) Il-Każakistan iddepożita l-istrument tal-adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-3 ta' Ġunju 2013. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għall-Każakistan fl-1 ta' Settembru 2013.

(11) Ir-Renju tan-Netherlands biss diġà aċċetta l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Każakistan wasslet għall-konklużjoni li dawk l-Istati Membri li għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Każakistan, jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tal-Każakistan skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(12) L-Istati Membri li għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Każakistan għalhekk jenħtieġ li jkunu awtorizzati li jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Każakistan fl-interess tal-Unjoni skont it-termini stipulati f'din id-Deċiżjoni. Ir-Renju tan-Netherlands li diġà aċċetta l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma għandux jiddepożita dikjarazzjoni ġdida ta' aċċettazzjoni billi d-dikjarazzjoni eżistenti tibqa' valida skont il-liġi internazzjonali pubblika.

(13) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament Brussell IIa u qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(14) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan huma b'dan awtorizzati li jaċċettaw l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") fl-interess tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, mhux aktar tard mid-9 ta' Diċembru 2017, jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-interess tal-Unjoni fformulata kif ġej:

"[L-isem sħiħ tal-ISTAT MEMBRU] jiddikjara li jaċċetta l-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2311".

3. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-depożitu tad-dikjarazzjoni tiegħu ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Każakistan u jikkomunika lill-Kummissjoni t-test tad-dikjarazzjoni fi żmien xahrejn minn meta jiddepożitaha.

*Artikolu 2*

L-Istat Membru li ddepożita d-dikjarazzjonijiet tiegħu ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Każakistan mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ma għandux jiddepożita dikjarazzjoni ġdida.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tar-Renju tan-Netherlands u r-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. ŽITŇANSKÁ

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2312**

**tat-8 ta' Diċembru 2016**

**li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija u lir-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Peru mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif iddikjarat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Miżuri għall-protezzjoni tat-tfal kontra t-teħid jew iż-żamma b'mod illeċitu huma parti essenzjali minn dik il-politika.

(2) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 ([2]) ("ir-Regolament Brussell IIa"), li għandu l-għan li jħares it-tfal mill-effetti dannużi tat-teħid jew taż-żamma b'mod illeċitu u li jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn rapidu tagħhom lejn l-istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-aċċess u d-drittijiet tal-kustodja.

(3) Ir-Regolament Brussell IIa jikkumplimenta u jirrinforza l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") li tistabbilixxi, fil-livell internazzjonali, sistema ta' obbligi u kooperazzjoni fost l-istati kontraenti u bejn l-awtoritajiet ċentrali u għandha l-għan li tiżgura r-ritorn minnufih ta' tfal li jittieħdu jew jinżammu b'mod illeċitu.

(4) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(5) L-Unjoni tinkoraġġixxi lil stati terzi biex jaċċedu għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tappoġġa l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 billi tieħu sehem, flimkien mal-Istati Membri, fost oħrajn, fil-kummissjonijiet speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat.

(6) Qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u stati terzi jista' jkun l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensittivi ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

(7) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tistipula li hija tapplika bejn l-istat aderenti u tali stati kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

(8) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma tippermettix li organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-Unjoni jsiru parti għaliha. Għalhekk, l-Unjoni la tista' taderixxi mal-Konvenzjoni, u lanqas ma tista' tressaq dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' stat aderenti.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2016 (għadha mhix ippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).

(9) Skont l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 huma parti mill-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.

(10) Il-Peru ddepożita l-istrument tal-adeżjoni tiegħu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-28 ta' April 2001. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għall-Peru fl-1 ta' Awwissu 2001.

(11) L-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Renju tad-Danimarka u r-Rumanija, diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Peru għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Valutazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Peru wasslet għall-konklużjoni li r-Repubblika tal-Awstrija u r-Rumanija jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tal-Peru skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(12) Ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Rumanija għalhekk jenħtieġ li jkunu awtorizzati li jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Peru fl-interess tal-Unjoni skont it-termini stipulati f'din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni li diġà aċċettaw l-adeżjoni tal-Peru mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma għandhomx jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda ta' aċċettazzjoni billi d-dikjarazzjonijiet eżistenti jibqgħu validi skont il-liġi internazzjonali pubblika.

(13) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament Brussell IIa u qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(14) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Ir-Repubblika tal-Awstrija u r-Rumanija huma b'dan awtorizzati li jaċċettaw l-adeżjoni tal-Peru mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") fl-interess tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, mhux aktar tard mid-9 ta' Diċembru 2017 jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Peru mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-interess tal-Unjoni fformulata kif ġej:

> "[L-isem sħiħ tal-ISTAT MEMBRU] jiddikjara li jaċċetta l-adeżjoni tal-Peru mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2312".

3. Iż-żewġ Stati Membri għandhom jinformaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-depożitu tad-dikjarazzjoni tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Peru u jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dikjarazzjoni fi żmien xahrejn minn meta jiddepożitaha.

*Artikolu 2*

Dawk l-Istati Membri li ddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Peru mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ma għandhomx jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Awstrija u lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. ŽITŇANSKÁ

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2313

## tat-8 ta' Diċembru 2016

## li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3), flimkien mal-Artikolu 218 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet bħala wieħed mill-għanijiet tagħha l-promozzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif iddikjarat fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Miżuri għall-protezzjoni tat-tfal kontra t-teħid jew iż-żamma b'mod illeċitu huma parti essenzjali minn dik il-politika.

(2) Il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 ([2]) ("ir-Regolament Brussell IIa"), li għandu l-għan li jħares it-tfal mill-effetti dannużi tat-teħid jew taż-żamma b'mod illeċitu u li jistabbilixxi proċeduri biex jiżgura r-ritorn rapidu tagħhom lejn l-istat tar-residenza abitwali tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-aċċess u d-drittijiet tal-kustodja.

(3) Ir-Regolament Brussell IIa jikkumplimenta u jirrinforza l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") li tistabbilixxi, fil-livell internazzjonali, sistema ta' obbligi u kooperazzjoni fost l-istati kontraenti u bejn l-awtoritajiet ċentrali u għandha l-għan li tiżgura r-ritorn minnufih ta' tfal li jittieħdu jew jinżammu b'mod illeċitu.

(4) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(5) L-Unjoni tinkoraġġixxi lil stati terzi biex jaċċedu għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 u tappoġġa l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 billi tieħu sehem, flimkien mal-Istati Membri, fost oħrajn, fil-kummissjonijiet speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza tal-Aja dwar id-dritt internazzjonali privat.

(6) Qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u stati terzi jista' jkun l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensittivi ta' ħtif internazzjonali ta' minuri.

(7) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 tistipula li hija tapplika bejn l-istat aderenti u tali stati kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

(8) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma tippermettix li organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-Unjoni jsiru parti għaliha. Għalhekk, l-Unjoni la tista' taderixxi mal-Konvenzjoni, u lanqas ma tista' tressaq dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' stat aderenti.

(9) Skont l-Opinjoni 1/13 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-dikjarazzjonijiet ta' aċċettazzjoni skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 huma parti mill-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2016 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1).

(10) Ir-Repubblika tal-Korea ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fit-13 ta' Diċembru 2012. Il-Konvenzjoni tal-aja tal-1980 daħlet fis-seħħ għar-Repubblika tal-Korea fl-1 ta' Marzu 2013.

(11) Bosta Stati Membri diġà aċċettaw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Valutazzjoni tas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Korea wasslet għall-konklużjoni li dawk l-Istati Membri li għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea, jinsabu f'pożizzjoni li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea skont it-termini tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980.

(12) L-Istati Membri li għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea għalhekk jenħtieġ li jkunu awtorizzati li jiddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea fl-interess tal-Unjoni skont it-termini stipulati f'din id-Deċiżjoni. Ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda u r-Repubblika tal-Litwanja li diġà aċċettaw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 ma għandhomx jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda ta' aċċettazzjoni peress li d-dikjarazzjonijiet eżistenti jibqgħu validi skont id-dritt internazzjonali pubbliku.

(13) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament Brussell IIa u qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(14) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan huma b'dan awtorizzati li jaċċettaw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri ("il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980") fl-interess tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, mhux aktar tard mid-9 ta' Diċembru 2017, jiddepożitaw dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 fl-interess tal-Unjoni fformulata kif ġej:

> "[L-isem sħiħ tal-ISTAT MEMBRU] jiddikjara li jaċċetta l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2313".

3. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-depożitu tad- dikjarazzjoni tiegħu ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea u jikkomunika lill-Kummissjoni t-test tad-dikjarazzjoni fi żmien xahrejn minn meta jiddepożitaha.

*Artikolu 2*

Dawk l-Istati Membri li ddepożitaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Korea mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 qabel id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ma għandhomx jiddepożitaw dikjarazzjonijiet ġodda.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. ŽITŇANSKÁ

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2314

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 ([1]).

(2) Fl-20 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/993 ([2]) li emendat id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 billi żiedet żewġ kompiti ta' sostenn mal-mandat tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA, jiġifieri l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u t-taħriġ tal-Gwardja Kostali u l-Flotta Navali Libjani, u kontribut għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-implimentazzjoni tal-embargo tal-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja.

(3) L-eżami ta' dawk bil-possibbiltà li jitħarrġu mill-Gwardja Kostali u l-Flotta Navali Libjana għandu jsir aktar effiċjenti billi jkun hemm skambju ta' informazzjoni mal-INTERPOL, mal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja u mal-Istati Uniti tal-Amerika kif ukoll mal-Istati Membri, mal-Missjoni ta' Appoġġ tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libja (UNSMIL), mal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) u mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta (Frontex).

(4) L-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-embargo tal-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja għandu jkun awtorizzat sal-livell "SECRET UE/EU SECRET".

(5) Għandha tiġi introdotta l-possibbiltà li l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tiskambja informazzjoni mal-INTERPOL fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin jew tal-embargo fuq l-armi.

(6) Barra minn hekk, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jingħata s-setgħa li jawtorizza lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ) biex tiskambja l-informazzjoni ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti kif meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet operazzjonali tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA.

(7) Ir-RGħ għandha tkun awtorizzata biex tiddelega l-awtorizzazzjonijiet biex tiġi rilaxxata informazzjoni klassifikata u biex tikkonkludi l-arranġamenti għal dak l-għan imsemmija fid-Deċiżjoni (PESK) 2015/778.

(8) Għandha ssir enfasi fuq il-ħtieġa li l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tikkonforma mal-liġi applikabbli meta tiġbor, taħżen u tiskambja data personali u evidenza.

(9) Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tista' tiġbor u taħżen, f'konformità mad-dritt applikabbli, data personali li tikkonċerna l-persuni meħuda abbord bastimenti li jipparteċipaw fl-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA relattiva għall-karatteristiċi li x'aktarx jgħinu biex ikunu identifikati, inklużi marki tas-swaba', kif ukoll

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA) (ĠU L 122, 19.5.2015, p. 31).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/993 tal-20 ta' Ġunju 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA (ĠU L 162, 21.6.2016, p. 18).

id-dettalji li ġejjin, bl-esklużjoni ta' data personali oħra: kunjom, kunjom ta' xebba, ismijiet mogħtija u kwalunkwe psewdonimu jew isem assunt; data u post tat-twelid, nazzjonalità, sess, post ta' residenza, professjoni u lokazzjoni; liċenzji tas-sewqan, dokumenti ta' identifikazzjoni u data dwar il-passaport. Hija tista' tibgħat dik id-data u data dwar il-bastimenti u t-tagħmir użati minn tali persuni lill-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u/jew lill-korpi kompetenti tal-Unjoni.";

(2) Fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b' dan li ġej:

"5. Sa fejn ikun meħtieġ għall-kompitu ta' sostenn imsemmi fil-paragrafu 1, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tista' tiġbor, taħżen u tiskambja ma' Stati Membri, korpi kompetenti tal-Unjoni, l-UNSMIL, l-EUROPOL, l-INTERPOL, il-Frontex, il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Istati Uniti tal-Amerika l-informazzjoni, inkluża data personali, miġbura għall-fini tal-proċeduri tal-eżami ta' dawk bil-possibbiltà li jitħarrġu, dment li dawn ikunu taw il-kunsens tagħhom bil-miktub. Barra minn hekk, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tista' tiġbor u taħżen l-informazzjoni medika u d-data bijometrika meħtieġa dwar dawk li jitħarrġu dment li huma taw il-kunsens tagħhom bil-miktub.";

(3) Fl-Artikolu 2b, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Bħala parti mill-kompitu ta' sostenn tagħha biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-embargo tal-armi tan-NU fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja, l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA għandha tiġbor u tiskambja informazzjoni ma' sħab u aġenziji rilevanti permezz tal-mekkaniżmi fid-dokumenti tal-ippjanar sabiex tikkontribwixxi għal għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni marittima fiż-Żona tal-Operazzjoni miftiehma kif definita fid-dokumenti rilevanti tal-ippjanar. Fejn tali informazzjoni tkun ikklassifikata sa 'SECRET UE/EU SECRET', din tista' tiġi skambjata ma' sħab u aġenziji rilevanti f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE (*) u abbażi ta' arranġamenti konklużi fil-livell operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 12(9) ta' din id-Deċiżjoni, u b'rispett sħiħ tal-prinċipji tar-reċiproċità u l-inklużività. L-informazzjoni klassifikata riċevuta għandha tiġi trattata mill-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA mingħajr ebda distinzjoni bejn il-persunal tagħha u unikament fuq il-bażi ta' rekwiżiti operazzjonali.

(*) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).";

(4) Fl-Artikolu 2b, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. F'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluża l-UNSCR 2292 (2016), l-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA tista', matul l-ispezzjonijiet imwettqa f'konformità mal-paragrafu 2, tiġbor u taħżen evidenza direttament relatata mal-ġarr ta' oġġetti pprojbiti taħt l-embargo tal-armi fuq il-Libja. Hija tista' tibgħat tali evidenza lill-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u/jew il-korpi kompetenti tal-Unjoni f'konformità mal-liġi applikabbli.";

(5) L-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

**Rilaxx ta' informazzjoni**

1. Ir-RGħ hija awtorizzata tirrilaxxa lil Stati terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji internazzjonali nominati, kif ikun meħtieġ u f'konformità mal-ħtiġijiet tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA, kwalunkwe dokument mhux klassifikat tal-UE marbut mad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-operazzjoni u li jkun kopert mill-obbligu ta' segretezza professjonali skont l-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (*). Il-KPS għandu jinnomina skont il-każ l-Istati terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji internazzjonali kkonċernati.

2. Ir-RGħ hija awtorizzata tirrilaxxa lil Stati terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u aġenziji internazzjonali nominati, kif ikun meħtieġ u f'konformità mal-ħtiġijiet tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA, u bir-rispett sħiħ tal-prinċipji ta' reċiproċità u inklużività, informazzjoni kklassifikata tal-UE ġġenerata għall-finijiet tal-operazzjoni, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE, kif ġej:

(a) sal-livell previst mill-Ftehimiet applikabbli dwar is-Sigurtà tal-Informazzjoni konklużi bejn l-Unjoni u l-Istat terz konċernat; jew

(b) sal-livell 'CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL' f'każijiet oħrajn.

Il-KPS għandu jinnomina skont il-każ l-Istati terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji internazzjonali kkonċernati.

3. L-informazzjoni klassifikata riċevuta għandha tiġi trattata mill-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA mingħajr ebda distinzjoni bejn il-persunal tagħha u unikament fuq il-bażi ta' rekwiżiti operazzjonali.

4. Ir-RGħ hija awtorizzata wkoll li tgħaddi lin-NU, f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA, informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell 'RESTREINT UE/EU RESTRICTED' li tiġi ġġenerata għall-finijiet tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE.

5. Ir-RGħ hija awtorizzata tirrilaxxa lill-INTERPOL informazzjoni rilevanti, inkluża data personali, f'konformità mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA.

6. Sa meta jiġi konkluż ftehim bejn l-Unjoni u l-INTERPOL, l-EUNAVFOR MED operazzjoni Sophia tista' tiskambja tali informazzjoni mal-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-INTERPOL tal-Istati Membri, f'konformità mal-arranġamenti li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u l-Kap tal-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali rilevanti.

7. F'każ ta' bżonn operazzjonali speċifiku, ir-RGħ hija awtorizzata tirrilaxxa lill-awtoritajiet Libjani leġittimi kwalunkwe informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell 'RESTREINT UE/EU RESTRICTED' iġġenerata għall-finijiet tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA, f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/488/UE.

8. Ir-RGħ hija awtorizzata tikkonkludi l-arranġamenti meħtieġa għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni f'din id-Deċiżjoni.

9. Ir-RGħ tista' tiddelega l-awtorizzazzjonijiet biex tiġi rilaxxata informazzjoni kif ukoll il-kapaċità li jiġu konklużi l-arranġamenti msemmijin f'din id-Deċiżjoni lil uffiċjali tas-SEAE, lill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE jew lill-Kmandant tal-Forza tal-UE f'konformità mat-taqsima VII tal-Anness VI tad-Deċiżjoni 2013/488/UE.

(*) Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. SÓLYMOS

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/2315**

**tad-19 ta' Diċembru 2016**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ([1])

(2) Fid-19 ta' Marzu 2015, il-Kunsill Ewropew qabel li kellhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikun hemm rabta ċara bejn id-durata tal-miżuri restrittivi u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' Minsk, meta wieħed iqis li l-implimentazzjoni sħiħa kienet prevista għall-31 ta' Diċembru 2015.

(3) Fl- 1 ta' Lulju 2016, il-Kunsill ġedded id-Deċiżjoni 2014/512/PESK sal-31 ta' Jannar 2017 sabiex ikun jista' jivvaluta aktar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk.

(4) Wara li saret valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Minsk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġġedded għal sitt xhur oħra sabiex il-Kunsill ikun jista' jivvaluta aktar l-implimentazzjoni tagħhom.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Lulju 2017.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LAJČÁK

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2316

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1849 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni ta' organiżmi ta' ħsara fir-rigward ta' ċertu ħxejjex tal-ikel li joriġinaw fil-Ghana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ([1]), u b'mod partikolari t-tielet sentenza tal-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1849 ([2]) tipprojbixxi l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni tal-pjanti, barra ż-żerriegħa, ta'*Capsicum* L., *Lagenaria* Ser., *Luffa* Mill., *Momordica* L. u *Solanum* L., barra *S. lycopersicum* L., li joriġinaw mill-Ghana.

(2) Din il-projbizzjoni hija limitata fiż-żmien. Din tapplika sa tmiem is-sena 2016. Il-verifika mwettqa fil-Ghana f'Settembru 2016 uriet li li għadhom jippersistu n-nuqqasijiet fis-sistema taċ-ċertifikazzjoni tal-esportazzjoni fitosanitarja ta' dak il-pajjiż terz. Għaldaqstant, jixraq li tiġi estiża din il-projbizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2017.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1849 għandha tiġi emendata skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1849 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

L-Artikolu 1 għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2017."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1849 tat-13 ta' Ottubru 2015 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni ta' organiżmi ta' ħsara fir-rigward ta' ċertu ħxejjex tal-ikel li joriġinaw fil-Ghana (ĠU L 268, 15.10.2015, p. 33).

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2317

## tas-16 ta' Diċembru 2016

## li temenda d-Deċiżjoni 2008/294/KE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/654/UE, biex tiġi ssimplifikata l-operazzjoni tal-komunikazzjoni mobbli abbord l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA) fl-Unjoni

*(notifikata bid-dokument C(2016) 8413)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-radju) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2008/294/KE [2] tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tekniċi u operattivi meħtieġa biex ikun permess l-użu ta' GSM, UMTS u LTE abbord l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA) fl-Unjoni Ewropea.

(2) Il-leġiżlazzjoni attwali teħtieġ il-preżenza ta' Unità ta' Kontroll tan-Netwerk (NCU) bħala parti mit-tagħmir abbord l-ajruplani għall-prevenzjoni ta' terminals mobbli abbord l-inġenji tal-ajru milli jippruvaw jirreġistraw ma' netwerks ta' komunikazzjoni mobbli terrestri.

(3) Il-Kummissjoni tat mandat fis-7 ta' Ottubru 2015 lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjoni ("is-CEPT") skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, biex jitwettqu studji tekniċi dwar il-ħtieġa li l-użu tan-NCU jinżamm obbligatorju abbord l-inġenju tal-ajru ffaċilitat tal-MCA.

(4) Wara dak il-mandat, is-CEPT fis-17 ta' Novembru 2016 adottat ir-Rapport 63 tagħha li kkonkluda li huwa possibbli li jsir użu ta' NCU fakultattiv għas-sistemi tal-GSM u tal-LTE peress li l-operazzjonijiet tal-MCA mingħajr NCU jiżguraw protezzjoni raġonevoli kontra l-interferenza għan-netwerks terrestri.

(5) Skont il-konklużjonijiet tar-Rapport tas-CEPT, ma għadhiex meħtieġa l-prevenzjoni attiva permezz ta' NCU tal-konnessjoni ta' terminals mobbli ma' netwerks mobbli terrestri li joperaw fil-banda ta' frekwenza ta' 2 570–2 690 MHz. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/654/UE [3] għalhekk ma jibqax jintuża iktar u għandu jitħassar.

(6) Madankollu, fir-rigward tas-sistemi tal-UMTS, is-CEPT ikkonkludiet li jibqa' meħtieġ NCU għall-prevenzjoni tal-konnessjonijiet bejn netwerks tal-UMTS terrestri u tagħmir tal-utent abbord inġenju tal-ajru. Studji wrew li dawn il-konnessjonijiet jistgħu jikkawżaw tnaqqis parzjali u temporanju fil-kapaċità taċ-ċelloli konnessi u ġirien fuq l-art. Is-soluzzjoni l-oħra biex jitnaqqsu s-sinjali li jidħlu u joħorġu mill-kabina u għall-prevenzjoni tal-konnessjonijiet mhux mixtieqa hija li tiżdied protezzjoni suffiċjenti tal-qafas tal-inġenju tal-ajru.

(7) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-MCA għandhom jibqgħu taħt reviżjoni sabiex jiġi żgurat li dawn dejjem jaqblu mal-progress teknoloġiku.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju.

---

(1) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/294/KE tas-7 ta' April 2008 dwar kondizzjonijiet armonizzati għall-użu tal-ispektrum għat-tħaddim tas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli fuq l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA) fil-Komunità (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 19).

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/654/UE tat-12 ta' Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2008/294/KE biex jiġu inklużi teknoloġiji tal-aċċess u baned tal-frekwenza addizzjonali għas-servizzi tal-komunikazzjoni mobbli fuq l-inġenji tal-ajru (servizzi MCA) (ĠU L 303, 14.11.2013, p. 48).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2008/294/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni

*Artikolu 2*

L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/654/UE jitħassar.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Günther H. OETTINGER
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## 1. Il-baned ta' frekwenzi u s-sistemi permessi għas-Servizzi MCA

*Tabella 1*

| Tip | Frekwenza | Sistema |
|---|---|---|
| GSM 1 800 | 1 710-1 785 MHz (uplink)<br>1 805-1 880 MHz (downlink) | GSM konformi mal-Istandards tal-GSM kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 502, EN 301 511 u EN 302 480, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti. |
| UMTS 2 100 (FDD) | 1 920-1 980 MHz (uplink)<br>2 110-2 170 MHz (downlink) | UMTS konformi mal-Istandards tal-UMTS kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 908-1, EN 301 908-2, EN 301 908-3 u EN 301 908-11, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti. |
| LTE 1 800 (FDD) | 1 710-1 785 MHz (uplink)<br>1 805-1 880 MHz (downlink) | LTE konformi mal-Istandards tal-LTE, kif ippubblikati mill-ETSI, b'mod partikolari EN 301 908-1, EN 301 908-13, EN 301 908-14, u EN 301 908-15, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti. |

## 2. Il-prevenzjoni tal-konnessjoni ta' terminals mobbli ma' netwerks fuq l-art

It-terminals mobbli li jirċievu fil-baned ta' frekwenzi elenkati fit-Tabella 2 ma għandhomx jithallew jippruvaw jirreġistraw ma' netwerks mobbli tal-UMTS fuq l-art:

— bl-inklużjoni, fis-sistema tal-MCA, ta' Unità ta' Kontroll tan-Netwerk (NCU), li żżid il-livell minimu ta' ħoss fil-kabina fil-baned ta' riċezzjoni mobbli, u/jew;

— bil-protezzjoni tal-qafas tal-inġenju tal-ajru biex ikompli jitnaqqas is-sinjal li jidħol u joħroġ mill-qafas.

*Tabella 2*

| Baned ta' frekwenzi (MHz) | Sistemi fuq l-art |
|---|---|
| 925-960 MHz | UMTS (u GSM, LTE) |
| 2 110-2 170 MHz | UMTS (u LTE) |

L-operaturi tal-MCA jistgħu jiddeċiedu wkoll li jimplimentaw NCU fil-baned ta' frekwenzi l-oħra elenkati fit-Tabella 3.

*Tabella 3*

| Baned ta' frekwenzi (MHz) | Sistemi fuq l-art |
|---|---|
| 460-470 MHz | LTE ([1]) |
| 791-821 MHz | LTE |
| 1 805-1 880 MHz | LTE u GSM |
| 2 620-2 690 MHz | LTE |
| 2 570-2 620 MHz | LTE |

([1]) Fuq livell nazzjonali, l-amministrazzjonijiet jistgħu jużaw teknoloġija tal-LTE għal applikazzjonijiet differenti bħal BB-PPDR, BB-PMR jew Networks Mobbli

3. **Parametri tekniċi**

(a) **Il-qawwa iżotropika rradjata ekwivalenti (e.i.r.p.), barra l-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Nodu B tal-inġenju tal-ajru**

*Tabella 4*

L-e.i.r.p. totali, barra l-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Nodu B tal-inġenju tal-ajru, ma għandhiex taqbeż:

| Għoli 'l fuq mill-art (m) | L-e.i.r.p. massima tas-Sistema barra l-inġenju tal-ajru f'dBm/kanal | | |
|---|---|---|---|
| | NCU | BTS tal-inġenju tal-ajru/Nodu B tal-inġenju tal-ajru | BTS tal-inġenju tal-ajru/Nodu B tal-inġenju tal-ajru u NCU |
| | Banda: 900 MHz | Banda: 1 800 MHz | Banda: 2 100 MHz |
| | Wisa' tal-banda tal-kanal = 3,84 MHz | Wisa' tal-banda tal-kanal = 200 kHz | Wisa' tal-banda tal-kanal = 3,84 MHz |
| 3 000 | – 6,2 | – 13,0 | 1,0 |
| 4 000 | – 3,7 | – 10,5 | 3,5 |
| 5 000 | – 1,7 | – 8,5 | 5,4 |
| 6 000 | – 0,1 | – 6,9 | 7,0 |
| 7 000 | 1,2 | – 5,6 | 8,3 |
| 8 000 | 2,3 | – 4,4 | 9,5 |

(b) **Il-qawwa iżotropika rradjata ekwivalenti (e.i.r.p.), barra l-inġenju tal-ajru, mit-terminal abbord**

*Tabella 5*

L-e.i.r.p., barra l-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli ma għandhiex taqbeż:

| Għoli 'l fuq mill-art (m) | L-e.i.r.p. massima, barra l-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli tal-GSM f'dBm/200 kHz | L-e.i.r.p. massima, barra l-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli tal-LTE f'dBm/5 MHz | L-e.i.r.p. massima, barra l-inġenju tal-ajru, mit-terminal mobbli tal-UMTS f'dBm/3,84 MHz |
|---|---|---|---|
| | GSM 1 800 MHz | LTE 1 800 MHz | UMTS 2 100 MHz |
| 3 000 | – 3,3 | 1,7 | 3,1 |
| 4 000 | – 1,1 | 3,9 | 5,6 |
| 5 000 | 0,5 | 5 | 7 |
| 6 000 | 1,8 | 5 | 7 |
| 7 000 | 2,9 | 5 | 7 |
| 8 000 | 3,8 | 5 | 7 |

Meta l-operaturi tal-MCA jiddeċiedu li jimplimentaw NCU fil-baned ta' frekwenzi l-oħra elenkati fit-Tabella 3, il-valuri massimi indikati fit-Tabella 6 japplikaw għall-e.i.r.p. totali barra l-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Nodu B tal-inġenju tal-ajru, flimkien mal-valuri msemmija fit-Tabella 4.

*Tabella 6*

| Għoli 'l fuq mill-art (m) | L-e.i.r.p. massima barra l-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/Nodu B tal-inġenju tal-ajru | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 460-470 MHz | 791-821 MHz | 1 805-1 880 MHz | 2 570-2 690 MHz |
| | dBm/1,25 MHz | dBm/10 MHz | dBm/200 kHz | dBm/4,75 MHz |
| 3 000 | − 17,0 | − 0,87 | − 13,0 | 1,9 |
| 4 000 | − 14,5 | 1,63 | − 10,5 | 4,4 |
| 5 000 | − 12,6 | 3,57 | − 8,5 | 6,3 |
| 6 000 | − 11,0 | 5,15 | − 6,9 | 7,9 |
| 7 000 | − 9,6 | 6,49 | − 5,6 | 9,3 |
| 8 000 | − 8,5 | 7,65 | − 4,4 | 10,4 |

(c) **Rekwiżiti operazzjonali**

I. L-għoli minimu 'l fuq mill-art għal kull trażmissjoni minn sistema MCA waqt li titħaddem għandu jkun 3 000 metru.

II. Waqt it-tħaddim, il-BTS tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli tal-*GSM* li jittrażmetti fil-banda ta' 1 800 MHz għal valur nominali ta' 0 dBm/200 kHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni, inkluż l-aċċess inizjali.

III. Waqt it-tħaddim, in-Nodu B tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli tal-*LTE* li jittrażmetti fil-banda ta' 1 800 MHz għal valur nominali ta' 5 dBm/5 MHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni.

IV. Waqt it-tħaddim, in-Nodu B tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa tat-trażmissjoni ta' kull terminal mobbli tal-*UMTS* li jittrażmetti fil-banda ta' 2 100 MHz għal valur nominali ta' − 6 dBm/3,84 MHz f'kull stadju tal-komunikazzjoni u l-ammont massimu ta' utenti ma għandux jaqbeż l-20.

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2318**

**tas-16 ta' Diċembru 2016**

**dwar deroga mir-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti bijoċidali li fihom il-brodifakum mogħtija minn Spanja skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 8414)*

**(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 37(2)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kumpannija Syngenta Crop Protection AG ("l-applikant") ippreżentat applikazzjonijiet kompluti lil Spanja għar-rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija mill-Irlanda fir-rigward tar-rodentiċidi li fihom is-sustanza attiva brodifakum ("il-prodotti"). L-Irlanda awtorizzat l-prodotti bħala rodentiċidi għall-użu fuq ġewwa, fuq barra madwar il-bini u f'kanali tad-drenaġġ minn professjonisti u professjonisti mħarrġa, kif ukoll għall-użu fuq ġewwa u fuq barra madwar il-bini mill-pubbliku ġenerali.

Il-valuri li jirrelataw mar-rendiment tal-manifatturi, kif ikkonfermati jew emendati għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda u għal kull konsorzju ta' manifatturi bħal dawn fir-rigward tas-sena kalendarja 2015 skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, huma speċifikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil dawn il-manifatturi u konsorzji individwali li ġejjin, li ġew iffurmati b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011:

(1) Alfa Romeo S.P.A.
C.so Giovanni Agnelli 200
10135 Torino
L-Italja

(2) Automobiles Citroen
Route de Gizy
78943 Vélizy-Villacoublay
Cedex France

(3) Automobiles Peugeot
Route de Gizy
78943 Vélizy-Villacoublay
Cedex France

(4) AVTOVAZ JSC

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

LADA France S.A.S.
13, Route Nationale 10
78310 Coignieres
Franza

(5) BLUECAR SAS
31-32 quai de Dion Bouton
92800 Puteaux
Franza

(6) Bayerische Motoren Werke AG
Petuelring 130
80788 München
Il-Ġermanja

(7) BMW M GmbH
Petuelring 130
80788 München
Il-Ġermanja

(8) FCA US LLC

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Fiat Chrysler Automobiles
Building 5 — Ground floor — Room A8N
C.so Settembrini, 40
10135 Torino
L-Italja

(9) CNG-Technik GmbH
Niehl Plant, building Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(10) COMARTH ENGINEERING S.L.
Carril Alejandrico 79
ES-30570 Beniajan — Murcia
Spanja

(11) Automobile Dacia S.A.
Guyancourt
1 avenue du Golf
78288 Guyancourt Cedex
Franza

(12) Daimler AG
Mercedesstr 137/1 Zimmer 229
HPC F403
70327 Stuttgart
Il-Ġermanja

(13) DFSK MOTOR CO., LTD.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Giotti Victoria Srl
Sr.l. Pissana Road 11/a 50021
Barberino Val D' Elsa (Florence)
L-Italja

(14) Esagono Energia S.r.l.
Via Puecher 9
20060 Pozzuolo Martesana (MI)
L-Italja

(15) FCA Italy S.p.A.
Building 5 — Ground floor — Room A8N
C.so Settembrini, 40
10135 Torino
L-Italja

(16) Ford Motor Company of Awstralja Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Ford Werke GmbH
Niehl Plant, building Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(17) Ford Motor Company
Niehl Plant, building Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(18) Ford Werke GmbH
Niehl Plant, building Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(19) Fuji Heavy Industries Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Subaru Europe NV/SA
Leuvensesteenweg 555 B/8
1930 Zaventem
Il-Belġju

(20) Mitsubishi Fuso Truck & Bus Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Daimler AG,
Mercedesstr 137/1 Zimmer 229
HPC F403
70327 Stuttgart
Il-Ġermanja

(21) Mitsubishi Fuso Truck Europe SA

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Daimler AG,
Mercedesstr 137/1 Zimmer 229
HPC F403
70327 Stuttgart
Il-Ġermanja

(22) LLC Automobile Plant Gaz
Poe 2
Lähte Tartumaa
60502
L-Estonja

(23) General Motors Company
Adam Opel AG
Bahnhofsplatz 1 IPC 39-12
65423 Rüsselsheim
Il-Ġermanja

(24) GAC Gonow Auto Co. Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

AUTORIMESSA MONTE MARIO SRL
Via della Muratella, 797
00054 Maccarese (RM)
L-Italja

(25) Great Wall Motor Company Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Great Wall Motor Europe Technical Center GmbH
Otto-Hahn-Str. 5
63128 Dietzenbach
Il-Ġermanja

(26) Honda Motor Co., Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Aalst Office
Wijngaardveld 1 (Noord V)
B-9300 Aalst
Il-Belġju

(27) Honda of the UK Manufacturing Ltd.
Aalst Office
Wijngaardveld 1 (Noord V)
B-9300 Aalst
Il-Belġju

(28) Hyundai Motor Company

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Hyundai Motor Europe GmbH
Kaiserleipromenade 5
63067 Offenbach
Il-Ġermanja

(29) Hyundai Assan Otomotiv Sanayi Ve Ticaret A.S.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Hyundai Motor Europe GmbH
Kaiserleipromenade 5
63067 Offenbach
Il-Ġermanja

(30) Hyundai Motor Manufacturing Czech s.r.o.
Kaiserleipromenade 5
63067 Offenbach
Il-Ġermanja

(31) Isuzu Motors Limited

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Isuzu Motors Europe NV
Bist 12
2630 Aartselaar
Il-Belġju

(32) IVECO S.p.A.
Via Puglia 35
10156 Torino
L-Italja

(33) Jaguar Land Rover Limited
Abbey Road
Whitley
Coventry
CV3 4LF
United Kingdom

(34) KIA Motors Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Kia Motors Europe GmbH
Theodor-Heuss-Allee 11
60486 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

(35) KIA Motors Slovakia s.r.o.
Theodor-Heuss-Allee 11
60486 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

(36) LADA Automobile GmbH
Erlengrund 7-11
21614 Buxtehude
Il-Ġermanja

(37) Magyar Suzuki Corporation Ltd.
Legal Department Suzuki-Allee 7
64625 Bensheim
Il-Ġermanja

(38) Mahindra & Mahindra Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Mahindra Europe S.r.l.
Via Cancelliera 35
00040 Ariccia (Roma)
L-Italja

(39) Mazda Motor Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Mazda Motor Europe GmbH
European R&D Centre
Hiroshimastr 1
D-61440 Oberursel/Ts
Il-Ġermanja

(40) M.F.T.B.C.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Daimler AG,
Mercedesstr 137/1 Zimmer 229
HPC F403
70327 Stuttgart
Il-Ġermanja

(41) Mitsubishi Motors Corporation MMC

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Mitsubishi Motors Europe B.V. MME
Mitsubishi Avenue 21
6121 SG Born
In-Netherlands

(42) Mitsubishi Motors Thailand Co., Ltd. MMTh

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Mitsubishi Motors Europe BV MME
Mitsubishi Avenue 21
6121 SG Born
In-Netherlands

(43) Nissan International SA

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Renault Nissan Representation Office
Av des Arts 40
1040 Bruxelles
Il-Belġju

(44) Adam Opel AG
Bahnhofsplatz 1IPC 39-12
65423 Rüsselsheim
Il-Ġermanja

(45) Piaggio & C S.p.A.
Viale Rinaldo Piaggio 25
56025 Pontedera (PI)
L-Italja

(46) Renault S.A.S.
Guyancourt
1 avenue du Golf
78288 Guyancourt Cedex
Franza

(47) Renault Trucks
99 Route de Lyon TER L10 0 01
69802 Saint Priest Cedex
Franza

(48) SAIC MAXUS Automotive Co. Ltd. (SAIC Motor Commercial Vehicle Co. Ltd.)

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

SAIC Luc, S.a.r.l.
President Building
37 A avenue J.F. Kennedy
1855 Lussemburgu
Il-Lussemburgu

(49) SsangYong Motor Company

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

SsangYong Motor Europe Office
Herriotstrasse 1
60528 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

(50) StreetScooter GmbH
Jülicher Straße 191
52070 Aachen
Il-Ġermanja

(51) Suzuki Motor Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Suzuki Deutschland GmbH
Legal Department Suzuki-Allee 7
64625 Bensheim
Il-Ġermanja

(52) Tata Motors Limited

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Tata Motors European Technical Centre Plc.
Internal Automotive Research Centre
University of Warwick
Coventry
CV4 7AL
United Kingdom

(53) Toyota Motor Europe NV/SA
Avenue du Bourget, 60
1140 Brussels
Il-Belġju

(54) Toyota Caetano Portugal S.A.

Avenida Vasco de Gama 1410

4431-956 Vila Nova de Gaia

Il-Portugall

(55) Volvo Car Corporation

VAK building Assar Gabrielssons väg

SE-405 31 Göteborg

L-Iżvezja

(56) Konsorzju għal: Daimler AG

Mercedesstr 137/1

Zimmer 229

70546 Stuttgart

Il-Ġermanja

(57) Konsorzju għal: FCA Italy S.p.A.

Building 5 — Ground floor — Room A8N

C.so Settembrini, 40

10135 Torino

L-Italja

(58) Konsorzju għal: Ford-Werke GmbH

Neihl Plant, building Imbert 479

Henry-Ford-Straße 1

50735 Köln

Il-Ġermanja

(59) Konsorzju għal: General Motors

Bahnhofsplatz 1 IPC 39-12

65423 Rüsselsheim

Il-Ġermanja

(60) Konsorzju għal: Kia

Theodor-Heuss-Allee 11

60486 Frankfurt am Main

Il-Ġermanja

(61) Konsorzju għal: Mitsubishi Motors

Mitsubishi Avenue 21

6121 SG Born

In-Netherlands

(62) Il-konsorzju Renault
1 Avenue du Golf
78288
Guyancourt Cedex
Franza

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Miguel ARIAS CAÑETE
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*Tabella 1*

**Valuri relatati mar-rendiment tal-manifatturi kkonfermati jew emendati skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011**

| A | B | C | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-manifattur | Konsorzji u derogi | Għadd ta' reġistrazzjonijiet | Emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ (75 %) | Mira ta' emissjonijiet speċifiċi | Distanza mill-mira | Distanza mill-mira aġġustata | Massa medja | Emissjonijiet ta' $CO_2$ (100 %) medji |
| ALFA ROMEO SPA | | 9 | 111,833 | 147,482 | – 35,649 | – 35,649 | 1 410,11 | 128,000 |
| AUTOMOBILES CITROEN | | 145 739 | 133,123 | 164,595 | – 31,472 | – 31,472 | 1 594,12 | 149,771 |
| AUTOMOBILES PEUGEOT | | 147 199 | 133,424 | 165,947 | – 32,523 | – 32,523 | 1 608,66 | 151,046 |
| AVTOVAZ JSC | P7 | 23 | 209,471 | 136,757 | 72,714 | 72,714 | 1 294,78 | 211,957 |
| BLUECAR SAS | | 236 | 0,000 | 137,697 | – 137,697 | – 137,697 | 1 304,89 | 0,000 |
| BAYERISCHE MOTOREN WERKE AG | | 537 | 125,376 | 173,786 | – 48,410 | – 48,410 | 1 692,95 | 135,836 |
| BMW M GMBH | | 348 | 133,253 | 185,755 | – 52,502 | – 52,502 | 1 821,64 | 140,974 |
| FCA US LLC | P2 | 943 | 197,222 | 207,485 | – 10,263 | – 10,276 | 2 055,30 | 210,082 |
| CNG-TECHNIK GMBH | P3 | 659 | 118,526 | 155,176 | – 36,650 | – 36,650 | 1 492,84 | 121,299 |
| COMARTH ENGINEERING SL | | 3 | 0,000 | 92,509 | – 92,509 | – 92,509 | 819,00 | 0,000 |
| AUTOMOBILE DACIA SA | P7 | 23 348 | 120,846 | 135,495 | – 14,649 | – 14,655 | 1 281,22 | 132,506 |
| DAIMLER AG | P1 | 132 571 | 177,569 | 211,675 | – 34,106 | – 34,216 | 2 100,36 | 189,404 |
| DFSK MOTOR CO LTD | DMD | 287 | 162,572 | | | | 1 150,46 | 168,010 |
| ESAGONO ENERGIA SRL | | 14 | 0,000 | 133,987 | – 133,987 | – 133,987 | 1 265,00 | 0,000 |
| FCA ITALY SPA | P2 | 130 731 | 145,481 | 173,839 | – 28,358 | – 28,371 | 1 693,52 | 157,915 |
| FORD MOTOR COMPANY OF AUSTRALIA LIMITED | P3 | 23 786 | 224,791 | 221,618 | 3,173 | 3,173 | 2 207,27 | 235,541 |
| FORD MOTOR COMPANY | P3 | 48 | 186,639 | 215,917 | – 29,278 | – 29,676 | 2 145,97 | 205,583 |
| FORD-WERKE GMBH | P3 | 199 794 | 157,473 | 191,136 | – 33,663 | – 33,664 | 1 879,51 | 170,806 |
| FUJI HEAVY INDUSTRIES LTD | | 62 | 152,783 | 169,848 | – 17,065 | – 17,065 | 1 650,60 | 157,065 |

| A | B | C | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-manifattur | Konsorzji u derogi | Għadd ta' reġistrazzjonijiet | Emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ (75 %) | Mira ta' emissjonijiet speċifiċi | Distanza mill-mira | Distanza mill-mira aġġustata | Massa medja | Emissjonijiet ta' $CO_2$ (100 %) medji |
| MITSUBISHI FUSO TRUCK & BUS CORPORATION | P1 | 500 | 235,821 | 265,154 | – 29,333 | – 29,494 | 2 675,40 | 238,206 |
| MITSUBISHI FUSO TRUCK EUROPE SA | P1 | 3 | 235,000 | 276,432 | – 41,432 | – 41,432 | 2 796,67 | 237,667 |
| LLC AUTOMOBILE PLANT GAZ | DMD | 13 | 285,000 | | | | 2 218,08 | 285,000 |
| GENERAL MOTORS COMPANY | P4 | 10 | 280,000 | 256,933 | 23,067 | 23,067 | 2 587,00 | 302,100 |
| GONOW AUTO CO LTD | D | 65 | 157,333 | 175,000 | – 17,667 | – 17,667 | 1 194,15 | 177,246 |
| GREAT WALL MOTOR COMPANY LIMITED | DMD | 217 | 197,179 | | | | 1 851,72 | 204,065 |
| HONDA MOTOR CO LTD | | 4 | 145,333 | 161,376 | – 16,043 | – 16,043 | 1 559,50 | 153,750 |
| HONDA OF THE UK MANUFACTURING LTD | | 97 | 120,722 | 166,185 | – 45,463 | – 45,463 | 1 611,22 | 133,588 |
| HYUNDAI MOTOR COMPANY | | 1 375 | 189,669 | 211,403 | – 21,734 | – 21,734 | 2 097,43 | 198,119 |
| HYUNDAI ASSAN OTOMOTIV SANAYI VE | | 118 | 109,693 | 111,275 | – 1,582 | – 1,582 | 1 020,78 | 110,788 |
| HYUNDAI MOTOR MANUFACTURING CZECH SRO | | 232 | 119,494 | 160,712 | – 41,218 | – 41,218 | 1 552,37 | 140,629 |
| ISUZU MOTORS LIMITED | | 12 765 | 194,373 | 209,025 | – 14,652 | – 14,652 | 2 071,86 | 201,294 |
| IVECO SPA | | 31 685 | 211,664 | 229,635 | – 17,971 | – 17,971 | 2 293,47 | 219,356 |
| JAGUAR LAND ROVER LIMITED | D | 18 460 | 258,906 | 276,930 | – 18,024 | – 18,024 | 2 044,31 | 267,932 |
| KIA MOTORS CORPORATION | P5 | 460 | 110,509 | 141,711 | – 31,202 | – 31,202 | 1 348,05 | 121,196 |
| KIA MOTORS SLOVAKIA SRO | P5 | 327 | 117,331 | 151,588 | – 34,257 | – 34,257 | 1 454,26 | 126,994 |
| LADA AUTOMOBILE GMBH | DMD | 55 | 216,000 | | | | 1 232,45 | 216,164 |
| MAGYAR SUZUKI CORPORATION LTD | | 72 | 116,370 | 133,814 | – 17,444 | – 17,444 | 1 263,14 | 119,833 |

| A | B | C | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-manifattur | Konsorzji u derogi | Għadd ta' reġistrazzjonijiet | Emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ (75 %) | Mira ta' emissjonijiet speċifiċi | Distanza mill-mira | Distanza mill-mira aġġustata | Massa medja | Emissjonijiet ta' $CO_2$ (100 %) medji |
| MAHINDRA & MAHINDRA LTD | DMD | 215 | 204,311 | | | | 2 016,34 | 208,544 |
| MAZDA MOTOR CORPORATION | DMD | 323 | 149,533 | | | | 1 797,72 | 167,241 |
| MFTBC | P1 | 33 | 236,000 | 264,418 | – 28,418 | – 28,418 | 2 667,48 | 239,364 |
| MITSUBISHI MOTORS CORPORATION MMC | P6/D | 940 | 162,221 | 210,000 | – 47,779 | – 47,779 | 1 915,75 | 179,735 |
| MITSUBISHI MOTORS THAILAND CO LTD MMTH | P6/D | 15 226 | 189,604 | 210,000 | – 20,396 | – 20,396 | 1 948,99 | 194,682 |
| NISSAN INTERNATIONAL SA | | 38 535 | 127,710 | 187,288 | – 59,578 | – 59,578 | 1 838,13 | 176,384 |
| ADAM OPEL AG | P4 | 91 895 | 149,226 | 178,934 | – 29,708 | – 29,708 | 1 748,30 | 160,767 |
| PIAGGIO & C SPA | D | 2 621 | 117,812 | 155,000 | – 37,188 | – 37,188 | 1 099,63 | 146,263 |
| RENAULT SAS | P7 | 214 368 | 121,899 | 171,206 | – 49,307 | – 49,307 | 1 665,20 | 148,006 |
| RENAULT TRUCKS | | 7 334 | 198,444 | 226,246 | – 27,802 | – 27,802 | 2 257,03 | 210,868 |
| SAIC MOTOR COMMERCIAL VEHICLE CO LTD | DMD | 63 | 250,000 | | | | 2 181,90 | 250,000 |
| SSANGYONG MOTOR COMPANY | D | 711 | 196,533 | 210,000 | – 13,467 | – 13,467 | 2 055,36 | 199,992 |
| STREETSCOOTER GMBH | | 237 | 0,000 | 147,216 | – 147,216 | – 147,216 | 1 407,25 | 0,000 |
| SUZUKI MOTOR CORPORATION | DMD | 337 | 136,849 | | | | 1 201,79 | 143,650 |
| TATA MOTORS LIMITED | | 53 | 196,000 | 202,176 | – 6,176 | – 6,176 | 1 998,21 | 196,000 |
| TOYOTA MOTOR EUROPE NV SA | | 32 764 | 178,014 | 193,955 | – 15,941 | – 16,108 | 1 909,82 | 188,484 |
| TOYOTA CAETANO PORTUGAL SA | DMD | 42 | 245,839 | | | | 1 870,16 | 250,762 |
| VOLVO CAR CORPORATION | | 751 | 116,297 | 169,633 | – 53,336 | – 53,336 | 1 648,29 | 127,759 |

*Tabella 2*

**Valuri relatati mar-rendiment tal-konsorzji kkonfermati jew emendati skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011**

| A | B | C | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Isem il-konsorzju | Konsorzju | Għadd ta' reġistrazzjonijiet | Emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ (75 %) | Mira ta' emissjonijiet speċifiċi | Distanza mill-mira | Distanza mill-mira aġġustata | Massa medja | Emissjonijiet ta' $CO_2$ (100 %) medji |
| DAIMLER AG | P1 | 133 107 | 177,711 | 211,891 | – 34,180 | – 34,291 | 2 102,68 | 189,600 |
| FCA ITALY SPA | P2 | 131 674 | 145,707 | 174,080 | – 28,373 | – 28,385 | 1 696,11 | 158,288 |
| FORD-WERKE GMBH | P3 | 224 287 | 161,830 | 194,269 | – 32,439 | – 32,440 | 1 913,19 | 177,533 |
| GENERAL MOTORS | P4 | 91 906 | 149,228 | 178,942 | – 29,714 | – 29,714 | 1 748,39 | 160,782 |
| KIA | P5 | 787 | 113,330 | 145,815 | – 32,485 | – 32,485 | 1 392,18 | 123,605 |
| MITSUBISHI MOTORS | P6/D | 16 167 | 187,871 | 210,000 | – 22,129 | – 22,129 | 1 947,06 | 193,813 |
| POOL RENAULT | P7 | 237 739 | 121,542 | 167,696 | – 46,154 | – 46,158 | 1 627,46 | 146,490 |

*Noti ta' spjega għat-Tabelli 1 u 2*

Kolonna A:

Tabella 1: "Isem il-manifattur" tfisser l-isem tal-manifattur kif innotifikat lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat jew, meta ma tkunx saret din in-notifika, l-isem irreġistrat mill-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru.

Tabella 2: "Isem il-konsorzju" tfisser l-isem tal-konsorzju kif iddikjarat mill-maniġer tal-konsorzju.

Kolonna B:

"D" tfisser li ngħatat deroga marbuta ma' manifattur ta' volumi żgħar skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, b'effett għas-sena kalendarja 2015.

"DMD" tfisser li tapplika l-eżenzjoni *de minimis*, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, jiġifieri manifattur li flimkien mal-impriżi konnessi kollha tiegħu kien responsabbli għal inqas minn 1 000 vettura ġdida rreġistrata fl-2015 m'hemmx għalfejn jissodisfa mira ta' emissjonijiet speċifiċi;

"P" tfisser li l-manifattur huwa membru ta' konsorzju (imniżżel fit-Tabella Nru 2) iffurmat skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, u li l-ftehim tal-konsorzju jkun validu għas-sena kalendarja tal-2015.

Kolonna C:

"Għadd ta' reġistrazzjonijiet" tfisser l-għadd totali ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati minn Stat Membru f'sena kalendarja, mingħajr ma jingħaddu dawk ir-reġistrazzjonijiet li jirrelataw ma' rekords li fihom il-valuri għall-massa u/jew ta' $CO_2$ kienu neqsin u dawk ir-rekords li l-manifattur ma jirrikonoxxix. L-għadd ta' reġistrazzjonijiet irrappurtati mill-Istati Membri ma jista' jinbidel għall-ebda raġuni oħra.

Kolonna D:

"Valur medju ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ (75 %)" tfisser l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ li jkunu ġew ikkalkulati abbażi tal-75 % tal-vetturi li jerħu l-inqas emissjonijiet fil-flotta tal-manifattur skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011. Fejn ikun hemm bżonn, l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżbalji nnotifikati lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat. Ir-rekords użati għall-kalkolu jinkludu dawk li fihom valur validu għall-massa u ta' emissjonijiet ta' $CO_2$. L-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ jinkludu tnaqqis fl-emissjonijiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet dwar is-superkrediti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, l-użu ta' E85 fl-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament jew l-ekoinnovazzjonijiet fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament.

Kolonna E:

"Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi" tfisser il-mira tal-emissjonijiet ikkalkulata abbażi tal-valur medju tal-massa tal-vetturi kollha attribwiti lil manifattur billi tintuża l-formula stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 510/2011.

Kolonna F:

"Distanza mill-mira" tfisser id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ speċifikati fil-kolonna D u l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi fil-kolonna E. Fejn il-valur fil-kolonna F huwa pożittiv l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ jeċċedu l-mira ta' emissjonijiet speċifiċi.

Kolonna G:

"Distanza mill-mira aġġustata" tfisser li, meta l-valuri mogħtija f'din il-kolonna jkunu differenti minn dawk mogħtija fil-kolonna F, il-valuri f'dik il-kolonna jkunu ġew aġġustati biex jitqies marġni ta' żball. Il-marġni ta' żball jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

Żball = valur assolut ta' [(AC1 – TG1) – (AC2 – TG2)]

AC1 = il-valur medju ta' emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$, inklużi l-vetturi mhux identifikabbli (kif stabbilit fil-kolonna D);

TG1 = il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi, inklużi l-vetturi mhux identifikabbli (kif stabbilita fil-kolonna E);

AC2 = il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' $CO_2$, minbarra l-vetturi mhux identifikabbli;

TG2 = il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi, bl-esklużjoni tal-vetturi mhux identifikabbli.

Kolonna I:

"Emmissjonijiet ta' $CO_2$ (100 %) medji" tfisser l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ li ġew ikkalkulati abbażi ta' 100 % tal-vetturi attribwiti lill-manifattur. Fejn ikun hemm bżonn, l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' $CO_2$ jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżbalji nnotifikati lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat. Ir-rekords użati għall-kalkolu jinkludu dawk li fihom valur validu għall-massa u ta' emissjonijiet tas-$CO_2$, iżda li jeskludu t-tnaqqis ta' emissjonijiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet dwar is-superkrediti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, l-użu ta' E85 fl-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament jew l-ekoinnovazzjonijiet fl-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2321

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## dwar il-format taċ-ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(9) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jistipula r-rekwiżiti għas-sidien tal-bastimenti, għall-amministrazzjonijiet u għall-organizzazzjonijiet rikonoxxuti fir-rigward tal-ħruġ, l-approvazzjoni, l-estensjoni u l-preżenza abbord ta' ċertifikati ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ.

(2) Skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, bastimenti destinati li jiġu riċiklati għandu jkollhom ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ.

(3) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, qabel kwalunkwe riċiklaġġ ta' bastiment għandu jiġi żviluppat pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment li jkun speċifiku għall-bastiment. Il-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment għandu jindirizza kwalunkwe kunsiderazzjoni speċifika għall-bastiment li ma tkunx koperta fil-pjan tal-faċilità tar-riċiklaġġ tal-bastimenti jew li teħtieġ proċeduri speċjali.

(4) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-bastimenti għandu jsirilhom stħarriġ minn uffiċjali tal-amministrazzjonijiet jew ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti awtorizzati mill-amministrazzjonijiet. L-għan tal-istħarriġiet hu li jikkonfermaw li l-inventarji tal-materjali perikolużi jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament.

(5) Skont l-Artikolu 9(9) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, wara t-tlestija b'suċċess ta' stħarriġ finali, l-amministrazzjoni jew organizzazzjoni rikonoxxuta awtorizzata minnha għandha toħroġ ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ. Dak iċ-ċertifikat għandu jkollu miegħu inventarju tal-materjali perikolużi u l-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment. Il-format taċ-ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ għandu jkun konsistenti mal-Appendiċi 4 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Reċiklaġġ ta' Bastimenti li jkun Sikur u li Jħares l-Ambjent adottata f'Ħong Kong fil-15 ta' Mejju 2009 (il-"Konvenzjoni ta' Ħong Kong").

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Iċ-ċertifikati ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ maħruġa skont l-Artikolu 9(9) u approvati skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 għandhom jikkonformaw mal-format stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**ĊERTIFIKAT TA' BASTIMENT LEST GĦAR-RIĊIKLAĠĠ**

**skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti**

(*Nota:* Dan iċ-ċertifikat għandu jkollu miegħu inventarju tal-materjali perikolużi u tal-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment)

*(Timbru uffiċjali)* *(Stat)*

Maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 bl-awtorità tal-Gvern ta'

...................................................................................................................................
*(Isem tal-Istat)*

minn ...................................................................................................................................
*(Isem sħiħ tal-persuna jew tal-organizzazzjoni awtorizzata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013)*

**Dettalji tal-bastiment**

| | |
|---|---|
| L-isem tal-vapur | |
| In-numru jew l-ittri distintivi | |
| Il-port tar-reġistru | |
| It-tunellaġġ gross | |
| In-numru tal-IMO | |
| L-isem u l-indirizz ta' sid il-bastiment | |
| In-numru tal-identifikazzjoni tas-sid irreġistrat mal-IMO | |
| In-numru tal-identifikazzjoni tal-IMO tal-kumpanija | |
| Id-data tal-kostruzzjoni | |

**Dettalji tal-faċilità/faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti**

| | |
|---|---|
| Isem il-faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti | |
| In-numru tal-identità distintiv tal-kumpanija tar-riċiklaġġ ([1]) | |
| L-indirizz sħiħ | |
| Data ta' skadenza tal-inklużjoni tal-faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti fuq il-Lista Ewropea | |

([1]) In-numru tal-identità kif indikat fil-lista Ewropea

**Dettalji tal-inventarju tal-materjali perikolużi**

Numru tal-identifikazzjoni/verifikazzjoni tal-inventarju tal-materjali perikolużi: ........................................................................

*Nota:* Skont l-Artikolu 9(9) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, l-inventarju tal-materjali perikolużi jiġi anness maċ-ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ. L-inventarju tal-materjali perikolużi għandu jiġi kkompilat abbażi tal-format standard muri fil-linji gwida żviluppati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, supplimentati, fejn applikabbli, minn linji gwida dwar aspetti speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, bħas-sustanzi elenkati f'dak ir-Regolament iżda mhux fil-Konvenzjoni ta' Ħong Kong.

**Dettalji tal-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment**

In-numru tal-identifikazzjoni/tal-verifikazzjoni tal-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment: ................................................................

*Nota:* Skont l-Artikolu 9(9) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment jiġi anness maċ-ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ.

DAN JIĊĊERTIFIKA:

1. li l-bastiment ġie eżaminat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013;
2. li l-bastiment għandu inventarju validu tal-materjali perikolużi skont l-Artikolu 5(7) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013;
3. li l-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment ġie kkompilat skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013; u
4. li l-faċilità/faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastiment fejn għandu jiġi rriċiklat dan il-bastiment huma inklużi fil-lista Ewropea skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013;

Dan iċ-ċertifikat huwa validu sa (jj/xx/ssss) ........................................................................................................................
*(Data)*

Maħruġ fi ..................................................................................................................................................................
*(Post tal-ħruġ taċ-ċertifikat)*

(jj/xx/ssss): ...........................................................................
*(Data tal-ħruġ)* *(Firma tal-uffiċjal debitament awtorizzat li qed joħroġ iċ-ċertifikat)*

*(Siġill jew timbru tal-awtorità, skont il-każ)*

**APPROVAZZJONI TAL-ESTENSJONI TAL-VALIDITÀ TAĊ-ĊERTIFIKAT SAKEMM JASAL FIL-PORT TAL-FAĊILITÀ GĦAR-RIĊIKLAĠĠ TAL-BASTIMENTI GĦAL PERJODU TA' GRAZZJA META JAPPLIKA L-ARTIKOLU 10(5)** (*)

Dan iċ-ċertifikat għandu, skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti, ikun aċċettat bħala validu għal vjaġġ wieħed minn punt sa punt

mill-port ta': ..........

sal-port ta': ..........

Iffirmat: ..........
*(Firma tal-uffiċjal debitament awtorizzat)*

Post: ..........

Data: (jj/xx/ssss) ..........

*(Siġill jew timbru tal-awtorità, skont il-każ)*

(*) Din il-paġna tal-approvazzjoni għandha tiġi riprodotta u miżjuda maċ-ċertifikat skont kif meħtieġ mill-Amministrazzjoni.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2322

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## dwar il-format tad-dikjarazzjoni tat-tlestija tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-punt (b) tal-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jistabbilixxi rekwiżiti għall-kumpaniji tar-riċiklaġġ tal-bastimenti, għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti u għall-operaturi tal-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti fir-rigward tar-riċiklaġġ tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 13(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, l-operatur ta' faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti, fi żmien 14-il ġurnata mid-data tar-riċiklaġġ totali jew parzjali skont il-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment, għandu jibgħat dikjarazzjoni tat-tlestija lill-amministrazzjoni li tkun ħarġet iċ-ċertifikat ta' bastiment lest għar-riċiklaġġ rigward il-bastiment. Il-format tad-dikjarazzjoni tat-tlestija għandu jkun konsistenti mal-Appendiċi 7 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Riċiklaġġ ta' Bastimenti li jkun Sikur u li Jħares l-Ambjent adottata f'Ħong Kong fil-15 ta' Mejju 2009 (il-"Konvenzjoni ta' Ħong Kong").

(3) Skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, "riċiklaġġ tal-bastimenti" ifisser attività ta' żarmar komplet jew parzjali ta' bastiment. Għalhekk, fil-każ ta' żarmar parzjali hija meħtieġa dikjarazzjoni tat-tlestija tar-riċiklaġġ. Il-format tad-dikjarazzjoni tat-tlestija jirreferi għal faċilità waħda ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. Fil-każ ta' żarmar ta' bastiment wieħed li jkun qed iseħħ f'diversi faċilitajiet, hija meħtieġa dikjarazzjoni separata tat-tlestija għal kull faċilità involuta fil-proċess.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-dikjarazzjonijiet tat-tlestija tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġa skont l-Artikolu 13(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 għandha tikkonforma mal-format stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1

*ANNESS*

**DIKJRAZZJONI TAT-TLESTIJA TAR-RIĊIKLAĠĠ TA' BASTIMENT**

**skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti**

Dan id-dokument huwa dikjarazzjoni tat-tlestija tar-riċiklaġġ ta' bastiment għal

..........................................................................................................................................

*(Isem il-bastiment meta daħal għar-riċiklaġġ/fil-waqt tad-dereġistrazzjoni)*

***Dettalji tal-bastiment meta jkun daħal għar-riċiklaġġ***

| | |
|---|---|
| In-numru jew l-ittri distintivi | |
| Il-port tar-reġistrazzjoni | |
| It-tunellaġġ gross | |
| In-numru tal-IMO | |
| L-isem u l-indirizz ta' sid il-bastiment | |
| In-numru tal-identifikazzjoni tas-sid irreġistrat mal-IMO | |
| In-numru tal-identifikazzjoni tal-IMO tal-kumpanija | |
| Id-data tal-kostruzzjoni | |

DAN JIKKONFERMA LI:

Il-bastiment ġie rriċiklat skont il-pjan għar-riċiklaġġ tal-bastiment u skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 fi

..........................................................................................................................................

*(L-isem tal-faċilità awtorizzata għar-riċiklaġġ tal-bastimenti u fejn tinsab)*

u li r-riċiklaġġ tal-bastiment skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tlesta fid-data:

(jj/xx/ssss) ..........................................................................................................................

*(Data tat-tlestija)*

Maħruġa fi ..........................................................................................................................

*(Post tal-ħruġ tad-dikjarazzjoni tat-tlestija)*

fid-data (jj/xx/ssss)) ..............................................................................................................

*(Data tal-ħruġ)*

*(Firma tal-operatur jew tar-rappreżentant awtorizzat tal-faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti)*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2323

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## li tistabbilixxi l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fl-Unjoni u li kienu nnotifikati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14(3) ta' dak ir-Regolament u tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi u li l-inklużjoni tagħhom hija msejsa fuq valutazzjoni tal-informazzjoni u tal-evidenza ta' sostenn li tingħata jew tinġabar skont l-Artikolu 15 tal-istess Regolament.

(2) L-Istati Membri nnotifikaw total ta'18-il faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, li jinsabu fl-Unjoni, bħala konformi mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Skont l-Artikolu 16(1)(a) ta' dak ir-Regolament, dawk il-faċilitajiet għandhom jiġu inklużi fil-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti.

(3) Fir-rigward tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu f'pajjiżi terzi li għalihom tkun tressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-inklużjoni fil-Lista Ewropea skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-valutazzjoni tal-informazzjoni rilevanti u tal-evidenza ta' sostenn li tingħata jew tinġabar għadha għaddejja. Ladarba l-valutazzjoni tintemm, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni b'rabta ma' dawk il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu barra mill-Unjoni.

(4) L-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-Lista Ewropea hija elenkata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Biex jiġu riflessi dawn ir-rekwiżiti, il-Lista Ewropea għandha tkun strutturata skont dik id-dispożizzjoni. Skont l-Artikolu 16(3) ta' dak ir-Regolament, il-lista Ewropea għandha tindika wkoll id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, għandha tkun stabbilita kif stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**IL-LISTA EWROPEA TAL-FAĊILITAJIET TA' RIĊIKLAĠĠ TAL-BASTIMENTI SKONT L-ARTIKOLU 16(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1257/2013**

## Il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità (2), espress bħala LDT | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | IL-BELĠJU | | | |
| NV Galloo Recycling Ghent<br>Scheepszatestraat 9<br>9000 Gent<br>Il-Belġju<br>Telefon: +32(0) 9/251 25 21<br>Posta elettronika: peter.wyntin@galloo.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma), rampa | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 265 metru<br>Wisa': 36 metru<br>Pixka: 12,5 metru | | Approvazzjoni taċita, b'perjodu massimu ta' 30 jum | 34 000 (4) | fil-31 ta' Marzu 2020. |
| | | | ID-DANIMARKA | | | |
| Fornæs ApS<br>Rolshøjvej 12-16<br>8500 Grenå<br>Id-Danimarka<br>www.fornaes.dk | Iż-żarmar mal-moll u l-iskreppjar sussegwenti fuq artijiet impermeabbli b'sistemi effettivi ta' drenaġġ | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 150 metru<br>Wisa': 25 metru<br>Pixka: 6 metri<br>GT: 10 000 | Il-Muniċipalità ta' Norddjurs għandha d-dritt li talloka l-iskart perikoluż f'faċilitajiet ta' akkoljenza approvati mil-lat ambjentali. | Approvazzjoni taċita, perjodu ta' rieżami massimu ta' ġimgħatejn | 30 000 (5) | fit-30 ta' Ġunju 2021. |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità (2), espress bħala LDT | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Smedegaarden A/S<br>Vikingkaj 5<br>6700 Esbjerg<br>Id-Danimarka<br>www.smedegaarden.net | Iż-żarmar mal-moll u l-iskreppjar sussegwenti fuq artijiet impermeabbli b'sistemi effettivi ta' drenaġġ | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 170 metru<br>Wisa': 40 metru<br>Pixka: 7,5 metri | | Approvazzjoni taċita, perjodu ta' rieżami massimu ta' ġimgħatejn | 20 000 (6) | fil-15 ta' Settembru 2021. |
| FRANZA | | | | | | |
| GARDET & DE BEZENAC Recycling/Groupe BAUDELET ENVIRONNEMENT — GIE MUG<br>616, Boulevard Jules Durand<br>76600 Le Havre<br>Franza<br>Telefon: +33(0) 2 35 55 77 50<br>Posta elettronika: p.dupalut@gardet-bezenac.com | F'wiċċ l-ilma u fl-iskal | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 150 metru<br>Wisa': 18-il metru<br>LDT: 7 000 | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministeru tal-Ambjent. | 16 000 (7) | fit-30 ta' Diċembru 2021. |
| Grand port maritime de Bordeaux<br>152, Quai de Bacalan — CS 41320 — 33082 Bordeaux Cedex<br>Franza<br>Telefon: +33(0) 5 56 90 58 00<br>Posta elettronika: p-brocart@bordeaux-port.fr | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment (baċir imbattal mill-ilma):<br>Tul: 240 metru<br>Wisa': 37 metru<br>Fond: 17 metru | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni espliċita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministeru tal-Ambjent. | 18 000 (8) | fil-21 ta' Ottubru 2021. |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura esplicita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti [1] | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità [2], espress bħala LDT | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea [3] |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Les Recycleurs tal-Bretagne<br>Zone industrielle de kerbriant plouigneau — 29 610<br>Plouigneau<br>Franza<br>Telefon: +33(0) 6 11 74 74 01<br>Posta elettronika: Jm.abiven@recycleurs-bretons.fr | Laterali, baċir imbattal mill-ilma | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment (baċir imbattal mill-ilma):<br>Tul: 225 metru<br>Wisa': 34 metru<br>Fond: 27 metru | Il-limitazzjonijiet ambjentali huma definiti fl-awtorizzazzjoni prefettorali. | Approvazzjoni esplicita — L-awtorità kompetenti għad-deċiżjoni tal-approvazzjoni hija l-Ministeru tal-Ambjent. | 5 500 [9] | fl-24 ta' Mejju 2021. |
| | | | IL-LATVJA | | | |
| A/S "Tosmares kuģubūvētava"<br>Ģenerāļa Baloža street 42/44, Liepaja, LV-3402<br>il-Latvja<br>Telefon: +371 63401919<br>Posta elettronika: shipyard@tosmare.lv | Iż-żarmar ta' bastimenti (irmiġġ fl-ilma u baċir imbattal mill-ilma) | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 165 m<br>Wisa': 22 m<br>Fond: 7 m<br>DWT:14 000<br>GT: 200 — 12 000<br>Piż: 100 — 5 000 tunnellati<br>LDT: 100 -5 000 | Ara l-permess nazzjonali Nru LI-10-IB-0024. | Approvazzjoni esplicita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 0 [10] | fil-11 ta' Ġunju 2020. |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità (2), espress bħala LDT | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **IL-LITWANJA** | | | | | | |
| UAB APK<br>Minijos 180 (berth 133 A), LT 93269, Klaipėda,<br>il-Litwanja<br>Telefon: +370 — 46 365776<br>Faks: +370 — 46 365776<br>Posta elettronika: uab.apk@gmail.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 130 metru<br>Wisa': 35 metru<br>Fond: 10 metri<br>GT: 3 500 | Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1–15/2015 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 1 500 (11) | fis-17 ta'Marzu 2020. |
| UAB armar<br>Minijos 180 (berth 127 A), LT 93269, Klaipėda,<br>Il-Litwanja<br>Telefon: +370 685 32607<br>Posta elettronika: armar.uab@gmail.com; albatrosas33@gmail.com | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 80 metru<br>Wisa': 16-il metru<br>Fond: 6 metri<br>GT: 1 500 | Ara l-permess nazzjonali Nru TL-KL.1-16/2015 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 3 910 (12) | fis-17 ta'Marzu 2020. |
| UAB Vakaru refonda<br>Minijos 180(berth 129, 130, 131 A, 131, 132, 133 A), LT 93269, Klaipėda,<br>Il-Litwanja<br>Telefon: +370 (46) 483940/483891<br>Faks: +370 (46) 483891<br>Posta elettronika: refonda@wsy.lt | Laterali (irmiġġ fl-ilma) | Kull tip ta' bastiment kif iddefinit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 230 metru<br>Wisa': 55 metru<br>Fond: 14-il metru<br>GT: 70 000 | Ara l-permess nazzjonali Nru (11.2)-30-161/2011/TL-KL.1-18/2015 | Approvazzjoni espliċita — notifika bil-miktub fi żmien 30 jum ta' xogħol | 20 140 (13) | fil-21 ta' Mejju 2020. |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti ([1]) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità ([2]), espress bħala LDT | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea ([3]) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IN-NETHERLANDS | | | | | | |
| Keppel-Verolme<br>Prof. Gerbrandyweg 25<br>3197 KK Rotterdam-Botlek<br>In-Netherlands<br>Telefon:<br>+31 18 123 43 53<br>Posta elettronika:<br>mzoethout@<br>keppelverolme.nl | Tkissir ta' bastimenti | Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 405 metri<br>Wisa': 90 metru<br>Fond: 11,6 metru | Is-sit għadu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent. | Approvazzjoni espliċita | 52 000 ([14]) | fil-21 ta' Lulju 2021. |
| Scheepsrecycling Nederland B.V.<br>Havenweg 1; 3295 XZ s-Gravendeel<br>Postbus 5234; 3295 ZJ s-Gravendeel<br>In-Netherlands<br>Telefon:<br>+31 78 673 60 55<br>Posta elettronika: info@<br>sloperij-nederland.nl | Tkissir ta' bastimenti | Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 200 metru<br>Wisa': 33 metru<br>Fond: 6 metri<br>Għoli: 45 metru (Botlek-bridge)L-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ jibdew fuq l-ilma biex il-buq jitħaffef; il-winċ biex iqandel il-vapuri għal fuq ir-rampa jiflaħ 2 000 tunnellata. | Is-sit għadu permess biex jopera; dan il-permess għandu limitazzjonijiet u kundizzjonijiet biex jopera mingħajr ma jkun ta' ħsara għall-ambjent. | Approvazzjoni espliċita | 9 300 ([15]) | fis-27 ta' Settembru 2021. |
| IL-POLONJA | | | | | | |
| ALMEX Sp. Z o.o.<br>ul. Ks. Stanislawa Kujota 1<br>70-605 Szczecin<br>Il-Polonja | Mollijiet u postijiet tar-riċiklaġġ fuq l-interfaċċja bejn l-art u l-baħar | Kull tip ta' bastiment.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 120 metru<br>Wisa': 20 metru<br>Fond: 6 metri<br>DWT: 6 000<br>GT: 2 500<br>LDT: 2 500 | Ara l-permess WOŚ. II.7243.7.4.2014.IB | Approvazzjoni espliċita<br>(id-dettalji għandhom jingħataw kmieni fl-2017 ladarba tidħol fis-seħħ leġiżlazzjoni nazzjonali ġdida) | 4 000 ([16]) | fit-30 ta' Ġunju 2017. |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità (2), espress bħala LDT | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IL-PORTUGALL | | | | | | |
| Navalria — Docas, Construções e Reparações Navais<br>Porto Comercial, Terminal Sul, Apartado 39, 3811-901 Aveiro<br>Il-Portugall | Żarmar fil-baċir imbattal mill-ilma, id-dekontaminazzjoni u l-ħatt fuq pjan orizzontali u inklinat, skont id-daqs tal-bastiment | Il-kapaċità nominali tal-pjan orizzontali: 700 tunnellata<br>Il-kapaċità nominali tal-pjan inklinat: 900 tunnellata | | Il-kundizzjonijiet applikati għall-attività huma definiti fl-ispeċifikazzjonijiet annessi mat-Titolu (AL nru 5/2015/CCDRC, tas-26 ta' Jannar 2016) | 1 900 tunnellata (17) | fis-26 ta'Jannar 2020. |
| SPANJA | | | | | | |
| DDR VESSELS XXI, S.L.<br>Il-port ta' "El Musel"<br>Gijon<br>Spanja<br>Telefon: +34 630 14 44 16<br>Posta elettronika: abarredo@ddr-vessels.com | Rampa għaż-żarmar | It-tipi kollha ta' bastimenti, ħlief dawk nukleari<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 84,95 metri<br>(Vapuri sa 169,9 metri li waqt it-tħaddim tagħhom ma jkollhomx riskju li jinqalbu jew inkella r-rampa tagħhom ma tiċċaqlaqx, skont ir-riżultat ta' studju tal-vijabilità ddettaljat) | Il-limitazzjonijiet huma inklużi fl-awtorizzazzjoni ambjentali integrata. | Mhi definita l-ebda proċedura espliċita s'issa. | 0 (18) | fit-28 ta' Lulju 2020. |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura espliċita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità (2), espress bħala LDT | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IR-RENJU UNIT | | | | | | |
| Able UK Limited<br>Teesside Environmental Reclamation and Recycling Centre<br>Graythorp Dock<br>Tees Road<br>Hartlepool<br>Cleveland<br>TS25 2DB<br>Ir-Renju Unit<br>Telefon: +44(0) 1642 806080<br>Posta elettronika: info@ableuk.com | Iż-żarmar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u fl-ilma | Kull bastiment fil-limiti tad-dimensjonijiet awtorizzati fil-permess.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 337,5 metri<br>Wisa': 120 metru<br>Pixka: 6,65 metri | Din il-faċilità għandha Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-UE.<br>Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' permess (ir-Referenza EPR/VP3296ZM) li jillimita l-operazzjonijiet u jagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Il-mekkaniżmu tal-approvazzjoni huwa permezz ta' ftehim tal-awtorità kompetenti konġunta (Environment Agency and Health and Safety Executive) dwar il-Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li huwa awtorizzat formalment permezz ta' varjazzjoni ta' Permess Ambjentali eżistenti. | 66 340 (19) | fis-6 ta' Ottubru 2020. |
| Harland and Wolff Heavy Industries Limited<br>Queen's Island<br>Belfast<br>BT3 9DU<br>Ir-Renju Unit<br>Telefon: +44(0) 2890 458456<br>Posta elettronika: trevor.hutchinson@harland-wolff.com | Iż-żarmar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u fl-ilma | Kull bastiment bid-dimensjonijiet iddettaljati fil-Pjan ta' Ħidma miftiehem.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Il-baċir prinċipali (l-ikbar) huwa ta' 556 m × 93 m × 1,2 m DWT, u jista' jieħu bastimenti li ma jaqbżux dan il-qies. Dan l-akbar baċir imbattal mill-ilma huwa ta' 1,2 miljun DWT. | Din il-faċilità għandha Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-UE. Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' liċenzja għall-ġestjoni tal-iskart, bin-numru tal-awtorizzazzjoni LN/07/21/V2 li tillimita l-operazzjonijiet u tagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Il-mekkaniżmu tal-approvazzjoni huwa permezz ta' ftehim tal-awtorità kompetenti konġunta bejn in-Northern Ireland Environment Agency (NIEA) u l-Health and Safety Executive for Northern Ireland (HSENI) dwar il-Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li huwa awtorizzat formalment permezz tal-modifika ta' liċenzja għall-ġestjoni tal-iskart (WML) eżistenti. | 13 200 (20) | fit-3 ta' Awwissu 2020. |

| Isem il-faċilità | Il-metodu tar-riċiklaġġ | It-tip u d-daqs ta' bastimenti li jistgħu jiġu riċiklati | Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-operat tal-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart perikoluż | Dettalji dwar il-proċedura esplicita jew taċita għall-approvazzjoni tal-pjan ta' riċiklaġġ tal-bastimenti mill-awtorità kompetenti (1) | L-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, ikkalkulat bħala s-somma tal-piż tal-bastimenti li jkunu ġew rriċiklati f'sena partikolari f'dik il-faċilità (2), espress bħala LDT | Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Swansea Drydock Ltd<br>Prince of Wales Dry Dock<br>Swansea<br>Wales<br>SA1 1LY<br>Ir-Renju Unit<br>Telefon: +44(0) 1792 654592<br>Posta elettronika: info@swanseadrydocks.com | Iż-żarmar ta' bastimenti u t-trattament assoċjat awtorizzati f'baċir imbattal mill-ilma, u fl-ilma | Kull bastiment fil-limiti tad-dimensjonijiet awtorizzati fil-permess.<br>Id-dimensjonijiet massimi tal-bastiment:<br>Tul: 200 metru<br>Wisa': 27 metru<br>Pixka: 7 metri | Is-sit għandu Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-UE.<br>Is-sit huwa awtorizzat permezz ta' permess (ir-Referenza EPR/UP3298VL) li jillimita l-operazzjonijiet u jagħmel kundizzjonijiet fuq l-operatur tal-faċilità. | Il-mekkaniżmu tal-approvazzjoni huwa msejjes fuq ftehim ta' awtorità kompetenti konġunta (Natural Resources Wales u Health and Safety Executive) dwar il-Pjan għall-Faċilità tar-Riċiklaġġ tal-Bastimenti li huwa awtorizzat formalment permezz ta' varjazzjoni tal-Permess Ambjentali eżistenti | 7 275 (21) | fit-2 ta' Lulju 2020. |

(1) Kif hemm referenza fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

(2) Skont l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti, *"l-ammont massimu annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti huwa ddeterminat mill-għażla tal-ogħla ċifra fl-aħħar perijodu ta' għaxar snin għal kull faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti, jew, fil-każ ta' faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li tkun għadha kif ġiet awtorizzata, l-ogħla ċifra annwali li tkun intlaħqet f'dik il-faċilità"*.

(3) Id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni fil-Lista Ewropea tikkorrispondi mad-data tal-iskadenza tal-permess jew l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-faċilità fl-Istat Membru.

(4) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 50 000 LDT fis-sena.

(5) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

(6) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

(7) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 18 000 LDT fis-sena.

(8) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 23 000 LDT fis-sena.

(9) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 10 000 LDT fis-sena.

(10) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 15 000 LDT fis-sena.

(11) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 30 000 LDT fis-sena.

(12) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 6 000 LDT fis-sena.

(13) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 45 000 LDT fis-sena.

(14) Skont il-permess tagħha, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 100 000 tunnellata fis-sena.

(15) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 45 000 LDT fis-sena.

(16) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9.

(17) Ma ngħatat l-ebda informazzjoni dwar il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ tal-bastimenti.

(18) Skont l-informazzjoni sottomessa, il-kapaċità teoretika massima annwali ta' riċiklaġġ ta' bastimenti tal-faċilità hija 60 000 LDT fis-sena.

(19) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 230 000 tunnellata fis-sena.

(20) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 300 000 LDT fis-sena.

(21) Skont il-permess tagħha, il-faċilità hija awtorizzata tirriċikla massimu ta' 74 999 tunnellata fis-sena.

Abbrevjazzjonijiet

DWT Tunnellati ta' Piż Mejjet (Deadweight Tonnage)

GT Tunnellaġġ Gross (Gross Tonnage)

LDT Tunnellati ta' Spostament Ħafif (Light Displacement Tonnage)

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2324

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## dwar il-format tar-rapport tal-bidu previst tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jistabbilixxi rekwiżiti għall-kumpaniji tar-riċiklaġġ tal-bastimenti, għall-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti u għall-operaturi tal-faċilitajiet tar-riċiklaġġ tal-bastimenti fir-rigward tar-riċiklaġġ tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, l-operatur ta' faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti għandu jirrapporta lill-amministrazzjoni li l-faċilità tar-riċiklaġġ tal-bastimenti hija lesta minn kull aspett biex tibda r-riċiklaġġ tal-bastiment. Il-format tar-rapporti għandu jkun konsistenti mal-Appendiċi 6 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Riċiklaġġ ta' Bastimenti li jkun Sikur u li Jħares l-Ambjent adottata f'Ħong Kong fil-15 ta' Mejju 2009 (il-"Konvenzjoni ta' Ħong Kong").

(3) Skont l-Artikolu 3(6) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, "riċiklaġġ tal-bastimenti" ifisser attività ta' żarmar komplet jew parzjali ta' bastiment. Għalhekk, fil-każ ta' żarmar parzjali huwa meħtieġ rapport tal-bidu previst tar-riċiklaġġ tal-bastiment. Il-format tar-rapport tal-bidu previst tar-riċiklaġġ tal-bastiment jirreferi għal faċilità waħda ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. F'każ li ż-żarmar ta' bastiment wieħed ikun qed iseħħ f'diversi faċilitajiet, jeħtieġ li kull faċilità involuta fil-proċess tħejji rapport separat dwar il-bidu previst tar-riċiklaġġ tal-bastiment.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rapporti dwar il-bidu previst tar-riċiklaġġ tal-bastiment meħtieġa skont l-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 għandhom jikkonformaw mal-format stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

([1]) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1.

*ANNESS*

**RAPPORT TAL-BIDU PREVIST TAR-RIĊIKLAĠĠ TA' BASTIMENT**

**skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti**

Il-faċilità ..........................................................................................................................................................

*(Isem il-faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti)*

li tinsab ..........................................................................................................................................................

*(L-indirizz sħiħ tal-faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti)*

elenkata fil-Lista Ewropea stabbilita skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013

permezz ta' dan qed tirrapporta li l-faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti hija lesta minn kull aspett biex tibda r-riċiklaġġ tal-bastiment ..........................................................................................................................................................

*(Numru tal-IMO)*

Iċ-Ċertifikat li l-bastiment huwa lest għar-riċiklaġġ maħruġ bl-awtorità tal-Gvern ta'

..........................................................................................................................................................

*(Isem tal-Istat)*

minn ..........................................................................................................................................................

*(Isem sħiħ tal-persuna jew tal-organizzazzjoni awtorizzata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013)*

fid-data (jj/xx/ssss) ..........................................................................................................................................................

*(Data tal-ħruġ).* ..........................................................................................................................................................

......................................................................

*(Firma tal-operatur jew tar-rappreżentant awtorizzat tal-faċilità għar-riċiklaġġ tal-bastimenti)*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2325

## tad-19 ta' Diċembru 2016

## dwar il-format taċ-ċertifikat dwar l-inventarju tal-materjali perikolużi maħruġ skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 jistipula r-rekwiżiti għas-sidien tal-bastimenti, għall-amministrazzjonijiet u għall-organizzazzjonijiet rikonoxxuti fir-rigward tal-iżvilupp, tal-istħarriġ u taċ-ċertifikazzjoni tal-inventarji tal-materjali perikolużi fil-bastimenti.

(2) Skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-bastimenti għandu jkollhom abbord inventarju tal-materjali perikolużi.

(3) Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, l-obbligu li jkollhom abbord inventarju ta' materjali perikolużi għandu japplika għall-bastimenti eżistenti mill-31 ta' Diċembru 2020, għall-bastimenti ġodda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018 u għall-bastimenti li jmorru għar-riċiklaġġ mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Lista Ewropea ppubblikata skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013.

(4) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-bastimenti għandu jsirilhom stħarriġ minn uffiċjali tal-amministrazzjonijiet jew ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti awtorizzati mill-amministrazzjonijiet. L-għan tal-istħarriġiet huwa li jikkonfermaw li l-inventarju tal-materjali perikolużi jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament.

(5) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, wara t-tlestija b'suċċess ta' stħarriġ inizjali jew ta' tiġdid, l-amministrazzjoni jew organizzazzjoni rikonoxxuta li tkun awtorizzata minnha għandha toħroġ ċertifikat tal-inventarju. Il-format taċ-ċertifikat tal-inventarju għandu jkun konsistenti mal-Appendiċi 3 tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Riċiklaġġ ta' Bastimenti li jkun Sikur u li Jħares l-Ambjent adottata f'Ħong Kong fil-15 ta' Mejju 2009 (il-"Konvenzjoni ta' Ħong Kong").

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti stabbilit bl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ċertifikati tal-inventarju maħruġa u approvati skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 għandhom ikunu konformi mal-format stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni

([1]) ĠU L 330, 10.12.2013, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**ĊERTIFIKAT TAL-INVENTARJU TAL-MATERJALI PERIKOLUŻI**

**skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti**

(Nota: Dan iċ-ċertifikat għandu jkollu miegħu l-Parti I tal-inventarju ta' materjali perikolużi)

*(Timbru uffiċjali)* *(Stat)*

Maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 bl-awtorità tal-Gvern ta'

..............................................................................................................................

*(Isem tal-Istat)*

minn ..............................................................................................................................

*(Isem sħiħ tal-persuna jew tal-organizzazzjoni awtorizzata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013)*

***Dettalji tal-bastiment***

| | |
|---|---|
| Isem il-Bastiment | |
| In-numru jew l-ittri distintivi | |
| Il-port tar-reġistru | |
| It-tunellaġġ gross | |
| In-numru tal-IMO | |
| L-isem u l-indirizz ta' sid il-bastiment | |
| In-numru tal-identifikazzjoni tas-sid irreġistrat mal-IMO | |
| In-numru tal-identifikazzjoni tal-IMO tal-kumpanija | |
| Id-data tal-kostruzzjoni | |

***Dettalji tal-Parti I tal-inventarju tal-materjali perikolużi***

In-numru tal-identifikazzjoni/tal-verifikazzjoni tal-Parti I tal-inventarju tal-materjali perikolużi: ................................................

*Nota:* Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-Parti I tal-inventarju tal-materjali perikolużi hija annessa ma' dan iċ-ċertifikat. Il-Parti I tal-inventarju tal-materjali perikolużi għandha tiġi kkompilata abbażi tal-format standard muri fil-linji gwida żviluppati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, supplimentati, fejn applikabbli, minn linji gwida dwar aspetti speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, bħas-sustanzi elenkati f'dak ir-Regolament iżda mhux fil-Konvenzjoni ta' Ħong Kong.

DAN JIĊĊERTIFIKA:

Li l-vapur ġie eżaminat f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013; u li l-istħarriġ juri li l-Parti I tal-inventarju tal-materjali perikolużi tikkonforma b'mod sħiħ mar-rekwiżiti applikabbli ta' dak ir-Regolament.

Id-data tat-tlestija tal-istħarriġ li fuqu huwa bbażat dan iċ-ċertifikat: ...................................................................... (jj/xx/ssss)

Dan iċ-ċertifikat jibqa' validu sa .......................................................................................................................... (jj/xx/ssss)

Maħruġ fi .........................................................................................................................................................................

*(Post tal-ħruġ taċ-ċertifikat)*

(jj/xx/ssss) ........................................................... ......................................................................................................

*(Data tal-ħruġ)* *(Firma tal-uffiċjal debitament awtorizzat li qed joħroġ iċ-ċertifikat)*

*(Siġill jew timbru tal-awtorità, skont il-każ)*

**APPROVAZZJONI TAL-ESTENSJONI TAĊ-ĊERTIFIKAT JEKK VALIDU GĦAL ANQAS MINN ĦAMES SNIN META JAPPLIKA L-ARTIKOLU 9(5)** (*)

Il-bastiment jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti, u ċ-ċertifikat għandu, skont l-Artikolu 9(5) ta' dak ir-Regolament, ikun aċċettat bħala validu sa

(jj/xx/ssss): .....................................................................................................................................................................

Iffirmat: ...........................................................................................................................................................................

*(Firma tal-uffiċjal debitament awtorizzat)*

Post: ................................................................................................................................................................................

Data: (jj/xx/ssss) ..............................................................................................................................................................

*(Siġill jew timbru tal-awtorità, skont il-każ)*

**APPROVAZZJONI META L-ISTĦARRIĠ TA' TIĠDID IKUN TLESTA U JAPPLIKA L-ARTIKOLU 9(4)** (*)

Il-bastiment jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti, u ċ-ċertifikat għandu, skont l-Artikolu 9(4) ta' dak ir-Regolament, ikun aċċettat bħala validu sa (jj/xx/ssss): ...........................

Iffirmat: ...........................................................................................................................................................................

*(Firma tal-uffiċjal debitament awtorizzat)*

Post: ................................................................................................................................................................................

Data: (jj/xx/ssss) ..............................................................................................................................................................

*(Siġill jew timbru tal-awtorità, skont il-każ)*

**APPROVAZZJONI TAL-ESTENSJONI TAL-VALIDITÀ TAĊ-ĊERTIFIKAT SAL-ILĦIQ TAL-PORT JEW L-ANKRAĠĠ TAL-ISTĦARRIĠ JEW GĦAL PERJODU TA' GRAZZJA META JAPPLIKA L-ARTIKOLU 9(7) JEW L-ARTIKOLU 9(8)** (*)

Dan iċ-ċertifikat, skont l-Artikolu 9(7) jew 9(8) (**) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti, għandu jkun aċċettat bħala validu sad-data (jj/xx/ssss): ..........

Iffirmat: ..........
*(Firma tal-uffiċjal debitament awtorizzat)*

Post: ..........

Data: (jj/xx/ssss) ..........

*(Siġill jew timbru tal-awtorità, skont il-każ)*

**APPROVAZZJONI GĦAL STĦARRIĠ ADDIZZJONALI META JAPPLIKA L-ARTIKOLU 9(2)** (*)

Fi stħarriġ addizzjonali mwettaq skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti, il-bastiment instab li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament.

Iffirmat: ..........
*(Firma tal-uffiċjal debitament awtorizzat)*

Post: ..........

Data: (jj/xx/ssss) ..........

*(Siġill jew timbru tal-awtorità, skont il-każ)*

(*) Din il-paġna tal-approvazzjoni fl-istħarriġ għandha tiġi riprodotta u miżjuda maċ-ċertifikat skont kif meħtieġ mill-Amministrazzjoni.
(**) Ħassar kif xieraq

## RETTIFIKA

**Rettifika tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 315 tal-1 ta' Diċembru 2015)*

1. F'paġna 37, Anness I, Appendiċi I, Kategorija tas-sajd 1, Taqsima 1 (Żona tas-sajd),

*minflok:* "… (a) fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 00′ 00″ N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 20°46′30″N | 17°03′00″W |
| 20°40′00″N | 17°08′30″W |
| 20°10′12″N | 17°16′12″W |
| 19°35′24″N | 16°51′00″W |
| 19°19′12″N | 16°45′36″W |
| 19°19′12″N | 16°41′24″W |
| 19°00′00″N | 16°22′00″W |

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 00′ 00″ N sal-latitudni 17° 50′ 00″ N, disa' mili nawtiċi mill-marka tal-ilma baxx.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17° 50′ 00″ N, sitt mili nawtiċi mill-marka tal-ilma baxx.

….",

*aqra:* "… (a) fit-Tramuntana tal-latitudni 19°00,00 N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 20°46,30 N | 17°03,00 W |
| 20°40,00 N | 17°08,30 W |
| 20°10,12 N | 17°16,12 W |
| 19°35,24 N | 16°51,00 W |
| 19°19,12 N | 16°45,36 W |
| 19°19,12 N | 16°41,24 W |
| 19°00,00 N | 16°22,00 W |

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°00,00 N sal-latitudni 17°50,00 N, disa' mili nawtiċi mill-marka tal-ilma baxx.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17°50,00 N, sitt mili nawtiċi mill-marka tal-ilma baxx.

….".

2. F'paġni 38 u 39, Anness 1, Appendiċi 1, Kategorija tas-Sajd 2, Taqsima 1 (Żona tas-sajd),

*minflok:* "(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 15′ 60″ N, fil-Punent tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 20°46′30″N | 17°03′00″W |
| 20°36′00″N | 17°11′00″W |
| 20°36′00″N | 17°36′00″W |
| 20°03′00″N | 17°36′00″W |
| 19°45′70″N | 17°03′00″W |
| 19°29′00″N | 16°51′50″W |
| 19°15′60″N | 16°51′50″W |
| 19°15′60″N | 16°49′60″W |

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 15′ 60″ N sal-latitudni 17° 50′ 00″ N: fil-Punent tal-linja tat-18-il mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17° 50′ 00″ N: fil-Punent tal-linja tat-12-il mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

….",

*aqra:* "(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19°15,60 N, fil-Punent tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 20°46,30 N | 17°03,00 W |
| 20°36,00 N | 17°11,00 W |
| 20°36,00 N | 17°36,00 W |
| 20°03,00 N | 17°36,00 W |
| 19°45,70 N | 17°03,00 W |
| 19°29,00 N | 16°51,50 W |
| 19°15,60 N | 16°51,50 W |
| 19°15,60 N | 16°49,60 W |

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 15′ 60″ N sal-latitudni 17°50,00 N, fil-Punent tal-linja tat-18-il mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17°50,00 N, fil-Punent tal-linja tat-12-il mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

….".

3. F'paġna 40, Anness 1, Appendiċi 1, Kategorija tas-sajd 3, Tasima 1 (Żona tas-sajd),

*minflok:* "(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 48′ 50″ N mil-linja tat-tliet mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 48′ 50″ N u sal-latitudni 19° 21′ 00″ N fil-Punent tal-lonġitudni 16° 45′ 00″ W.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 21′ 00″ N mil-linja tat-tliet mili nawtiċi mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

….",

*aqra:* "(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19°48,50 N mil-linja tat-tliet mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°48,50 N u sal-latitudni 19°21,00 N fil-Punent tal-lonġitudni 16° 45′ 00″ W.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°21,00 N mil-linja tat-tliet mili nawtiċi mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

….".

4. F'paġna 42, Anness 1, Appendiċi 1, Kategorija tas-sajd 4, Taqsima 1 (Żona tas-sajd),

*minflok:* "(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 21′ 00″ N, fil-Punent tal-linja tat-30 mil nawtiku mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 21′ 00″ N, fil-Punent tal-linja tat-30 mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

…",

*aqra:* "(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19°21,00 N, fil-Punent tal-linja tat-30 mil nawtiku mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°21,00 N, fil-Punent tal-linja tat-30 mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

…".

5. F'paġna 43, Anness 1, Appendiċi 1, Kategorija tas-sajd 5, Taqsima 1 (Żona tas-sajd),

*minflok:* "Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ

(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 21′ 00″ N, fil-Punent tal-linja tat-30 mil nawtiku mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 21′ 00″ N, fil-Punent tal-linja tat-30 mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief

(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 21′ 00″ N, fil-Punent tal-linja tal-15-il mil nawtiku mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 21′ 00″ N, fil-Punent tal-linja tat-12-il mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

Sajd bil-lixka ħajja

(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 48′ 50″ N, fil-Punent tal-linja tat-tliet mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 48′ 50″ N u sal-latitudni 19° 21′ 00″ N, fil-Punent tal-lonġitudni 16° 45′ 00″ W.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 21′ 00″ N, fil-Punent tal-linja tat-tliet mili nawtiċi mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

…",

*aqra:* "Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ

(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19°21,00 N, fil-Punent tal-linja tat-30 mil nawtiku mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°21,00 N, fil-Punent tal-linja tat-30 mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief

(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19°21,00 N, fil-Punent tal-linja tal-15-il mil nawtiku mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°21,00 N, fil-Punent tal-linja tat-12-il mil nawtiku mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

Sajd bil-lixka ħajja

(a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19°48,50 N, fil-Punent tal-linja tat-tliet mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi bejn il-Kap Blanc u l-Kap Timiris.

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°48,50 N u sal-latitudni 19°21,00 N, fil-Punent tal-lonġitudni 16°45,00 W.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°21,00 N, fil-Punent tal-linja tat-tliet mili nawtiċi mkejla mill-marka tal-ilma baxx.

…”.

6. F'paġni 44 u 45, Anness 1, Appendiċi 1, Kategorija tas-sajd 6, Taqsima 1 (Żona tas-sajd),

*minflok:* “… (a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 00′ 00″ N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 20°46′ 30″ N | 17°03′ 00″ W |
| 20°36′ 00″ N | 17°11′ 00″ W |
| 20°36′ 00″ N | 17°30′ 00″ W |
| 20°21′ 50″ N | 17°30′ 00″ W |
| 20°10′ 00″ N | 17°35′ 00″ W |
| 20°00′ 00″ N | 17°30′ 00″ W |
| 19°45′ 00″ N | 17°05′ 00″ W |
| 19°00′ 00″ N | 16°34′ 50″ W |
| 19°00′ 00″ N | 16°39′ 50″ W |

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 00′ 00″ N sal-latitudni 17° 30′ N, għoxrin mil nawtiku mill-marka tal-ilma baxx.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17° 30′ N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 17°30′ 00″ N | 16°17′ 00″ W |
| 17°12′ 00″ N | 16°23′ 00″ W |
| 16°36′ 00″ N | 16°42′ 00″ W |
| 16°13′ 00″ N | 16°40′ 00″ W |
| 16°04′ 00″ N | 16°41′ 00″ W |

…”,

*aqra:* “… (a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 00′ 00″ N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 20°46,30 N | 17°03,00 W |
| 20°36,00 N | 17°11,00 W |
| 20°36,00 N | 17°30,00 W |
| 20°21,50 N | 17°30,00 W |

| | |
|---|---|
| 20°10,00 N | 17°35,00 W |
| 20°00,00 N | 17°30,00 W |
| 19°45,00 N | 17°05,00 W |
| 19°00,00 N | 16°34,50 W |
| 19°00,00 N | 16°39,50 W |

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°00,00 N sal-latitudni 17°30 N, għoxrin mil nawtiku mill-marka tal-ilma baxx.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17°30 N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 17°30,00 N | 16°17,00 W |
| 17°12,00 N | 16°23,00 W |
| 16°36,00 N | 16°42,00 W |
| 16°13,00 N | 16°40,00 W |
| 16°04,00 N | 16°41,00 W |

…".

7. F'paġna 46, Anness 1, Appendiċi 1, Kategorija tas-sajd 7, Taqsima 1 (Żona tas-sajd),

*minflok* "… (a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19° 00′ 00″N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 20°46′30″N | 17°03′00″W |
| 20°36′00″N | 17°11′00″W |
| 20°36′00″N | 17°30′00″W |
| 20°21′50″N | 17°30′00″W |
| 20°10′00″N | 17°35′00″W |
| 20°00′00″N | 17°30′00″W |
| 19°45′00″N | 17°05′00″W |
| 19°00′00″N | 16°34′50″W |
| 19°00′00″N | 16°39′50″W |

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19° 00′ 00″ N sal-latitudni 17° 30′ N, għoxrin mil nawtiku mill-marka tal-ilma baxx.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17° 30′ il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 17°30′00″N | 16°17′00″N |
| 17°12′00″N | 16°23′00″N |
| 16°36′00″N | 16°42′00″N |
| 16°13′00″N | 16°40′00″N |
| 16°04′00″N | 16°41′00″N |

…",

*aqra:* "… (a) Fit-Tramuntana tal-latitudni 19°00,00 N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 20°46,30 N | 17°03,00 W |
| 20°36,00 N | 17°11,00 W |
| 20°36,00 N | 17°30,00 W |
| 20°21,50 N | 17°30,00 W |
| 20°10,00 N | 17°35,00 W |
| 20°00,00 N | 17°30,00 W |
| 19°45,00 N | 17°05,00 W |
| 19°00,00 N | 16°34,50 W |
| 19°00,00 N | 16°39,50 W |

(b) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 19°00,00 N sal-latitudni 17°30 N, għoxrin mil nawtiku mill-marka tal-ilma baxx.

(c) Fin-Nofsinhar tal-latitudni 17°30 N, il-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 17°30,00 N | 16°17,00 W |
| 17°12,00 N | 16°23,00 W |
| 16°36,00 N | 16°42,00 W |
| 16°13,00 N | 16°40,00 W |
| 16°04,00 N | 16°41,00 W |

…".

8. F'paġna 49,Anness 1, Appendiċi 2 (Limiti taż-żona tas-sajd tal-Mauritania),

*minflok:*

| | | |
|---|---|---|
| "Limiti tal-konfini tan-Nofsinhar | 16°04 N | 19°33,5 W |
| Koordinati | 16°17 N | 19°32,5 W |
| Koordinati | 16°28,5 N | 19°32,5 W |
| Koordinati | 16°38 N | 19°33,2 W |
| Koordinati | 17°00 N | 19°32,1 W |
| Koordinati | 17°06 N | 19°36,8 W |
| Koordinati | 17°26,8 N | 19°37,9 W |
| Koordinati | 17°31,9 N | 19°38 W |
| Koordinati | 17°44,1 N | 19°38 W |

| | | |
|---|---|---|
| Koordinati | 17°53,3 N | 19°38 W |
| Koordinati | 18°02,5 N | 19°42,1 W |
| Koordinati | 18°07,8 N | 19°44,2 W |
| Koordinati | 18°13,4 N | 19°47 W |
| Koordinati | 18°18,8 N | 19°49 W |
| Koordinati | 18°24 N | 19°51, 5 W |
| Koordinati | 18°28,8 N | 19°53, 8 W |
| Koordinati | 18°34,9 N | 19°56 W |
| Koordinati | 18°44,2 N | 20°00 W |
| Koordinati | 19°00 N | 19°43 W |
| Koordinati | 19°23 N | 20°01 W |
| Koordinati | 19°30 N | 20°04 W |
| Koordinati | 20°00 N | 20°14,5 W |
| Koordinati | 20°30 N | 20°25 5 W |
| Limiti tal-konfini tat-Tramuntana | 20°46 N | 20°04,5 W” |

*aqra:*

| | | |
|---|---|---|
| “Limiti tal-konfini tan-Nofsinhar | 16°04 N | 19°33,5 W |
| Koordinati | 16°17 N | 19°32,5 W |
| Koordinati | 16°28,5 N | 19°32,5 W |
| Koordinati | 16°38 N | 19°33,2 W |
| Koordinati | 17°00 N | 19°32,1 W |
| Koordinati | 17°06 N | 19°36,8 W |
| Koordinati | 17°26,8 N | 19°37,9 W |
| Koordinati | 17°31,9 N | 19°38 W |
| Koordinati | 17°44,1 N | 19°38 W |
| Koordinati | 17°53,3 N | 19°38 W |
| Koordinati | 18°02,5 N | 19°42,1 W |
| Koordinati | 18°07,8 N | 19°44,2 W |
| Koordinati | 18°13,4 N | 19°47 W |
| Koordinati | 18°18,8 N | 19°49 W |
| Koordinati | 18°24 N | 19°51,5 W |

| | | |
|---|---|---|
| Koordinati | 18°28,8 N | 19°53,8 W |
| Koordinati | 18°34,9 N | 19°56 W |
| Koordinati | 18°44,2 N | 20°00 W |
| Koordinati | 19°00 N | 19°43 W |
| Koordinati | 19°23 N | 20°01 W |
| Koordinati | 19°30 N | 20°04 W |
| Koordinati | 20°00 N | 20°14,5 W |
| Koordinati | 20°30 N | 20°25,5 W |
| Limiti tal-konfini tat-Tramuntana | 20°46 N | 20°04,5 W". |

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 167 tal-25 ta' Ġunju 2011)*

F'paġna 66, fl-Anness II, fil-punt 10.1.9.14. u f'paġna 67 fl-Anness II, fil-punti 10.1.9.20., 10.1.9.22., 10.1.9.23., 10.1.9.24., 10.1.11.7., 10.1.11.8., 10.1.11.9. u 10.1.11.11. u f'paġna 76, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.3.1., fl-ewwel inċiż,

*minflok:* "tal-firxa",

*aqra:* "tat-tieqa";

F'paġna 66, fl-Anness II, fil-punti 10.1.9.15., 10.1.9.16., 10.1.9.17., 10.1.9.18., 10.1.9.19., f'paġna 67, fl-Anness II, fil-punti 10.1.9.21., 10.1.11.2., 10.1.11.3., 10.1.11.4., 10.1.11.5., 10.1.11.6.,

*minflok:* "il-firxa",

*aqra:* "it-tieqa";

F'paġna 67, fl-Anness II, fil-punt 10.1.11.10.,

*minflok:* "Firxa tax-xogħol: Qawwa medja minima u massima tal-firxa [ %]",

*aqra:* "Tieqa tax-xogħol: Potenza minima u massima medja tat-tieqa [ %]";

F'paġna 67, fl-Anness II, fil-punti 10.1.11.11., 10.1.11.12. u 10.1.11.13., f'paġna 73, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.1., fl-aħħar sentenza, f'paġna 75, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.2.1., fl-ewwel paragrafu u fl-ewwel inċiż u fil-punt 4.2.3., fl-ewwel paragrafu, u f'paġna 77, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.3.2., fl-ewwel paragrafu u fl-ewwel inċiż,

*minflok:* "firxa",

*aqra:* "tieqa";

F'paġna 67, fl-Anness II, fil-punti 10.1.11.12. u 10.1.11.13., f'paġna 75, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.2.2., fit-titolu u fit-tieni sentenza, fil-punt 4.2.2.1., fl-ewwel u fit-tielet linja u fil-punt 4.2.2.3. u f'paġna 76, fit-titolu tal-punt 4.3.1.,

*minflok:* "firxiet",

*aqra:* "twieqi";

F'paġna 73, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.1., fit-titolu u fit-tieni paragrafu, f'paġna 75, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.2., fl-ewwel linja ta' taħt id-Dijagramma 2, f'paġna 76, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.3., fl-ewwel linja ta' taħt id-Dijagramma 3,

*minflok:* "tal-firxa medja",

*aqra:* "tat-tieqa tal-medja";

F'paġna 73, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.1., fl-ewwel paragrafu,

*minflok:* "ta' firxa medja",

*aqra:* "tat-tieqa tal-medja";

F'paġna 73, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.1., fl-ewwel paragrafu,

*minflok:* "firxiet medji",

*aqra:* "twieqi tal-medja";

F'paġna 74, fl-Appendiċi 1, id-Dijagramma 1 għandha taqra kif ġej,

**"Il-veloċità tal-vettura mqabbla mal-ħin u mal-emissjonijiet medji tal-vettura, li tibda mill-ewwel tieqa tal-medja, mqabbla mal-ħin.**




F'paġna 75, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.2.1., fit-tieni inċiż u f'paġna 77, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.3.2., fit-tieni inċiż,

*minflok:* "il-firxa medja",

*aqra:* "it-tieqa tal-medja";

F'paġna 75, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.2.2., fl-ewwel paragrafu u f'paġna 76, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.3.1., fl-ewwel paragrafu,

*minflok:* "il-firxiet",

*aqra:* "it-twieqi";

F'paġna 75, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.2.2., fl-ewwel paragrafu u f'paġna 76, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.3.1., fl-ewwel paragrafu,

*minflok:* "l-firxiet",

*aqra:* "t-twieqi";

F'paġna 76, fl-Appendiċi 1, fil-punt 4.3, fl-aħħar sentenza taħt id-dijagramma 3,

*minflok:* "fil-firxiet",

*aqra:* "fit-twieqi".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT